# FIL-QORTI KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

---

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**vs.**
**Darren MIZZI**

**Att t'akkuża numru: 21/2022**

**Illum l-20 ta' Ġunju 2023**

Il-Qorti,

1. Rat l-att ta' akkuża miġjuba fil-konfront ta' **Darren MIZZI** ta' 30 sena iben Richard u Mary nee' Micallef imwieled Pieta' nhar l-1 ta' Lulju tas-sena elf disa' mija tnejn u disgħin (1992), residenti Block S, 3 Agent, Trejqet Il-Qronfol, Mtarfa u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 325792M li ġie akkużat talli:

**<u>L-EWWEL (1) KAP</u>**

***Pussess Aggravat tal-pjanta Cannabis***

**<u>Il-fatti:</u>**

Illi nhar il-wieħed u tletin (31) jum ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019), il-Pulizija tal-iSkwadra ta' Kontra d-Droga, irċeviet informazzjoni kunfidenzjali li ċertu individwu bl-isem ta' Darren Mizzi (minn hawn 'il quddiem f'dan l-Att t'Akkuża msejjaħ "l-akkużat"), seta' kellu ammont sostanzjali ta' droga fil-vettura tiegħu tal-għamla 'Honda' bin-numru ta'

reġistrazzjoni 'DRN 792' li kienet ipparkjata fil-parkeġġ tal-Pixxina Nazzjonali.

Illi dakinhar stess, l-iSpettur Justine Grech tat struzzjonijiet lill-iSkwadra tagħha sabiex tissorvelja l-movumenti tal-imsemmija vettura u li, fl-eventwalità li xi ħadd jidħol fiha u jsuqha, il-pulizija kellhom isegwuha.

Illi, għalhekk, il-Pulizija marru fl-inħawi ta' dan il-parkeġġ fejn identifikaw l-imsemmija vettura li kienet ipparkjata quddiem l-entratura li tagħti għall-Pixxina Nazzjonali ġewwa Triq Maria Teresa Spinelli, il-Gżira. Għall-ħabta tas-siegħa neqsin kwart ta' wara nofsinhar (12.45pm), il-Pulizija nnutaw l-imsemmija vettura ħierġa mill-parkeġġ u bdew isegwuha bil-vetturi tagħhom.

Illi, eventwalment, il-Pulizija taw struzzjonijiet lis-sewwieq, li wara rriżulta li kien l-akkużat Darren Mizzi, sabiex iwaqqaf l-imsemmija vettura iżda għall-kuntrarju ta' dak ordnat, l-akkużat beda jsuq b'veloċità qawwija u b'mod perikoluż.
Illi l-pulizija baqgħu jsuqu wara l-vettura tal-akkużat Darren Mizzi u b'xorti tajba, il-pulizija rnexxielhom iwaqqfu lill-akkużat ġewwa Triq Xatt il-Palm, in-Naxxar, u minn tfittxija li saret ġewwa l-imsemmija vettura, il-Pulizija sabu u elevaw diversi pakketti li kienu jikkontjenu d-droga, u cioe', il-pjanta tal-Cannabis. Illi minn eżamijiet ulterjuri mill-espert maħtur mill-Qorti, irriżulta illi l-piż totali tad-droga pjanta tal-Cannabis kien dak ta' erbgħin (40) kilogramma, b'purità ta' ċirka tlieta u għoxrin fil-mija (23%), u b'valur fis-suq estimat ta' bejn erba' mitt elf ewro (€400,000) u miljun u mija u għoxrin elf ewro (€1,120,000).

Illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet id-droga pjanta tal-Cannabis jindikaw li d-droga in kwistjoni misjuba fil-pussess tal-akkużat Darren Mizzi ma kinitx maħsuba għall-użu personali tiegħu.

Illi d-droga Cannabis hija msemmija fit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>Il-konsegwenzi:</u>**

Għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Darren Mizzi sar ħati talli kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha, hekk kif speċifikata u kkontrollata skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan meta ma kienx fil-pussess ta' xi awtorizzazzjoni jew liċenzja kif meħtieġ skont il-liġi sabiex

ikollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u b'dan illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet id-droga juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

**L-akkuża:**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, a bażi tal-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha aktar 'il fuq imsemmija, jakkuża lill-imsemmi Darren Mizzi, ħati talli nhar il-wieħed u tletin (31) jum ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019), ġewwa l-gżejjer Maltin, kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha, hekk kif speċifikata u kkontrollata skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan meta ma kienx fil-pussess ta' xi awtorizzazzjoni jew liċenzja kif meħtieġ skont il-liġi sabiex ikollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u b'dan illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet id-droga juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

**Il-piena mitluba:**

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat Darren Mizzi u li huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 2, 8(d), 9, 10(1), 12, 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A, u 26, tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regoli 2, 9, u 16, tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikolużi (Avviż Legali 292/1939) kif sussegwentement emendati, u fl-Artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C, 31, u 533, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

## IT-TIENI (2) KAP

***Pussess aggravat tar-Raża meħuda mill-pjanta Cannabis***

**Il-fatti:**

Illi fl-istess kuntest ta' żmien, fatti, u ċirkostanzi kollha narrati fl-ewwel kap ta' dan l-Att t'Akkuża, u cioe', nhar il-wieħed u tletin (31) jum ta' Jannar

tas-sena elfejn u dsatax (2019), l-akkużat Darren Mizzi kellu fil-pussess xjenti tiegħu r-Raża meħuda mill-pjanta Cannabis taħt ċirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

Illi hekk kif narrat fil-paragrafi preċedenti, nhar il-wieħed u tletin (31) jum ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019), il-Pulizija tal-iSkwadra ta' Kontra d-Droga, irċeviet informazzjoni kunfidenzjali li ċertu individwu bl-isem ta' Darren Mizzi seta' kellu ammont sostanzjali ta' droga fil-vettura tiegħu tal-għamla 'Honda' bin-numru ta' reġistrazzjoni 'DRN 792' li kienet ipparkjata fil-parkeġġ tal-Pixxina Nazzjonali.

Illi, eventwalment, il-Pulizija nnutaw l-imsemmija vettura ħierġa mill-parkeġġ u bdew isegwuha bil-vetturi tagħhom. Illi ftit tal-ħin wara, il-Pulizija ordnaw lill-akkużat Darren Mizzi sabiex iwaqqaf il-vettura li kien qed isuq iżda minflok ma obda l-ordnijiet tal-Pulizija, l-akkużat qaleb fuq il-karreġġjata opposta tat-traffiku u beda jsuq b'veloċità eċċessiva u b'mod ferm perikoluż.

Illi l-pulizija baqgħu jsuqu wara l-vettura tal-akkużat Darren Mizzi u, b'xorti tajba, il-pulizija rnexxielhom iwaqqfu lill-akkużat ġewwa Triq Xatt il-Palm, in-Naxxar, u minn tfittxija li saret ġewwa l-imsemmija vettura, il-Pulizija sabu u elevaw diversi blokkok Raża meħuda mill-pjanta Cannabis. Illi minn eżamijiet ulterjuri mill-espert maħtur mill-Qorti, irriżulta li l-piż ta' dawn il-blokkok kien dak ta' ħames (5) kilogrammi u tmien mitt (800) gramma, b'purità ta' ċirka ħamsa u għoxrin fil-mija (25%), u b'valur fis-suq estimat ta' bejn sebgħa u tmenin elf ewro (€87,000) u mija u erbgħa u sebgħin elf ewro (€174,000).

Illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet id-droga Raża meħuda mill-pjanta Cannabis jindikaw li d-droga in kwistjoni misjuba fil-pussess tal-akkużat Darren Mizzi ma kinitx maħsuba għall-użu personali tiegħu.

Illi d-droga Raża meħuda mill-pjanta Cannabis hija kkontrollata bil-liġi taħt it-Taqsima I tal-Ewwel Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Il-konsegwenzi:**

Għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Darren Mizzi sar ħati talli kellu fil-pussess tiegħu r-Raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-Raża hekk kif speċifikata u kkontrollata skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan meta ma kienx fil-pussess ta' xi

awtorizzazzjoni jew liċenzja kif meħtieġ skont il-liġi sabiex ikollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u b'dan illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet id-droga juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

**L-akkuża:**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, a bażi tal-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha aktar 'il fuq imsemmija, jakkuża lill-akkużat Darren Mizzi, ħati talli nhar il-wieħed u tletin (31) jum ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019), ġewwa l-gżejjer Maltin, kellu fil-pussess tiegħu ir-Raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-Raża, hekk kif speċifikata u kkontrollata skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima III tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitlu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan meta ma kienx fil-pussess ta' xi awtorizzazzjoni jew liċenzja kif meħtieġ skont il-liġi sabiex ikollu dik id-droga fil-pussess tiegħu, u b'dan illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet id-droga juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

**Il-piena mitluba:**

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat Darren Mizzi u li huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija għal għomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67) u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja, skont dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 2, 8(a), 9, 10(1), 12, 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A, u 26, tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u r-regoli 2, 9, u 16, tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikolużi (Avviż Legali 292/1939) kif sussegwentement emendati, u fl-Artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C, 31, u 533, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**IT-TIELET (3) KAP**

***Naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mill-uffiċjali pubbliċi, senjatament PS 1086, PS 579, PC 1494, PC 1564, PC 760, u PC 101, waqt li kienu***

***qegħdin jaqdu d-doveri tagħhom jew ma ħalliex jew fixkel jew indaħalilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom***

**<u>Il-fatti:</u>**

Illi fl-istess kuntest ta' żmien, fatti, u ċirkostanzi kollha narrati fil-kapi preċedenti ta' dan l-Att t'Akkuża, il-Pulizija nnutaw l-imsemmija vettura tal-akkużat Darren Mizzi, u cioe', il-vettura tal-għamla 'Honda' bin-numru ta' reġistrazzjoni 'DRN 792' ħierġa mill-parkeġġ tal-Pixxina Nazzjonali u bdew isegwuha bil-vetturi tagħhom. Illi, eventwalment, il-Pulizija ordnaw lill-akkużat Darren Mizzi sabiex iwaqqaf il-vettura li kien qed isuq iżda minflok ma obda l-ordnijiet tal-Pulizija, l-akkużat qaleb fuq il-karreġġjata opposta tat-traffiku u beda jsuq b'veloċità eċċessiva u b'mod ferm perikoluż.

Illi, b'xorti tajba, il-pulizija rnexxielhom iwaqqfu lill-akkużat Darren Mizzi ġewwa Triq Xatt il-Palm, in-Naxxar, billi rassew il-vettura tal-akkużat mal-ħajt bil-vetturi rispettivi tagħhom. Illi, sussegwentament, il-Pulizija, senjatament PS 1086, PS 579, PC 1494, PC 1564, PC 760, u PC 101, ordnaw lill-akkużat sabiex joħroġ mill-vettura tiegħu iżda huwa rrifjuta li jagħmel dan.

Illi, eventwalment, l-akkużat Darren Mizzi inħareġ mill-vettura tiegħu, u minkejja r-reżistenza fiżika min-naħa tiegħu, il-Pulizija rnexxielhom jarrestawh.

**<u>Il-konsegwenzi:</u>**

Għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Darren Mizzi sar ħati talli naqas milli jobdi l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità mogħtija lilu mill-uffiċjali pubbliċi, senjatament PS 1086, PS 579, PC 1494, PC 1564, PC 760, u PC 101, waqt li kienu qed jaqdu d-doveri tagħhom jew ma ħalliex jew fixkel jew indaħal lill-imsemmija uffiċjala waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

**<u>L-akkuża:</u>**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, a bażi tal-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha aktar 'il fuq imsemmija, jakkuża lill-akkużat Darren Mizzi, ħati talli nhar il-wieħed u tletin (31) jum ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019), ġewwa l-gżejjer Maltin, naqas milli jobdi l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità mogħtija lilu mill-uffiċjali pubbliċi, senjatament PS 1086, PS 579, PC 1494, PC 1564, PC

760, u PC 101, waqt li kienu qed jaqdu d-doveri tagħhom jew ma ħalliex jew fixkel jew indaħal lill-imsemmija uffiċjala waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

**Il-piena mitluba:**

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat Darren Mizzi u li jiġi kkundannat għall-piena ta' xahrejn detenzjoni skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 7(2)(a), 12(1), 17, 23, 31, 338(ee), u 533, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat.

**IR-RABA' (4) KAP**

***Saq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni 'DRN 92' b'manjiera perikoluża, traskurata, u bla kont***

**Il-fatti:**

Illi fl-istess kuntest ta' żmien, fatti, u ċirkostanzi kollha narrati fl-ewwel kap ta' dan l-Att t'Akkuża, u cioe', nhar il-wieħed u tletin (31) jum ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019), il-Pulizija tal-iSkwadra ta' Kontra d-Droga kienu qed isegwu lill-akkużat Darren Mizzi li kien qed isuq il-vettura tiegħu tal-għamla 'Honda' bin-numru ta' reġistrazzjoni 'DRN 792' bil-vetturi rispettivi tagħhom.

Illi ftit tal-ħin wara, il-Pulizija ordnaw lill-akkużat Darren Mizzi sabiex iwaqqaf il-vettura li kien qed isuq iżda minflok ma obda l-ordnijiet tal-Pulizija, l-akkużat qaleb fuq il-karreġġjata opposta tat-traffiku u beda jserrep bejn il-karozzi b'veloċità eċċessiva u b'mod ferm perikoluż.

Illi, b'xorti tajba, il-pulizija rnexxielhom iwaqqfu lill-akkużat Darren Mizzi ġewwa Triq Xatt il-Palm, in-Naxxar, billi rassew il-vettura tiegħu mal-ħajt bil-vetturi tagħhom.

**Il-konsegwenzi:**

Għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Darren Mizzi sar ħati talli saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni 'DRN 792' b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, u b'mod perikoluż.

**L-akkuża:**

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, a bażi tal-fatti narrati fil-paragrafi preċedenti u għaċ-ċirkostanzi kollha aktar 'il fuq imsemmija, jakkuża lill-akkużat Darren Mizzi, ħati talli, nhar il-wieħed u tletin (31) jum ta' Jannar tas-sena elfejn u dsatax (2019), ġewwa l-gżejjer Maltin, saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni 'DRN 792' b'nuqqas ta' kont, bi traskuraġni, u b'mod perikoluż.

2. Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet preliminari ppreżentata mill-akkużat MIZZI nhar it-12 ta' Ottubru 2022 fejn huwa eċċepixxa s-segwenti

**A. <u>Nullita' tal-Atti Kumpilatorji:</u>**

**a. <u>Generali</u>**

1. Illi l-procedura kollha tal-kumpilazzjoni hija nulla, u dan peress illi kif jirrizulta minn l-atti processwali, is-sustanza tax-xhieda, filwaqt li supppost ittiehdet b'mezzi elettrono-manjetici hekk kif del reasto ordnat mill-Magistrat Dott. Doreen Clarke (A Fol 13 tal-process), u kif jipprovdi wkoll l-Att Dwar ir-Registrazzjoni Elettro-Manjetci ta' Procedimenti, ix-xhieda kollha giet xorta registrata b'mezzi digitali;

2. Illi l-Att ta' Akkuza ghandha tigi riformata billi hija nieqsa minn fatti imporanti fin-narrativa (kif ser jirrizulta iktar l-isfel) li huma essenzjali u necessarji ai finijiet ta' gustizzja. Ghaldaqstant dan in-nuqqas jaghmel l-Att ta' Akkuza annullabbli;

3. Illi ghalhekk il-fatti miġjub fl-att ta' l-akkuza ma jikkostitwixxux, fis-sustanza, ir-reat migjub jew deskritt f'dak l-att;
4. Illi bl-istess mod l-Att ta' Akkuza ma jaghti ebda taghrif dwar is-sitwazzjoni prezenti ta' Darren Mizzi liema informazzjoni ghandha *ab initio* tkun fil-pussess tal-ġurati;

5. Illi dan in-nuqqas ta' taghrif dwar is-sitwazzjoni prezenti ta' Darren Mizzi jekk jibqa jezisti jaghmel l-Att ta' Akkuza annullabbli;

6. L-akkużat ma ingħatax aċċess ghall-*case file* tal-investigazzjoni, liema *file* kien fil-pussess tal-pulizija u li kellu effett materjali fuq l-

istess prosegwiment tal-kas u l-ħruġ tal-akkużi u preċedenti arrest. Dan imur kontra d-dritt sanċit fid-dritt ewropew ta' *full disclosure and equality of arms* fi stadju ta' qabel ma l-akkużat jitressaq. Illi għalkemm wieħed jifhem li l-*informers* tal-pulizija jistgħu jiġu protetti minn l-istess pulizija primarjament fejn tidħol l-identita' tagħhom, l-ebda awtorizazzjoni ma ġiet mgħotija la minn Maġistrat u l-anqas mill-Avukat Ġenerali sabiex issir xi forma ta' konsenja kontrollata ta' droga u għaldaqstant l-operazzjoni tal-pulizija kienet waħda mhux ibbażata fuq il-Liġi u għalhekk sfilzabbli. Din għandha tiġi ddikjarata inammissibbli a priori u hija waħda perikoluża għaliex fil-kwardu tal-kapi tal-akkuża tista potenzjalment tintefa ħtija li mhijiex dovuta minn l-istess akkużat;

7. Ghaldaqstant a bazi tal-principju legali *quod nullum est, nullum producit effectum*, dak kollu li rrizulta minn tali *controlled delivery* huwa inammissibbli. Din l-eccezzjoni qedha tinghata a tenur u bis-sahha tal-artikolu 438(2)(i) tal-Kodici Kriminali; 2019;

**b. <u>Konsenja kontrollata</u>**

1. L-akkużat jargumenta ukoll li l-operazzjoni tal-Pulizija Eżekuttiva li waslet għall-arrest tiegħu b'rabta mas-sejba tad-droga in kwistjoni kienet tammonta għal konsenja kontrollata fit-termini tal-Artikolu 30B tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. In kwantu tali allura jgħid li kellha tinġieb il-prova dokumentata li din saret bil-mod indikat fl-imsemmija dispożizzjoni tal-Liġi;

2. L-akkużat ghalhekk jinsisti li l-operazzjoni tal-Pulizija minn meta dawn segwew il-movimenti tieghu sal-mument illi effettivament ġie interċettat u sussegwentement ġiet misjuba s-sustanza illeċita, kienet operazzjoni ssorveljata mill-Pulizija Eżekuttiva mill-bidu sal-aħħar u kienet ukoll taħt il-kontroll tagħhom;

3. Illi l-konsenja kontrollata tista' ssir mill-Pulizija Eżekuttiva jew mid-Dwana Maltija dment li jkunu ottjenew il-kunsens tal-Avukat Ġenerali jew ta' maġistrat;

4. Illi minn imkien fl-atti processwali ma jirrizulta li Pulizija Eżekuttiva ottjenew il-kunsens tal-Avukat Ġenerali jew ta’ Maġistrat sabiex jaghmlu l-operazzjoni taghhom;

5. Illi *in oltre* l-kunsens fil-kwistjoni ta’ konsenja kontrollata jehtieg li jkun pruvat mhux biss bix-xhieda ta’ min ottjenieh izda ukoll bl-esebizzjoni tieghu fl-atti processwali- liema kunsens ukoll huwa mankanti f’dawn l-atti;

6. Illi ghalkemm mhux necessarju li l-Pulizija tizvela min hi l-persuna li informata bl-allegat pjan ta’ traffikar, jehtieg almenu li jkun hemm indikazzjoni tad-destinazzjoni intiza, mahsuba jew suspettata u dettalji ohra biex juru li dik l-awtorizazzjoni inghatat ghal dik l-operazzjoni fi hdan tal-informazzjon moghtija lill-Avukat Generali jew lill-magistrat skont il-kaz;

7. Illi d-difiza kellha dritt tkun taf, *ad ezempio*, x’kienet l-informazzjoni li irceviet il-Pulizija Esekuttiva anke jekk tevita li ssemmi l-*informer*, kemm il-persuna kienu involuti bhala *participating informers* sabiex b’hekk ikun kontrollat dak li jitlob l-artikolu 30B tal-Kap 101 li d-droga trid tkun taht is-sorveljanza tal-Pulizija waqt tali konsenja;

8. Illi ghalkemm mill-atti proċesswali ma jirriżultax li l-Pulizija ddikjaraw li din l-operazzjoni kienet konsenja kontrollata, mhux kontestat mix-xhieda tal-Uffiċjali tal-Pulizija li kienu qegħdin jissorveljaw il-movimenti ta’ Darren Mizzi dakinhar tal-31 ta’ Jannar 2019, li l-operazzjoni kollha li seħħet dakinhar seħħet taħt għajnejn il-Pulizija li kellhom informazzjoni li kien sejjer isir xi negozju ta’ droga;

9. Stando ghalhekk ma dak li diġa ġie mistqarr mill-Uffiċjali tal-Pulizija, jirriżulta li huma għamlu użu minn informazzjoni li waslitilhom;

10. Illi ghalhekk l-operazzjoni tal-Pulizija kienet tissubentra fit-tifsira ta’ konsenja kontrollata u ghaldaqstant dina l-Onorabbli Qorti ghandha teskludi u tisfilza x-xiehda tal-Pulizija u kull dokumentazzjoni relatat mal-operazzjoni li waslet għas-sejba ta’ droga f’dan il-każ;

## B. Inammissibilita' ta' Provi:

### a. Relazzjoni u x-xhieda tal-espert Dr. Godwin Sammut

1. L-inammissibbiltà u konsegwentement t-tħassir mill-atti proċesswali tax-xhieda tal-espert mahtur mill-Qorti Dr. Godwin Sammut flimkien mar-rapport debitament esebit minnu (Dok. GS1 a fol 179 *et seq* tal-process) peress li l-laboratorju użat minn Dr. Godwin Sammut biex imexxi l-eżamijiet xjentifiċi forensiċi relattivi, jiġifieri l-laboratorju fil-Dipartiment tal-Kimika fl-Università ta' Malta, mhux laboratorju tal-ittestjar tad-droga akkreditata skont ENISO/IEC 17025 u konsegwentement jonqos milli jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Council Framework Decision 2009/905/ĠAI u l-Leġislazzjoni Sussidjarja korrispondenti 460.31 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi f-tieni lok, l-esponent tirrileva illi is-sustanza esebita f'dawn il-proceduri li giet analizzata mill-istess Dr. Godwin Sammut giet analizzata f'laboratorju mhux akkreditat u ghaldaqstant, minghajr pregudizzju ghal l-ewwel ecezzjoni, jitlob l-isfilz ta' l-istess relazzjoni rigwardanti s-sustanza esebita stante illi l-akkreditazzjoni ta' laboratorju huwa process tekniku sabiex jiccertifika li laboratorju jipproduci rizultati affidabli u li wiehed jista' jistrieh fuqhom bhala evidenza u fin-nuqqas ta' dan, tali evidenza m'ghandiex tkun ammissibbli fi proceduri penali;

### b. Kunflitt fil-provi ezebiti

1. Illi jezisti dubju serju fid-deskrizzjoni fir-rapport tal-istess xjenzat minn fol 181 sa fol 183 tal-process meta fid-deskrizzjoni ta' kull ezebit, filwaqt illi jghid illi kull *evidence bag* koncertat kien fih numru ta' pakketti (*vacuumed sealed)* u jsemmi l-kontenut ta' kull *evidence bag*, wara jghid ukoll illi *"l-pakketti l-vojta gew mghoddija lil Dr. Marisa Cassar ghall-analizi tad-DNA"*. Illi d-dubju li jinholoq huwa:

   1.1. Jekk kienx huwa li zvojtja l-istess pakketti u wara ghaddihom lil Dr. Marisa Cassar - liema informazzjoni u process ma gietx rrapurtat;

1.2. U dubju ikbar u serju fuq id-deskrizzjoni ta' kull ezebit imsemmi minn fol 181 sa 183 tal-process meta jisemmew *"il-pakketti l-vojta"* x'kien l-iskop li dawn gew analizzati u min fejn gew dawn l-istess "*pakketti vojta"*;

2. Illi oltre minn hekk jinholoq kunflitt ikbar meta l-istess x-xjenzat fir-rapport tieghu taht is-sezzjoni "*5.0-Kontinwita*" imbghad jghid *" … Id-dokumenti ghall-analizi tad-DNA kienu mmarkati bhala 044_19_DNA li fih il-packing tal-plastic trasparenti li kien fihom buds ta' lewn hodor u 044_19_DNA_Resin li fih packing li kien fihom blokkok ta' lewn kannella*". Dan johloq dubju ampjament car x'kien li l-istess xjenzat Godwin Sammut ghadda fir-realta;

3. Illi *in oltre* imkien tul il-process ma jissemma li qatt gew pprezentati pakketti vojta u meta tqabbel id-deskrizzjoni ta' kull dokument a fol 233 *et seq* fir-rapport ta' PC122 Arthur Borg lanqas ma jisemmew "*pakketti vojta".* Dan johloq kunflitt kbir fil-provi u allura x'kien dan li orginarjament u verament kien mghoddi bejn PC122 Arthur Borg, ix-xjenzat Godwin Sammut u Dr. Marisa Cassar;

4. Illi ghalhekk, fid-dawl ta' dak suespost, id-depozizzjoni ta' Dr. Godwin Sammut, moghtija minnu nhar l-10 ta' April, 2019, flimkien mar-rapport tieghu, li jinsabu a fol 179 *et seq* tal-atti processwali, flimkien ma' kwalunkwe referenza diretta jew indiretta, ancillari jew b'kull mod li jkun ghandhom jigi sfilzati minn l-atti processwali;

5. Illi a bazi ta' dawn il-fatt din l-Onorabbli Qorti ghandha ukoll tiskarta u tordna l-isfilz ta' kull dokument u ezebit mmarkati skont ir-rapport tax-xjenzat Godwin Sammut minn 044_19_01 sa 044_19_07 minhabba l-kunflitt li jezisti fid-deskrizzjoni taghhom mill-esperti nominati u partikolarment minhabba l-kunflitt tal-prova li tezisti fil-*"pakketti l-vojta"*;

### c. <u>Zamma ta' medicinali perikoluzi</u>

1. Illi ukoll din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna l-isfilz tad-dokumenti konsistenti fi droga, u dan flimkien mal- isfilz tar-relazzjonijiet kollha relatati maghhom u dan stante li mhux biss ma giex segwit dak rikjest mill-Avviz Legali 121/2002 tal-Kap 9, (li jistipula illi a

tenur tal-Artikolu 669 (2) tal-Kap 9 ir-Registratur tal-Qrati Kriminali, bl-approvazzjoni tal-Ministru tal-Gustizzja u Gvern Lokali, innomina lid-Direttur tas-Sahha sabiex izomm f'ismu l-medicinali perikoluzi meta dawn inzammu taht il-kustodja tad-Dirrettur tal-Qrati), illi talli tali inosservanza taghti lok **ukoll** ghal difett procedurali serju dwar il-kontinwita' ta' evidenza li allura hija ukoll difettuza;

**d. Rcevuti relatati mal-esibiti pprezentati fl-atti processwali- Nuqqas ta' kontinwita ta' evidenza**

1. Illi *di piu*, minkejja illi fis-seduta datata l-ghaxra (10) ta' April, 2019, ix-xjenzat Godwin Sammut xehed a fol 177 *et seq* tal-process illi ghadda l-ezebiti lill Dr. Marisa Cassar, din tal-ahhar fis-seduta ta' nhar it-30 t'Ottubru 2019 akkont tax-xhiedha taghha a fol 584 *et seq* tal-process pprezentat *"il-fdal biss tal-iswabs ghax il-bqija tal-esebiti ghaddehthom lil PC813 Clinton Vella"* izda ma hemm l-ebda rcevuta li tikkonferma li r-Registratur tal-Qrati ircieva dan l-ezebit, u ghalhekk tezisti nuqqas ta' kontinwita ta' evidenza serja anke f'dik li hija kustodja;

2. Illi ukoll minkejja illi fis-seduta ta' nhar l-erbgha (4) ta' Marzu 2020, PC813 Clinton Vella xehed a fol 626 *et seq* tal-process xehed li rritorna l-ezebiti l-Qorti, ma hemm l-ebda rcevuta li tikkonferma li r-Registratur tal-Qrati ircieva dan l-ezebit, u ghalhekk tezisti nuqqas ta' kontinwita ta' evidenza serja anke f'dik li hija kustodja;

3. Illi ghalkemm fit-tieni faccata tal-process (mhux innumerata) jidher li hemm lista ta' dokumenti li gew pprezentati minn PC813 Clinton Vella nhar l-04 ta' Marzu 2020 (xhiedha a fol 626 *et seq* tal-process) ma hemm l-ebda rcevuta li tikkonferma li r-Registratur tal-Qrati ircieva dawn l-ezebit, u ghalhekk tezisti nuqqas ta' kontinwita ta' evidenza serja anke f'dik li hija kustodja;
4. Illi skont ix-xhieda tax-xjenzat Dr. Godwin Sammut fejn jghid li gie moghti seba' (7) dokumenti u skont il-verbal a fol 107 tal-process fejn gie ddikjarat illi l-istess xjenzat ppprezenta l-ezebiti minn 044_19_01 sa 044_19_07 jidher illi ma hemm l-ebda rcevuta li tikkonferma li r-Registratur tal-Qrati ircieva dawn l-ezebit, u ghalhekk tezisti nuqqas ta' kontinwita ta' evidenza serja anke f'dik li hija kustodja;

5. lli minkejja illi jirrizulta illi Dr. Marisa Mifsud rritornat d-DVD l-Qorti, fis-seduta datata tal-ghaxra (10) t' April, 2019, ma hemm l-ebda rcevuta li tikkonferma li r-Registratur tal-Qrati ircieva dan l-ezebit, u ghalhekk tezisti nuqqas ta' kontinwita ta' evidenza serja anke f'dik li hija kustodja;

6. Illi ukoll minkejja illi jirrizulta illi Dr. Marisa Cassar rritornat l-ezebiti l-Qorti, fis-seduta datata t-tletin (30) t' Ottubru, 2019, ma hemm l-ebda rcevuta li tikkonferma li r-Registratur tal-Qrati ircieva dan l-ezebit, u ghalhekk tezisti nuqqas ta' kontinwita ta' evidenza serja anke f'dik li hija kustodja;

### e. <u>Provi relatati mar-rapport u l-ezebiti ta' Stephen Farrugia Sacco</u>

1. Mingħajr preġudizzju iżda b'mod alternattiv l-inammissibilita' u l-konsegwenti sfilz tax-xhieda ta' Stephen Farrugia Sacco u kif ukoll ir-rapporti minnu mħejjiha billi l-esebiti li fuqhom huwa wettaq l-analizi *de quo* jidher li ġew lilu mgħoddija minn PC 773 Ryan Tonna (ara fol 371 tal-process), liema ufficjal pero' fl-ebda waqt ma nġieb sabiex jixhed u *kwindi* ġiet kontaminata u nkissret ic-*chain of custody* tal-istess esebiti;

### f. <u>Ritratti ezebiti</u>

1. Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna l-isfilz tad-dokument immarkat bhala "*Dok JG8*", ezebit in atti minn l-Ispettur Justine Grech (a fol 701 *et seq* tal-process), konsistenti fi tlett (3) ritratti, u dan peress illi ma ttella' l-ebda xhud li jikkonferma li ha dawn l-istess ritratti;

2. Illi *in oltre* fl-ebda mument ma gie kkonfermat illi kienet l-istess Spettur Justine Grech illi hadet dawn ir-ritratti jew *in ogni caso* ttella' xi xhud fejn ikkonferma illi kien huwa li ha dawn l-istess ritratti;

### g. <u>L-allegat sewqan ta' vettura b'manjiera perikoluza, traskurata u bla kont</u>

1. Illi fir rigward tar-raba’ (4) kap u *cioe* illi l-akkuzat saq vettura *“b’manjiera perikoluza, traskurata u bla kont*”, din l-Onorabbli Qorti ghandha tiskarta din l-akkuza minhabba l-fatt illi primarjament filwat li r-raba’(4) kap jaghmel refernza ghall-vettura “**DRN 92**” fil-kontenut tal-istess raba’ (4) kap jaghmel referenza ghal-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni “**DRN 792**”;

2. Illi f’kaz illi dina l-Onorabbli Qorti tiskarta l-ewwel eccezzjoni f’din is-sezzjoni, jibqa’ jinkorru l-fatti illi:

2.1. Skont ix-xhiedha u d-dokumenti ezebiti minn Stephanie Grech- rapprezentanta tal-LESA (xhiedha a fol 560 *et seq* tal-process), hija ikkonfermat li fil-31 ta’ Jannar, 2019 il-*calibration* tal-camera kienet qed “*tahdem sew*” u filwaqt li pprezentat il-*file* u l-inkartament kollu relatat- (mmarkat “*SG 1*” a fol 562 tal-process) l-ebda ritratt ezebit ma juri l-vettura rregistrata bin-numru ta’ registrazzjoni “DRN 92” jew “DRN 792”;

2.2. Illi meta l-istess Stephanie Grech- rapprezentanta tal-LESA regghet giet mitluba tixhed (fol 712 *et seq* tal-process) u tipproduci l-istills tal-istess 31 ta’ Jannar, 2019 (dokument immarkat *“SG2”* fol 714 *et seq* tal-process) ghal darb’ ohra l-ebda ritratt ezebit ma juri l-vettura rregistrata bin-numru ta’ registrazzjoni “DRN 92” jew “DRN 792”;

2.3. Illi meta l-istess Stephanie Grech- rapprezentanta tal-LESA regghet giet mitluba tixhed ghat-tielet darba (fol 724 *et seq* tal-process) hija kkonfermat illi li c-cirkostanzi li jwasslu biex vettura ma tigix tidher fuq stills ta’ *speed camera* ikunu*: “biex ma gietx tidher ikun naqqas, ikun naqqas il-velocita` u ma tkunx , ghax l-ispeed camera taqbad biss jekk tkun ghaddej bil-velocita` skont is-signs li jkun hemm”*;

2.4. Illi *in oltre* meta xehed Sherwin Bonnici- rapprezentant tal-G4S (fol 729 *et seq* tal-process), rega kkonferma illi fil-31 ta’ Jannar, 2019 l-*ispeed camera* kienet qed tahdem sew;

2.5. Illi allura meta tqabbel ix-xhiedha ta’ PC1086-Johann Micallef (fol 15 *et seq* tal-process), PC1564–Kyle Zammit (fol 26 *et seq* tal-

process), PC1494- Andre Grech (fol 38 *et seq* tal-process- fejn partikolarment jghid a fol 40 tal-process *"l-ispeedometer tal-karozza li konna ghaddejin over hundred kilometers per hour"*), PC 760-Chris Saliba (fol 50 *et seq* tal-process), PS579-Anthony Micallef (fol 100 *et seq* tal-process), PC101- Raznai Gaffarena (fol 169 *et seq* tal-process), jidher ampjament car illi ma huwiex minnu li Darren Mizzi "*saq vettura b'manjiera perikoluza, traskurata u bla kont*" kif allegat, ilghaliex kieku dan kien il-kaz l-*ispeed cameras, considerando* ukoll li kienu qed jahdmu sew skont il-*calibration,* kienu jaqbdu l-istess vettura li kienet qed tinstaq *"b'manjiera perikoluza, traskurata u bla kont"*;

2.6. Illi ghalhekk kien ikun realment impossibli li vettura li allegatament instaqet *"b'manjiera perikoluza, traskurata u bla kont"* ma tinqabx mill-*ispeed camera* ikkalibrata u li tahdem sew, li kieku verrament din il-vettura instaqet *"b'manjiera perikoluza, traskurata u bla kont";*

2.7. Illi certament il-vetturi ghaddew minn quddiem l-*ispeeed camera* imsemmija hekk kif jikkonferma ukoll PC1564- Kyle Zammit a fol 32 tal-process u PC101-Raznai Gaffarena a fol 171 tal-process;

2.8. Illi *di pui* kien ikun realment impossibli illi Darren Mizzi inaqqas l-*ispeed* ghal parti mit-triq sabiex ma jinqabadx bl-*ispeed camera*;

2.9. Illi ghalhekk jinholoq dubju serju fix-xhidha tal-ufficjali tal-pulzija ezekuttiva indikati iktar il'fuq din is-sezzzjoni minhabba:

2.9.1. L-inkosistenza fix-xhiedha tal-ufficjali tal-pulzija ezekuttiva meta pparagunata mar-rapprezentati tal-LESA u G4S;

2.9.2. L-inkosistenza fix-xhiedha tal-ufficjali tal-pulzija ezekuttiva meta pparagunata mad-dokumentazzjoni u ezebiti tal-istess rapprezentati tal-LESA u G4S;

3. Illi ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti ghandha tiskarta x-xhiedha kollha tal-pulzija ezekuttiva imsemmija iktar 'l fuq u tordna l-isfilz taghha

ghaliex tmur kontra dak ddokumentat u ezebit mir-rapprezentati tal-LESA u G4S.

### h. <u>L-arrest ta' Darren Mizzi</u>

1. Illi l-operazzjoni kollha ezegwita mill-Pulizija, minn waqt l-arrest tal-akkuzat Darren Mizzi hija nulla, u konsegwentement din l-Onorabbli Qorti ghandha tiskartaha u tordna l-isfilz ta' kull depozizjoni li taghmel referenza ghaliha b'mod dirett jew indirett u dan akkont tal-ilment tal-ksur tad-d-drittijiet tiegħu għall-ħarsien kontra trattament inuman jew degradanti;

2. Illi akkont tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta *"Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jewtrattament inuman jew degradanti";*

3. Illi fuq l-istess binarji l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jipprovdi regola ġenerali li *"No one shall be subjected to torture or to inhuman or degrading treatment or punishment."*;

4. Illi Darren Mizzi qed jissubixxi trattament abbuziv mill-Pulizija Ezekuttiva *durante* l-arrest tieghu;

5. Illi *di fatti* hekk kif deskritta fir-ritratti akkompajanti r-relazzjoni tal-espert mediku Dottor Mario Scerri (a fol 334 *et seq* tal-process) Darren Mizzi kellu:

> *"Illi dan kellu peri-orbital haematoma madwar l-ghajn il-leminija assocjata ma tbengila ta' kulur vjola 3.9 centimetri b'2.8 centimentri (**ara ritratt numru 4**). Kien hemm subconjunctival haemorrhage fl-ghajn il-leminija;*
>
> *Illi kien hemm ukoll nefha fuq iz-zygoma tal-lemin 3.0 centimetri b'3.2 centimetri. Din in-nefha kienet akkumpanjata minn tbengila ta' kulur vjola 1.6 centimetri b'0.8 centimetri (**ara ritratt numru 4**);*

*Illi fuq in-naha tax-xellug tal-mohh kien hemm zewg abrazjonijiet (***ara ritratti 5 u 6).** *Dik l-abrazjoni aktar medjali kienet twila 1.6 centimetri u wiesa' 0.1 centimetru (***ara ritratt numru 6)** *";*

*Illi 2.5 centimetri iktar laterali minn din l-abrazjoni kien hemm abrazjoni ohra li kienet convex 'l isfel u 'l gewwa 2.9 centimetri b'0.1 centimetru (***ara ritratt numru 6);**

*Illi kien hemm ukoll tbengila fuq l-iliac crest tal-lemin. Din it-tbengila kienet ta' kulur vjola 4.8 centimetri b'1.6 centimetri (***ara ritratti 7 u 8)***;"*

6. Illi l-espert mediko-legali Dr. Mario Scerri fir-relazzjoni tieghu ikompli jghid illi :

   6.1. L-"*periorbital haematoma madwar l-ghajn il-leminija ta'* ***Darren Mizzi,*** *akkompnajata minn periorbital haematoma kienet kompatibbli ma' blunt trauma fuq il-ghajn*";

   6.2. "*N-nefha fuq iz-zygoma tal-lemin assocjata ma tbengila kienet kompatibbli ma' blunt trauma ohra fuq il-wicci";*

   6.3. *"L-abrazzjonijiet deskritti fuq il-mohh (forehead) ta'* ***Darren Mizzi*** *kienu friski u kompatibbli ma' grif li setghu ukoll gew maghmulin minn hgieg miksur"*

7. Illi *di pui* skont id-deposizzjoni tat-tabiba Dr. Amy Zahra Camilleri (fol 557 *et seq* tal-process) tikkonferma li kienet hija li ezaminat lil Darren Mizzi fil-31 ta' Jannar tas-sena 2019 u filwaqt li tikkonferma li kienet hija li rrilaxxat ic-certifikat a fol 79 tal-process, tikkonferma li l-istess Darren Mizzi "*kellu tbengila madwar ghajnu l-leminija, kellu ferita zghira nine millimeters li kellu bzonn tlett punti ghaliha u kellu tbengila ukoll fuq l-abjad tal-ballun ta' l-ghajn il-leminija, in-naha ta' barra u abli kien hemm ukoll xi tbengil fuq il-widna l-leminija";*

8. Illi dawn ir-rapporti juru bic-car illi Darren Mizzi sofra xi griehi *durante* l-arrest tieghu *considerando* ukoll n-natura friska tal-istess griehi;
9. Illi allura hemm dubju serju kemm ix-xhiedha ta' PS1086- Johann Micallef (a fol 15 *et seq* tal-process) hija kredibbli meta huwa qal li "*x'hin gejt biex ninzel waqajt minn fuq il-bonnet u waqajna mal-art*";

10. Illi hemm dubju serju kemm ix-xhiedha ta' PC1564- Kyle Zammit (a fol 26 *et seq* tal-process) hija kredibbli meta waqt jghid li *"l-vettura giet innutata ghal-habta ta' nofsinhar ..."* u semma ezattament x'gara, u wara jispjega kif gie mahrug Darren Mizzi minn gol-vettura, u jkompli jghid li ra "*d-dmija",* wara jghid illi "*jien ma tajt xejn u lanqas rajt, lanqas rajt lil min rega jdejh. Lanqas rajt vjolenza"*;

11. Illi ukoll jezisti dubju fix-xhiedha ta' PC1494- Andre Grech (fol 38 *et seq* tal-process) komparata ma dik ta PS1086- Johann Micallef ghaliex filwaqt li PS1086- Johann Micallef jghid li "*waqa fuqu",* PC1494- Andre Grech jghid illi "*.. kif inhareg mit-tieqa, tnizzel mal-art*". Dan ifisser li xhiedha ta' dawn ix-xhiehda ma jikkombacawx;

12. Illi x-xhiedha ta' PC760-Chris Saliba (fol 50 *et seq* tal-process) tohloq dubju fil-kredibilta taghha meta jixhed illi PS1086- Johann Micallef **waqa fuq Darren Mizzi meta dawn kienu mal-art,** u fl-ebda mument ma jsemmi li PS1086- Johann Micallef waqa' minn fuq il-*bonnet* u gie fuq Darren Mizzi bhalma precedentement kien xehed l-istess PS1086- Johann Micallef;

13. Illi x-xhiehda ta' PC101-Raznai Gaffarena (a fol 169 *et seq* tal-process) hija kontradittorja fiha nnfisha ghaliex filwaqt li jghid "*Nerga nghid li ghedt ma ntuzatx forza u daqqiet ma taghnihx*" fis-sentenza ezettament ta' wara jghid illi "*Il-bieba kienet imsakkra u ma kellniex l-ebda option hlief li nkissru t-tieqa u jinhareg bil-forza* " u wara jkompli billi jghid "*.. ghalhekk giet il-forza biex titkisser it-tieqa u jinhareg bil-forza mit-tieqa*";

14. Illi Kapitolu 164: L-Att Dwar il-Pulizija, fl-Artikolu 75 specifikament jghid illi *"L-uffiċjali tal-pulizija jistgħu jużaw dik il-forza moderata u proporzjonata li tista' tkun meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-osservanza tal-liġijiet"*;

15. Illi ghalhekk meta wiehed jaghsar ix-xhiedha tal-Uffijcala tal-Pulizija Ezekuttiva wiehed isaqsi min fejn gew il-griehi sofferti mill-istess Darren Mizzi;

16. Illi ukoll meta wiehed jaghsar ix-xhiedha kollha tal-Uffijcala tal-Pulizija Ezekuttiva wiehed jinnota l-kunflitt li jezisti fl- istess xhieda tal-Uffijcala tal-Pulizija Ezekuttiva;

17. Illi ghalhekk bazi ta’ dawn il-fatti din l-Onorabbli Qorti ghandha tiskarta u tordna l-isfilz ta’ kull dokument u ezebit rela max-xhiedha tal-Uffijcala tal-Pulizija Ezekuttiva;

i. **<u>Nuqqas ta’ obbidjenza ghal-ordnijiet legittimi mill-ufficjala pubblici waqt li kienu qeghdin jaqdu d-doveri taghhom jew ma halliex jew fixkel jew indahlilhom waqt il-qadi ta’ dmirijiethom</u>**

1. Illi primarjament Darren Mizzi ma setghax jonqos milli jobdi l-ordinjijet ta’ PC101 ilghaliex fis-seduta tal-31 ta’ Jannar 2019, dan tal-ahhar ikkonferma bil-gurament illi: “*Jien kont akkumpanjat mill-kollega WPC330 Alana Caruana gewwa l-vettura tat-tip Peugoet, SUV, bajda, bin-numru tar-registrazzjoni DBO-257*”;

2. Illi ghalhekk Darren Mizzi ma seta’ qatt jinduna illi l-persuni li kienu fl-istess vettura tat-tip Peugeot, SUV, bajda kienu Ufficjala Pubblici;

3. Illi Darren Mizzi ma setghax jonqos milli jobdi l-ordinjijet ta’ PS1086 u PC1564 ilghaliex fis-seduta tal-31 ta’ Jannar 2019, l-istess PC1564 filwaqt li ikkonferma bil-gurament illi huwa kien fil-vettura ma PS1086, huwa qal ukoll “*jien kont qed insuq vettura tat-tip Citroen bin-numru ta’ registrazzjoni HBC-964”* (fol 132 tal-process);

4. Illi *in oltre* PS1086 a fol 141 tal-process ikkonferma bil-gurament illi “*Fil-31 ta’ Jannar 2019 filghodu jien, kont riekeb ma PC1564 Kyle Zammit fil-vettura Citroen bajda bin-numru ta’ registrazzjoni HBC-964*”;

5. Illi ghalhekk Darren Mizzi ma seta' qatt jinduna illi l-persuni li kienu fl-istess vettura tat-tip Citroen kienu Ufficjala Pubblici;

6. Illi ukoll Darren Mizzi ma setghax jonqos milli jobdi l-ordinjijet ta' PC760 u PC1494 ilghaliex fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2019, l-istess PC760 filwaqt li ikkonferma bil-gurament illi huwa kien fil-vettura ma PC1494 qal ukoll "*konna qeghdin fil-vettura tat-tip Mercedes, tal-kulur silver bin-numru ta' registrazzjoni BCM-107*" (fol 134 tal-process);

7. Illi PC1494 a fol 138 tal-process jikkonferma bil-gurament illi: "*Fil-31 ta' Jannar, 2019 ghal-habta tan-nofs siegha (12:30pm) kont flimkien ma PC760 kollega tieghi fil-Mercedes xta' kulur silver* ";

8. Illi ghalhekk Darren Mizzi ma seta' qatt jinduna illi l-persuni li kienu fl-istess vettura tat-tip Mercedes kienu Ufficjala Pubblici;

9. Illi ukoll Darren Mizzi ma setghax jonqos milli jobdi l-ordinjijet ta' PC579 ilghaliex fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2019 , dan tal-ahhar ikkonferma bil-gurament illi "*konna ninsabu f'vettura tat-tip Kia Rio* " (fol 143 tal-process);

10. Illi ghalhekk Darren Mizzi ma seta' qatt jinduna illi l-persuni li kienu fl-istess vettura Kia Rio kienu Ufficjala Pubblici;

11. Illi ghalhekk l-akkuzat qed jecepixxi n-nullita' tat-tielet (3) kap tal-att tal-akkuza in kwantu l-fatt illi huwa qatt ma ma seta' qatt jinduna illi l-persuni li kienu qed isegwuh kienu Ufficjala Pubblici;

3. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet relattivament għal dawn l-eċċezzjonijiet preliminari;

**Ikkunsidrat**

**A. Nullita' tal-Atti Kumpilatorji**

4. Għal dak li jirrigwarda **l-ewwel eċċezzjoni** l-akkużat qiegħed jippretendi li l-atti tal-kumpilazzjoni jiġu dikjarati nulli u dan peress li kif jirriżulta mill-atti proċesswali, is-sustanza tax-xhieda suppost ittieħdet b'mezzi elettromanjetiċi hekk kif jipprovdi l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni Elettro-Manjetika ta' Proċedimenti, iżda x-xhieda kollha ġiet reġistrata b'mezzi diġitali.

5. L-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 284 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid:

> Minkejja kull disposizzjoni f'xi liġi oħra, kull qorti **tista'**[1] tordna li l-proċedimenti tagħha jew xi parti minnhom jiġu reġistrati b'mezzi elettro-manjetiċi.

6. Minn dan jirriżulta li huwa fakultattiv fuq il-Qorti, fi stadju ta' kumpilazzjoni, li tordna li l-proċedimenti jew parti minnhom jiġu reġistrati bl-użu ta' mezzi elettro-manjetiċi. Il-Liġi tħalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti kif ix-xiehda tax-xhieda tiġi reġistrata. Tista' tuża mezzi elettromanjetiċi, daqskemm tista' tuża mezzi oħra li l-Qorti jidhrilha xierqa u idoneji li jiġu użati għal dak l-għan. Dan huwa wkoll rifless fl-artikolu 390(6) tal-Kodiċi Kriminali li jgħid:

> (6) Il-qorti **tista'**,[2] wara li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ, *ex officio*, tordna li t-tweġibiet mogħtija mix-xhud, jew is-sustanza tagħhom, jittieħdu bl-istenografija minn stenografi maħturin għal hekk jew jiġu reġistrati b'mezzi elettromanjetiċi. In-noti tal-istenografat għandhom jittieħdu b'linka li ma titħassarx u jkunu iffirmati fuq kull paġna mill-istenografi u flimkien mat-traskrizzjoni għandhom, fl-oriġinal, jidħlu fl-atti tal-kawża. Ir-reġistrazzjoni elettromanjetika għandha tiġi traskritta taħt id-direzzjoni tar-reġistratur u t-traskrizzjoni għandha tidħol fl-atti tal-kawża. F'kull każ, it-traskrizzjoni tista' tkun miktuba bl-idejn jew bit-typewriter u għandha tinqara lix-xhud, matul is-seduta jew wara, mir-reġistratur li għandu jniżżel nota ta' dak il-qari fit-tarf tat-traskrizzjoni.

7. Anke hawn hija diskrezzjonarja fuq il-Qorti li tara x'mezzi tuża biex tassigura li t-tweġibiet tax-xiehda jew is-sustanza tagħhom jiġu ridotti f'kitba. Il-Qorti **tista'** anke ex officio tordna li x-xiehda tittieħed bil-mezz ta' stenografi jew b'mezzi elettromanjetiċi skont dan is-sub-artikolu u d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 284 tal-Liġijiet ta' Malta.

8. Minn dan jitnislu żewġ punti:
   (a) il-Qorti mhix marbuta li tuża biss dawk il-mezzi u

[1] Enfasi ta' din il-Qorti.
[2] Idem.

(b) il-Liġi ma tippreskrivi ebda sanzjoni f'każ li l-Qorti ma tirrikorrix għal dawn il-mezzi jew jekk tagħżel li tirrikorri għal dawn il-mezzi tispiċċa tagħżel li tadotta mezzi oħra.

9. Kif tgħid sewwa d-Difiża, illum hemm mezzi oħra li l-Qrati qegħdin jużaw, in primis mezzi elettroniċi li, mal-ewwel daqqa t'għajn ma humiex dawk indikati fil-Kapitolu 284 tal-Liġijiet ta' Malta jew l-artikoli 390(6) tal-Kodiċi Kriminali. Iżda kif intqal iżjed il-fuq, l-għażla tal-mezzi li tista tirrikorri għalihom il-Qorti biex tirreġistra xiehda u tittraskrivi tali xiehda reġistrata, mhix marbuta biss ma dawk l-għażliet li ssemmi l-Liġi, ġaladarba il-Qorti tista' tirrikorri għal xi wieħed minn dawk il-mezzi. L-għażla tal-mezzi elettroniċi għar-reġistrazzjoni u traskrizzjoni u l-eventwali stampar jew skennjar ta' xiehda u dokumenti, hija l-għażla leġittima li l-Qorti tista' tirrikorri għaliha mingħajr pero ma tkun qegħda tikser dak dispost mill-artikolu 390 tal-Kodiċi Kriminali jew id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 284 tal-Liġijiet ta' Malta. Iżda minkejja dan, il-Qorti tista' xorta tirrikorri għal mezzi ta' reġistrazzjoni u traskrizzjoni oħra – anke dawk li ma humiex imsemmija espressament fil-Liġi – dment li jwaslu għall-istess riżultat stante li l-għażla tal-istenografi jew typewriter jew bl-idejn jew b'mezzi elettromanjetiċi hija sempliċi għażla mogħtija lil Qorti minn fost opzjonijiet disponibbli minn żmien għal żmien. Ir-raġuni hi li l-Leġislatur ħalla l-bieb miftuh għal mezzi li jkunu eżistenti fil-preżent, iżda wkoll għal dawk li jkunu disponibbli fil-ġejjieni grazzi għall-iżviluppi teknoloġiċi. L-importanti għall-Leġislatur huwa li l-Qorti żżomm rendikont reġistrat u traskritt tax-xiehda tax-xhieda b'mod li jkun fidil, korrett u preċiż.

10. Apparti minn hekk ġaladarba s-setgħa msemmija mill-artikolu 390 tal-Kodiċi Kriminali jew id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 284 tal-Liġijiet ta' Malta hi setgħa fakultattiva, in-nuqqas li l-Qorti teżerċita dik is-setgħa, ma ġġibx il-konsegwenza tan-nullita tal-kumpilazzjoni jew dik il-parti tax-xhieda li ma ġietx reġistrata bl-użu ta' tali mezzi u dan kif qiegħed jippretendi l-akkużat f'dan l-istadju.

11. Dan huwa wkoll in linja ma' dak li stqarret ukoll il-Qorti Kriminali fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Degiorgio**, deċiża nhar it-30 ta' Ottubru 2020 fejn intqal is-segwenti:

Minkejja kull disposizzjoni f'xi liġi oħra, kull qorti tista' tordna li l-proċedimenti tagħha jew xi parti minnhom jiġu reġistrati b'mezzi elettro-manjetiċi."

Dan ifisser illi l-Qorti **ma hijiex marbuta** illi taghmel registrazzjoni tal-procediment li jkun qed isir quddiemha u li sussegwentement dawn jigu traskritti u ghalhekk tista' tirregistra kull haga li jsir matul l-udjenza bil-miktub, kif fil-fatt sehh f'dan il-kaz..

12. Minbarra dan, il-Liġi ma tippreskrivix il-piena tan-nullita tal-atti kumpilatorji fil-każ li l-Qorti tal-Maġistrati ma timxix mal-artikolu 390(6) tal-Kodiċi Kriminali jew tal-Kapitolu 284 tal-Liġijiet ta' Malta. L-anqas ma tipprovdi għal xi konsegwenza partikolari fil-każ li l-Qorti tal-Maġistrati ma tirrikorrix għal dawn il-mezzi jew jekk tagħżel li tirrikorri għal dawn il-mezzi tispiċċa tagħżel li tadotta mezzi oħra biex bihom tirreġistra u tittraskrivi x-xiehda. L-anqas ma din il-Qorti tqis li għandha tikkommina nullita fl-atti kompilatorji fil-każ fejn dik il-Qorti tkun effettivament eżerċitat id-diskrezzjoni li tirreġistra u tittraskrivi bil-mezz imsemmi fil-Kapitolu 284 tal-Liġijiet ta' Malta iżda li mbagħad wara tirrikorri għal mezzi differenti minn dawk previsti u dan peress li f'dan il-każ, ir-riżultat milħuq mill-Qorti tal-Maġistrati, għalkemm b'mezzi differenti minn dawk previsti mill-Liġi u għall-bidu magħżula mill-Qorti, xorta waħda produċew ir-riżultat li trid il-Liġi. Wara kollox l-anqas hemm Liġi li tipprojbixxi lill-Qorti li, wara li tkun għażlet il-mezz għar-reġistrazzjoni u traskrizzjoni tax-xiehda wara tbiddel dak il-mezz magħżul minnha għall-fini tar-reġistrazzjoni u traskrizzjoni tax-xiehda.

13. Għaldaqstant filwaqt li din il-Qorti taqbel mad-Difiża li l-Leġislatur imissu li jkun iżjed attent u viġilanti b'mod attiv u proattiv f'dak li jirrigwarda t-tibdiliet li jkunu jeħtieġu li jsiru lill-Kodiċi Kriminali u liġijiet oħra ta' indoli proċedurali minn żmien għal żmien biex dejjem tiġi assikurata iżjed kjarezza u preċiżjoni fit-twettieq tal-obbligi ġudizzjarji tal-Qrati, mill-banda l-oħra ma taqbilx mad-Difiża li n-nuqqas lamentat minnha fl-ewwel eċċezzjoni għandu jwassal għan-nullita' tal-atti tal-kumpilazzjoni. Lanqas ma jista' jingħad li dan ikun jammonta għal xi difett proċedurali minn dawk li l-Liġi tikkontempla fl-Artikolu 597(4) tal-Kodiċi Kriminali bħala li għandu jwassal ukoll għan-nullita' tal-att tal-akkuża.

**Din il-Qorti qiegħda għalhekk tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari markata A.a.1.**

**Ikkunsidrat**

14. Illi għal dak li jirrigwarda l-eċċezzjoni ndikata bħala A.a.2 l-akkużat qiegħed jippretendi li l-Att tal-Akkuża għandu jiġi dikjarat null in kwantu nieqes minn fatti importanti fil-parti narrativa. L-akkużat jippretendi dikjarazzjoni ta' nullita tal-Att tal-Akkuża fl-intier tiegħu iżda fl-istess waqt ma jorbotx din l-istess eċċezzjoni ma' xi Kap partikolari tal-Att tal-Akkuża. L-akkużat naqas ukoll milli jindika liema huma dawk il-fatti li huwa jqis 'essenzjali u neċessarji ai finijiet ta' ġustizzja' li skontu ma nkludietx l-Avukat Ġenerali fl-Att tal-Akkuża.

15. Il-Qorti tifhem li din l-eċċezzjoni preliminari hija msejsa fuq il-formalitajiet preskritti fl-Artikolu 589(ċ) tal-Kodiċi Kriminali, li tirrikjedi li l-Att tal-Akkuża jkun fih ad validitatem, fost oħrajn:

> **il-fatt li jikkostitwixxi r-reat**[3], bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż-żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ-ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena.

16. In-narrativa esposta mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta' Akkuża hija biss preżentazzjoni ta' verżjoni ta' fatti **<u>hekk kif jirriżultaw lill-Avukat Ġenerali</u>** mill-provi li jkunu ġew miġbura fl-istadju istruttorju u għandhom jirriflettu t-teżi li tkun qiegħda tipprospetta l-Avukat Ġenerali fl-akkuża. Dawn il-fatti bl-ebda mod ma jikkostitwixxu prova ta' dak li l-Avukat Ġenerali tallega fl-Att ta' Akkuża. Imbagħad ikun jispetta lill-ġurati sabiex, taħt id-direzzjoni tal-Imħallef togat, jiġġudikaw lill-akkużat abbażi tal-provi li jkunu nġiebu u nstemgħu quddiemhom. L-Att ta' Akkuża ma jitqiesx parti minn dawk il-provi.

17. L-iskop tal-Att ta' Akkuża u r-rekwiżit fl-artikolu 589(ċ) tal-Kodiċi Kriminali mhux daqstant illi jorbot lill-ġurati bil-kontenut tiegħu iżda li jservi biss sabiex l-akkużat permezz tal-fatti hemm elaborati jkun jista' jkollu stampa ċara tal-mod kif l-Avukat Ġenerali tkun qegħda tifhem u tinterpreta dawk il-provi li jkunu nġabru fl-istruttorja biex huwa jkun jista' jipprepara adegwatament id-difiża tiegħu.

18. Fl-appell kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Adrian Piscopo** deċiż kolleġjalment nhar it-12 ta' Ottubru 2022 fejn ġie rilevat li:

---

[3] Enfasi miżjuda.

> Illi l-ġurisprudenza in materja hija kopjuża. Dak li għandha tara l-Qorti meta tiġi biex tqies eċċezzjoni bħal din ventilata mill-appellant huwa li jkun hemm rispett u osservanza mill-Avukat Generali ta' dak li jiddisponi l-artikolu 589 tal-Kodiċi Kriminali. Ċertament jekk l-Avukat Ġenerali setax għażel kelma minflok oħra sabiex jirrakkonta il-fatti li minnhom imbagħad silet ir-reat addebitat lil persuna akkużata, ma jwassalx għal xi nullita' ta' l-Att ta' l-Akkuża billi l-fatti li jwasslu lil ġurati għal ġudizzju tagħhom huma dawk biss li jemerġu mill-provi mismugħa waqt il-ġuri u żgur mhux fuq dak rakkontat mill-Avukat Ġenerali, kif dejjem jiġu ripetutament imwissija il-ġurati mill-Imħallef togat fl-indirizz tiegħu.

19. Fl-Artikolu 589 il-Kodiċi Kriminali jelenka x'għandu jkun fih l-Att ta' Akkuża. Fosthom hemm l-obbligu tal-Avukat Ġenerali li jagħmel l-espożizzjoni tal-fatti billi jfisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż-żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ-ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena. F'din l-esposizzjoni tal-fatt, l-Avukat Ġenerali hu konċess ċertu grad ta' liberta dwar kif jesponi dawn il-fatti, li pero jrid jirrifletti l-mod kif ikun fehem il-provi miġbura matul il-kors tal-istruttorja. Biss din in-narrativa ma tikkostitwix "il-prova" tal-fatt. Il-prova hija msejsa fuq dak li oġġettivament jirriżulta mill-evidenza li tkun ġiet miġbura matul l-istruttorja u li eventwalment jiġi preżentat fil-kors tal-ġuri għall-ġudizzju tal-Ġurija. Din il-Qorti ma tistax tinoltra ruħha fuq dan l-aspett in kwantu mhix vestita bis-setgħa tal-ġudizzju dwar il-fatti tal-każ. L-anqas tista' tistħarreġ jekk dik in-narrattiva tal-Avukat Ġenerali tirriżultax imsejsa jew imsaħħa mill-provi prodotti fl-istruttorja. Dik hija setgħa riżervata għall-ġudizzju tal-Ġurija. Fl-aħħar mill-aħħar dak li jgħodd u jorbot lil ġurati hija l-evidenza li tkun miġjuba lilhom u li toħroġ matul il-kors tal-ġuri.

20. Fl-appell kriminali superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Kevin Gatt u Omissis** deċiż nhar is-27 ta' Ottubru 2021 intqal hekk:

> 25. Huwa ben risaput u kemm–il darba riaffermat fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna illi l-liġi tħalli fid-diskrezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali biex ifassal l-Att ta' l-Akkuża u lkapi rispettivi kontenenti l-akkuzi imressqa fil-konfront tal-persuna akkużata. LAvukat Ġenerali huwa marbut b`dak li jgħid l-artikolu 589 tal-Kapitolu 9 li jiddisponi hekk : "L-att tal-akkuża jsir fl-isem tar-Repubblika ta' Malta, u għandu –
> (a) isemmi l-qorti li jinġieb quddiemha;
> (b) jagħti ċar il-partikularitajiet tal-akkużat;
> (ċ) ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż- żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha rreat ikun sar, flimkien maċ- ċirkostanzi kollha

li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena; u
(d) jispiċċa b'ġabra fil-qosor li fiha l-imputat jiġi akkużat tar-reat kif miġjub jew imfisser fil-liġi, u bit-talba sabiex jitmexxa kontra l-akkużat skont il-liġi, u sabiex listess akkużat jiġi ikkundannat għall-piena stabbilita mil-liġi jew għal kull piena oħra li skont il-liġi tista' tingħata skont kif jiġi iddikjarat ħati l-akkużat."

26. Illi allura dawk il-fatti li l-Avukat Ġenerali jislet mill-atti kumpilatorji sabiex fuqhom jibni l-parti narrattiva ta' l-Att ta' lAkkuża bl-ebda mod ma jorbtu lil min hu imsejjaħ biex jiġġudika, u l-ġurija popolari dejjem tiġi imwissija f'dan is-sens millImħallef togat. Lanqas ma jista' l-appellant jallega illi b'tali esposizzjoni tal-fatti mill-Avukat Ġenerali jista' jiġi ppreġudikat il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq ladarba huwa ser igħaddi proċess ġudizzjarju fejn ilProsekuzzjoni għandha tressaq il-provi li jsostnu l-akkużi kif dedotti fl-Att ta' l-Akkuża, bid-dritt ta' l-akkużat li jressaq difiża xierqa u adegwata fejn ikollu kull opportunita` jipprova ixejjen il-provi li ġġib il-Prosekuzzjoni.

27. Issa jekk huwiex minnu illi l-appellant irċeva id-droga minn għand Ciantar fil-vettura tiegħu o meno, huwa fatt li jrid jiġi determinat mill-ġurati matul iċċelebrazzjoni tal-ġuri u mhux minn din il-Qorti, u jekk allura l-appellant għandux jinsab ħati tar-reat li dwaru jinsab mixli f'dan il-Kap. Il-liġi ma tagħtix setgħa lil din il-Qorti illi tiddeċiedi jekk l-Avukat Ġenerali kellux raġun meta fil-parti narrattiva tas-Sitt Kap ta' l-Akkuża abbina dawk il-fatti li jemerġu mill-atti kkumpilati, kif minnu interpretati, mar-reat li bih huwa akkuża lill-appellant f'dan il-Kap. .

..../.....

Dan il-kompitu ċertament ma jispettax lil din il-Qorti u lanqas lil Qorti Kriminali qabilha. Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, dan it-tieni aggravju qed jiġi miċħud.

21. Bl-istess mod ġie elaborat fl-appell kriminali superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Andre' Francois Buhagiar** deċiż nhar it-12 ta' Diċembru 2013:

13. Fil-fatti riprodotti fl-ewwel paragrafu tat-Tieni Kap hemm inklużi, sija pure telegrafikament, l-elementi tar-reat ta' pussess "aggravat", u cioe` ż-żmien, il-lok (ara l-Ewwel Kap), il-pussess, u saħansitra l-persuni li lilhom allegatament inbiegħet id-droga li kienet fil-pussess ta' l-appellant. Anki bil-mod kif ġie redatt it-tieni paragrafu l-Avukat Ġenerali qiegħed jgħid illi d-droga kienet intiża biex tinbiegħ. **Naturalment jekk dawn il-fatti jirriżultawx hi kwistjoni li trid tiġi determinata mill-ġurija. Iżda għall-finijiet ta' l-artikolu 589(c) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-vot tal-liġi ġie rispettat.**

14. Għalhekk, il-mod adoperat mill-Avukat Ġenerali fl-isteżura tat-Tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuża ma jmurx kontra d-dispositiv tal-artikolu 589(c) tal-Kodiċi Kriminali u konsegwentement it-tieni aggravju qiegħed jiġi respint.

22. Għaldaqstant, kemm-il darba l-fatti narrati mill-Avukat Ġenerali jkunu jikkostitwixxu r-reat miġjub fl-Att tal-Akkuża u jkun ukoll fih il-partikolaritajiet imsemmija fl-Artikolu 589(ċ) tal-Kodiċi, allura l-vot tal-Liġi jitqies sodisfatt ukoll jekk l-akkużat ma jaqbilx mad-diċitura adoperata jew mal-enfasi jew nuqqas ta' enfasi magħmula mill-Avukat Ġenerali fuq ċerti fatti u mhux fuq oħra.

**Għal dawn il-motivi, din l-eċċezzjoni preliminari markata A.a.2 qiegħda tiġi miċħuda.**

**Ikkunsidrat**

23. Illi għal dak li jirrigwarda l-eċċezzjoni ndikata bħala A.a.3 l-akkużat jilmenta li l-fatti miġjuba fl-Att tal-Akkuża ma jikkostitwixxux fis-sustanza r-reat miġjub jew deskritt f'dak l-att. Kif għamel fl-eċċezzjoni A.a.2, l-akkużat ma jindikax liema minn dawk il-Kapi fl-Att tal-Akkuża huma skontu ivvizzjati. B'hekk din il-Qorti tifhem li b'din l-eċċezzjoni l-akkużat jattakka l-validita' tal-Att tal-Akkuża fl-intier tiegħu.

24. Din it-tielet eċċezzjoni hija bbażata fuq dak ravviżat fl-Artikolu 449(5)(b) tal-Kodiċi Kriminali li taqra bil-mod segwenti:

> Iżda, wara l-verdett tal-ġuri, l-att tal-akkuża ma jistax jiġi annullat ħlief f'wieħed jew ieħor mill-każijiet li ġejjin:
> (a) meta r-reat fl-att ta' akkuża ma jkunx miġjub jew deskritt, fis-sustanza, bħal ma hu miġjub jew deskritt fil-liġi;
> **(b) meta l-fatt miġjub fl-att tal-akkuża ma jkunx jikkostitwixxi, fis-sustanza, ir-reat miġjub jew deskritt f'dak l-att.**[4]

25. Qabel xejn, din l-eċċezzjoni kif formulata in bażi għad-diċitura ta' dan l-artikolu 449(5) tal-Kodiċi Kriminali tista' tiġi promossa, fi kliem il-Liġi stess, bħala waħda minn żewġ raġunijiet li fuqhom att t'akkuża jista' jiġi annullat **wara l-verdett tal-ġuri**. Dan l-istadju attwali huwa wisq bikri biex allura tali argument jiġi trattat.

---

[4] Enfasi miżjuda.

26. Iżda a skans ta' ekwivoċi, u għall-fini ta' kompletezza, dil-Qorti tqis li hawnhekk il-Liġi tikkontempla li tali eċċezzjoni tkun tista' tirnexxi f'każ ta' difett fl-Att tal-Akkuża li jkun ta' natura sostanzjali in kwantu jolqot l-elementi kostitutivi tal-istess reat miġjub mill-Avukat Ġenerali fil-varji Kapi tal-Att tal-Akkuża. Biex tali eċċezzjoni tirnexxi, hu meħtieġ li l-fatti esposti mill-Avukat Ġenerali jridu jkunu tali li fis-sustanza tagħhom ma jikkostitwixxux ir-reat imsemmi fl-Att ta' Akkuża jew fis-sustanza tagħhom ma jirriflettux id-deskrizzjoni tar-reat miġjub f'dak l-Att ta' Akkuża.

27. Fl-appell kriminali kolleġjalment deċiż fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Dominic Bonnici** nhar it-22 ta' April 2004 intqal:

> Din il-Qorti tara li dana l-appell huwa wiehed fieragh. Jibda biex jinghad li fit-tieni Kap ta' l-Att ta' Akkuza l-appellant qed jigi akkuzat b'serq kwalifikat bil-vjolenza (omicidju volontarju u sekwestru tal-persuna), mezz (ghata tal-wicc), valur (aktar minn mitt lira izda anqas minn elf lira), hin u lok (dar ta' abitazzjoni). L-appellant qed jikkontesta dana l-Kap – in linea ta' eccezzjoni preliminari – mhux in kwantu ghall-kwalifika ta' l-omicidju volontarju jew xi kwalifika ohra, izda biss in kwantu ghal dik tas-sekwestru tal-persuna. Ghandu jigi wkoll precizat li l-akkuzat jidher li zvija kompletament lill-ewwel Qorti bl-insistenza tieghu fuq l-Artikolu 589(c) tal-Kodici Kriminali. Huwa veru li din id-disposizzjoni tghidlek x'ghandu jkun fiha l-parti espozittiva tal-Att ta' Akkuza (jew ta' kull Kap tal-Att ta' Akkuza meta dan ikun maqsum f'kapi differenti), izda proprjament l-eccezzjoni kellha tkun ibbazata fuq il-paragrafu (b) tal-proviso ghas-subartikolu (5) tal-Artikolu 449. Din id-disposizzjoni tipprovdi li jkun hemm nullita` fl-Att ta' Akkuza (jew f'kap partikolari) "meta l-fatt migjub fl-att ta' l-akkuza ma jkunx jikkostitwixxi, fis-sustanza, ir-reat migjub jew deskritt f'dak l-att." Hija din id-disposizzjoni, u mhux l-Artikolu 589, li l-appellant kellu jinvoka quddiem l-ewwel Qorti in sostenn ta' l-eccezzjoni tieghu dwar in-nullita` ta' (jew difett fi) it-tieni Kap. **Il-gurisprudenza f'dan ir-rigward hija ormaj kopjuza u din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn toqghod tahli zmien ticcita d-diversi pronunzjamenti taghha in materja. Ikun hemm nullita` jew difett kif ravvizat fl-Artikolu 449(5)(b) meta l-fatti kif deskritti ma jkunux jammontaw fis-sustanza ghar-reat li bih l-akkuzat ikun qed jigi akkuzat. Bil-kelma "reat" wiehed ghandu necessarjament jifhem ir-reat bl-aggravji kollha li jkunu qed jigu dedotti skond il-ligi. F'dan il-kaz, ghalhekk, wiehed irid jara jekk, fil-parti espozittiva tat-tieni Kap, hemmx fis-sustanza l-elementi tas-serq u tal-kwalifiki aktar 'l fuq imsemmija, fosthom dik tas-sekwestru tal-persuna[5].**

28. Ukoll, fl-appell kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Grazio Azzopardi** deċiż kolleġjalment nhar it-23 ta' Ġunju 2021, ingħad:

[5] Enfasi miżjuda.

Illi jingħad minnufih illi tirriżulta nullita` jew difett kif ravviżat fl-Artikolu 449(5)(b) tal-Kodiċi Kriminali meta l-fatti kif deskritti fil-parti narrattiva ma jkunux jammontaw fis-sustanza għar-reat li bih l-akkużat ikun qed jiġi mixli. Bil-kelma "reat" wieħed għandu neċessarjament jifhem ir-reat bl-aggravji kollha skond il-Liġi li jkunu qed jiġu dedotti.
..../.....
Illi jikkonsegwi li l-appellant ma għandux raġun f'dan l-aggravju, fl-ewwel lok għax l-elementi tar-reat maħsub fl-artikolu 204Ċ tal-Kodiċi Kriminali jemerġu mill-parti narrattiva tal-Att tal-Akkuża, kif ukoll għax jirriżultaw dawk l-elementi meħtieġa sabiex jissussisti l-aggravanti li dwaru jinsab mixli.

29. F'dan il-każ, l-ewwel u t-tieni Kapi tal-Att tal-Akkuża rispettivament jipprospettaw ir-reat ta' **pussess aggravat** nonche' pussess ta' sustanza illeċita kontra d-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta f'ċirkostanzi li juru li l-użu ma kienx għall-użu esklussiv tal-akkużat. Jekk sejba ta' droga fil-pussess ta' ġudikabbli tkunx tista' titqies li kienet għall-użu esklussiv tal-ġudikabbli jew le tiddependi miċ-ċirkostanzi li dik id-droga tkun instabet fiha.

30. Fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jason Mallia** deċiż nhar it-2 ta' Settembru 1999 ingħad:

Qabel xejn għandu jiġi preċiżat li mhux korrett li wieħed jgħid li biex tikkonfigura r-reat ta' pussess bl-aggravanti kontemplat fl-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 irid ikun hemm provi li juru li l-possessur kellu l-animus li jispaċċa d-droga. Jekk tiġi ppruvata miċ-ċirkostanzi, tali intenzjoni allura ċertament dak il-pussess ma jkunx għall-użu esklussiv tal-possessur. Iżda tali intenzjoni mhiex meħtieġa għall-finijiet tal-aggravanti in kwistjoni. Dak li l-ligi tirrkejedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lill-Qorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati." Fi kliem ieħor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix beħsieha tuża, tali pussess ikun jammonta għal pussess mhux għall-użu esklussiv tal-pussessur, ukoll jekk il-pussessur ikun għadu ma ddeċidiex kif biħsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga.

31. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Brian Caruana** deċiż nhar it-23 ta' Mejju 2002, intqal:

Kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu eskluzziv tal-akkuzat fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha il-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu u ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-

logika u l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli.

32. Ukoll, fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Marius Mallia** deċiż fit-12 ta' Mejju 2005, ġie ritenut li:

> Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia, cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. **Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio** [26.8.2998]. Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara App. Kriminali **Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri** [2.9.1999].
>
> Illi pero' kif ġie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull każ hu differenti mill-ieħor u jekk jirriżultawx iċ-ċirkostanzi li jwasslu lill-ġudikant għall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx għall-użu esklussiv tal-akkużat, fl-aħħar mill-aħħar, hija waħda li jrid jagħmilha l-ġudikant fuq il-fattispeċji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi 'hard and fast rule' x'inhuma dawn iċ-ċirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jagħmlu l-ġudikant u jekk l-konklużjoni li jkun wasal għaliha l-ġudikant tkun perfettament raġġiunċibbli bl-użu tal-loġika w l-buon sens u bbażata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'oħra anke jekk mhux neċessarjament tkun l-unika konklużjoni possibbli (App. Krim. ''**Il-Pulizija vs. Brian Caruana** 23.5.2002'')

33. Il-kwantita' kbira ta' droga misjuba f'dan il-każ tista' tittieħed, anke waħedha, bħala evidenza ċerta li fiċ-ċirkostanzi tindika li ma kienetx għall-użu esklussiv tal-akkużat.

34. Kwantu għall-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża, il-fatti esposti jirriflettu l-elementi tar-reat ta' pussess aggravat. Fih hemm fid-dettall iċ-ċirkostanzi li waslu għall-arrest tal-akkużat sa mill-mument illi dan beda jiġi osservat u segwit mill-Pulizija u l-ħidma li kellha twettaq il-Pulizija sabiex twaqqaf lill-akkużat bil-vettura tiegħu sakemm sabu wkoll diversi pakketti fil-vettura tiegħu u minnu misjuqa li kienu jikkontjenu sustanza suspettata droga (pjanta) cannabis. F'paġna 2 tal-Att tal-Akkuża mbagħad l-Avukat Ġenerali ssemmi kif iċ-ċirkostanzi li fihom instabet id-droga (pjanta) cannabis fejn il-piż - ċirka erbgħin kilogramma (40kg) - b'purita ta' ingredjent attiv li taġġira t-tlieta u għoxrin fil-mija (23%) huma indikattivi li d-droga ħaxixa tal-cannabis misjuba fil-pussess tal-akkużat MIZZI ma kinitx maħsuba għall-użu personali tiegħu.

35. Bl-istess mod, għal dak li jirrigwarda t-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuża, l-Avukat Ġenerali, wara li inkludiet deskrizzjoni dettaljata tal-investigazzjoni magħmula mill-Pulizija sal-mument illi l-akkużat ġie rintraċċjat u mwaqqaf bil-vettura tiegħu, issemmi wkoll partikolaritajiet ta' fejn instabet is-sustanza – fil-vettura misjuqa mill-akkużat, tal-piż tas-sustanza (ħames kilogrammi u tmin mitt gramma (5.8kg) raża meħuda mill-pjanta cannabis u żżid ukoll li ċ-ċirkostanzi li fihom instabet id-droga (raża) meħuda mill-pjanta cannabis jindikaw li d-droga ma kinitx maħsuba għall-użu personali tal-akkużat.

36. Issa l-kwistjoni jekk, bħala fatt, dak mistqarr mill-Avukat Ġenerali f'dawn iż-żewġt Kapi tal-Att tal-Akkuża jirriżultawx jew le mill-provi li se jkunu prodotti lill-ġurati, u jekk allura tali provi jistgħux jitqiesu li jippruvaw l-elementi kostitutivi tar-reat ta' pussess kwalifikat ta' droga cannabis skond kif imsemmi fiż-żewġt Kapi tal-Att ta' Akkuża, hija kwistjoni li trid tiġi affrontata matul il-kors tal-ġuri u li dwarha l-ġurati jkunu jridu joħorġu l-verdett tagħhom – u mhux f'dan l-istadju. Fl-appell kriminali kolleġjali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Francis Xerri** deċiż nhar it-22 ta' Ġunju 2022 (fejn saret ukoll referenza għal deċiżjoni oħra tal-istess Qorti fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Stiano Agius**) intqal : -

> Issa l-kwistjoni dwar jekk il-fatti probatorji li ser jkunu ppreżentati quddiem il-ġurati mill-Prosekuzzjoni iwasslux għar-reat addebitat lill-akkużat hija deċiżjoni li għandha tkun rimessa biss f'idejn il-ġurati u ma hijiex kwistjoni ta' dritt li għandha tkun deċiża mill-Qorti. Lanqas allura ma għandu raġun jikkontendi l-appellant illi dawn il-fatti jemerġu minn provi mhux ammissibbli fil-liġi, l-ewwel nett għaliex meta l-Avukat Ġenerali jkun qed ifassal l-Att ta'l-Akkuża ma jistax jkun jaf a priori liema huma dawk l-eċċezzjonijiet li ser jiġu sollevati mill-persuna akkużata u fittieni lok, għaliex il-fatti hemmhekk narrati ma jikkostitwixxu ebda fatt ippruvat. Illi fuq kollox il-ġurati dejjem jkunu imwissija mill-Imħallef fl-indirizz tiegħu illi l-espożizzjoni tal-fatti ma tikkostitwixxi l- ebda prova fil-ġuri kif lanqas dawn il-fatti hekk esposti ma huma suffiċjenti sabiex il-ġurati jasslu għal xi verdett ta' ħtija.
>
> "Ghalhekk, meta fl-artikolu 589 tal-istess Kodici jinghad li l-att tal-akkuza ghandu jfisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat u l-partikolaritajiet l-ohra msemmija fl-istess artikolu dan ma jistax ifisser hlief li l-att tal-akkuza ghandu jfisser il-fatt u partikolaritajiet l-ohra msemmija skont kif jifhimhom li graw l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta. Il-provi in sostenn tal-fatt li jikkostitwixxi r-reat u tal-partikolaritajiet l-ohra skont l-att tal-akkuza, imbaghad, jingiebu mill-Avukat Generali fil-kors tal-process fl-istadju opportun''.

37. Din tirrifletti wkoll il-posizzjoni ġurisprudenzjali riżultanti mill-appell kriminali **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Charles Steven Muscat** deċiż fit-13 ta' Mejju 1998, fejn ġie rilevat:

> Fl-istadju ta' l-eccezzjonijiet preliminari l-Qorti Kriminali ma taghmilx apprezzament tal-provi kollha migjuba fil-kors tal-kumpilazzjoni biex tara jekk prova partikolari tirrizultax sodisfacentement jew le; din hija haga merament ta' prova messa ultimamament f'idejn min irid jiddeciedi dwar il-provi.

38. U f'dak fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Dominic Zammit et** deċiż nhar il-31 ta' Lulju 1998 fejn ingħad:

> L-artikolu 435 (1) tal-Kodici Kriminali dejjem inghata l-interpretazzjoni illi ghall-fini ta' l-istess ikun sufficjenti jekk ir-reat li jkun jifforma s-sostanza ta' l-att ta' l-akkuza jkun jirrizulta imqar mir-rapport guramentat tal-prosekutur quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Il-kumplament, cjoe' dwar jekk ikunx jirrizulta ukoll mill-provi u dokumenti li jkunu ngabru fil-kumpilazzjoni, dejjem gie ritenut li dik hija materja li eventwalment trid tigi riservata ghal min ghandu jiggudika fuq il-fatti, fil-kaz tal-Qorti Kriminali, il-gurati.

39. L-istess prinċipju regolatur isib applikazzjoni għal dak li jirrigwarda r-reati kkontemplati fit-Tielet u fir-Raba' Kapi tal-Att tal-Akkuża. Fit-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża, l-akkużat ġie mixli talli naqas milli jobdi l-ordnijiet leġittimi tal-uffiċjali pubbliċi PS 1086, PS 579, PC 1494, PC 1564, PC 760 u PC 101 u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali. Għalhekk, mill-fatti kif esposti mil-Avukat Ġenerali jridu neċessarjament jirriżultaw s-segwenti elementi tal-Liġi:

i) Li kien hemm ordni magħmula lill-akkużat;
ii) Tali ordni kienet magħmula minn persuna dik ta' uffiċjal pubbliku li kien vestit bis-setgħa fil-Liġi li jagħmel tali ordni;
iii) Tali ordni kienet skont il-Liġi kemm fil-forma u bħala kontenut;[6]
iv) Li huwa naqas milli jikkonforma ruħu ma' tali ordni.

40. F'paġna 4 et seq. tal-Att tal-Akkuża, l-Avukat Ġenerali ġabret fil-qosor dawn l-elementi ta' dan ir-reat kontravenzjonali. Dil-Qorti ma tqisx li ma ġiex irrispettat il-vot tal-Liġi. Il-fatti hemmhekk rakkontati jirriflettu fis-sustanza r-reat skont l-Artikolu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali f'iżjed minn episodju wieħed. Jingħad li l-ewwel l-akkużat ingħata ordni biex jieqaf mis-sewqan tiegħu iżda minflok

---

[6] Ara l-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Gatt, Raymond Gatt, Ronnie Gatt** deċiż nhar 12 ta' Settembru 2003.

qaleb għall-karreġġjata opposta u saq b'veloċita eċċessiva u b'mod perikoluż; wara, meta ġie mwaqqaf, l-akkużat ingħata l-ordni li joħroġ mill-vettura li kien qiegħed isuq, iżda huwa rrifjuta li jagħmel dan.

41. Ir-Raba' Kap jittratta r-reat ikkontemplat fl-Artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta meta l-akkużat ġie deskritt bħala li huwa saq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni "DRN 792" b'veloċita eċċessiva u b'mod ferm perikoluż. Verament li l-Liġi ma tiddefinix f'dan l-artikolu x'inhu sewqan b'veloċita eċċessiva jew sewqan b'mod perikoluż. Biss il-ġurisprudenza tgħallem – u b'mod partikolari l-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud** deċiż nhar is-6 ta' Mejju 1997 jikkristallizza tifsiriet speċifiċi għal dawn it-termini ġuridiċi:

> **Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn jew li ma jilhaqx il-livell ta', sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.**[7] Sewqan bla kont hu deskritt fl-artikolu 15 (2) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65) bhala sewqan "bi traskuragni kbira". Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perkolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddecidi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-prezenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema kaz japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ghall-finijiet ta' piena l-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluz.

42. Każijiet oħra li minnhom tinstilet din it-tifsira huma l-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Mark Borg** deċiż nhar it-18 ta' Ottubru 2005, fejn imbagħad saret referenza għal sentenzi oħra bħal **Il-Pulizija vs. Mario Gellel**[8] u **Il-Pulizija vs. Antonio Spiteri**[9] fejn il-kunċett ta'

[7] Enfasi miżjuda
[8] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-19 ta' Frar 2004
[9] Vol XLIV iv. 892

sewqan traskurat ġie ritenut bħala dak is-sewqan li jiddipartixxi mill-prudenza ordinarja li għandha tiġi addotta mis-sewwieq fit-triq sabiex jiġu evitati s-sinistri stradali.

43. Illi f'paġna 5 tal-Att tal-Akkuża, l-Avukat Ġenerali inkludiet fis-sustanza r-reat ta' sewqan traskurat, perikoluż u bla kont meta spjegat il-mod u l-manjiera kif, skont ma rriżultalha mill-istruttorja, l-akkużat immanuvra l-vettura misjuqa minnu mal-mument illi l-Pulizija ordnawlu sabiex jieqaf bil-vettura tiegħu:

> Illi ftit tal-ħin wara, il-Pulizija ordnaw lill-akkużat Darren Mizzi sabiex iwaqqaf il-vettura li kien qed isuq iżda minflok ma obda l-ordnijiet tal-Pulizija, l-akkużat qaleb fuq il-karreġġjata opposta tat-traffiku u beda jserrep bejn il-karozzi b'veloċita' eċċessiva u b'mod ferm perikoluż.
>
> Illi b'xorti tajba, il-pulizija rnexxilhom iwaqqfu lill-akkużat Darren Mizzi ġewwa Triq Xatt Il-Palm, in-Naxxar, billi rassew il-vettura tiegħu mal-ħajt bil-vetturi tagħhom.

44. Issa jekk il-ġurati jemnux jew le l-verżjonijiet li sejrin jagħtu l-Uffiċjali tal-Pulizija involuti u jekk il-ġurati jikkonkludux li dak is-sewqan tal-akkużat ta' dik il-vettura kienx sewqan b'veloċita eċċessiva u b'mod ferm perikoluż hi kwistjoni li trid tiġi affrontata fl-istadju tal-ġuri. F'dan l-istadju din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fid-deskrizzjoni tar-reat inkluż ukoll f'dan ir-Raba' Kap tal-Att ta' Akkuża.

**Għal dawn il-motivi, din l-eċċezzjoni preliminari A.a.3 qiegħda tiġi miċħuda.**

**Ikkunsidrat**

45. Fl-aggravji markati A.a.4 u A.a.5 l-akkużat jikkontendi li l-Att ta' Akkuża ma jagħtix tagħrif dwar is-sitwazzjoni preżenti tal-akkużat u li din l-informazzjoni kellha tkun mogħtija mill-bidu nett lill-ġurati kif ukoll li dan in-nuqqas ta' tagħrif ta' tali informazzjoni jagħmel l-Att ta' Akkuża annullabbli.

46. L-Avukat Ġenerali hija obbligata li fl-Att ta' Akkuża:

> ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż-żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ-ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena.

47. Iċ-ċirkostanzi ta' fatt li jistgħu ikunu jaffettwaw il-qagħda fiżika tal-akkużat, iżda li ma jkollhomx piż jew valenza fuq l-elementi formali jew materjali tar-reat li bih ikun mixli l-akkużat, mhux meħtieġa li jiġu msemmija mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta' Akkuża. Il-kwistjoni dwar jekk u safejn il-qagħda u l-kondizzjoni fiżika tal-akkużat tistax iġġib sens ta' simpatija fil-ġurija hija kwistjoni li ma ssibx lokha f'dan l-istadju preliminari.

**Għal dawn il-motivi, din l-eċċezzjoni preliminari A.a.4 u A.a.5 qiegħdin jiġu miċħuda.**

48. Illi għal dak li jirrigwarda l-eċċezzjoni ndikata bħala A.a.6, l-akkużat jilmenta minn ksur tad-dritt sanċit fid-dritt Ewropew ta' 'full disclosure and equality of arms' meta skont hu, ma ngħatax aċċess għall-'case file' tal-investigazzjoni liema file kien fil-pussess tal-Pulizija u fejn allura jgħid li dan kellu effett materjali fuq il-prosegwiment tal-każ u l-ħruġ tal-akkużi u l-preċedenti arrest tiegħu.

49. Din il-Qorti ma tissindikax lanzjani dwar xi allegazzjoni ta' leżjoni ta' dritt fundamentali tal-akkużat. B'hekk fl-istħarriġ ta' din l-eċċezzjoni preliminari din il-Qorti sejra tillimita ruħha biss għall-kwistjonijiet ta' inammissibilita' ta' prova.

50. Id-dritt għall-aċċess għall-materjal tal-każ ġie introdott fil-Kodiċi Kriminali ta' Malta permezz ta' l-Att IV tal-2014 u li ġie mudellat fuq id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' nhar it-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali u rifless fl-Artikolu 534AF tal-Kodiċi Kriminali, li jaqra:

(1) Meta persuna waqt kull stadju ta' proċeduri kriminali tiġi arrestata jew detenuta, kull dokument li jinsab fil-pussess tal-Pulizija, li hu relatat mal-każ speċifiku u li hu essenzjali sabiexissir rikuża effettiva tal-legalità tal-arrest jew tad-detenzjoni, għandu jkun disponibbli lill-persuna arrestata jew lill-avukat tagħha.

(2) Il-persuna suspettata jew l-akkużat għandu jkollhom aċċess, mingħajr ħlas, għall-evidenza materjali kollha li tinsab fil-pussess tal-Pulizija, kemm jekk hija kontra jew favur l-imsemmijin persuna suspettata jew akkużat, jew lill-avukat tagħhom sabiex tiġi salvagwardjata proċedura ġusta u sabiex jipprepara għad-difiża tagħhom.

(3) Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (1), l-aċċess għall-evidenza materjali msemmija fis-subartikolu (2) għandu jingħata fi żmien xieraq

sabiex ikun hemm eżerċizzju effettiv tad-dritt għal difiża u tal-inqas għandu jingħata mas-sottomissjoni tal-merti tal-kawża. Fejn aktar evidenza materjali tiġi fil-pussess tal-Pulizija, għandu jingħata aċċess fi żmien xieraq sabiex tkun tista' tiġi kkunsidrata mill-persuna suspettata jew mill-akkużat jew l-avukat tagħhom.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (2) u (3) u sakemm dan ma jippreġudikax id-dritt ta' proċess kriminali ġust, wara li tinstema' l-prosekuzzjoni, qorti jew maġistrat jistgħu jirrifjutaw aċċess għal ċertu materjal jekk dan l-aċċess ikun ta'theddida serja għal ħajja jew għad-drittijiet fundamentali ta'persuna oħra jew jekk dan ir-rifjut huwa neċessarju sabiex jissalvagwardja l-interess pubbliku importanti jew fejn jista' jippreġudika l-investigazzjoni li tkun għaddejja jew is-sigurtà nazzjonali.

51. Illi dan id-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni huwa intiż li jiggarantixxi lis-suspettat u/jew akkużat għarfien b'mod sħiħ ta' dik l-informazzjoni li l-awtoritajiet ikollhom fil-pussess tagħhom bħala parti mill-investigazzjoni li tkun saret b'rabta mal-kommissjoni ta' reat. Ukoll, tali dritt jiskatta minnufih sa mill-hekk imsejħa 'pre-trial' phase f'dak l-istadju kwindi fejn il-Pulizija jkollha f'idejha persuna suspettata u jista' jagħti l-każ ukoll li din il-persuna tiġi mitluba sabiex tiġi mitkelma u tirrilaxxja xi stqarrija fuq domandi pertinenti għall-investigazzjoni li l-Pulizija jogħġobha tagħmlilha. L-istess dritt għall-għarfien u aċċess għall-informazzjoni mbagħad jestendi wkoll għall-istadju meta l-Pulizija tgħaddi sabiex tressaq lil dik il-persuna sabiex minn suspettat issa l-Pulizija jkollha f'idejha l-persuna akkużata u kull informazzjoni fil-pussess tagħha jeħtieġ li tingħata lill-akkużat sabiex dan tal-aħħar ikun jista' jipprepara adegwatament għad-difiża tiegħu.

52. Fil-kawża fl-ismijiet **Raymond Bonnici vs. Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija**, deċiża mill-Qorti Ċivili - Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) nhar id-29 ta' Marzu 2017, saret referenza għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Clayton Azzopardi** fejn dwar dan il-kunċett ingħad hekk:

Din il-Qorti stess diga' kellha l-opportunita' li tiddelibera dwar dan il-kuncett fir-referenza kostituzzjonali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Clayton Azzopardi deciza fil-15 ta' Lulju 2016 fejn osservat li –

Fil-Guide on Article 6: Right To A Fair Trial (criminal limb) tal-Kunsill Ewropej 2014 pagna 20 insibu hekk dwar dan:

" 2. Adversarial hearing 103. It is a fundamental aspect of the right to a fair trial that criminal proceedings, including the elements of such proceedings which relate to procedure, should be adversarial and that there should be

equality of arms between the prosecution and defence. **The right to an adversarial trial means, in a criminal case, that both prosecution and defence must be given the opportunity to have knowledge of and comment on the observations filed and the evidence adduced by the other party**.[10] In addition Article 6 § 1 requires that the prosecution authorities disclose to the defence all material evidence in their possession for or against the accused (Rowe and Davis v. the United Kingdom [GC], § 60). 104. In a criminal trial, Article 6 § 1 usually overlaps with the defence rights under Article 6 § 3, such as the right to question witnesses. " […..]

Fil-gudizzju esteru moghti mis-Supreme Court fil-kawza **McInnes vs Her Majesty's Advocate** tal-10 ta' Frar, 2010 gie espress mill-Qorti dan il-hsieb: li l-ezami ta' pregudizzju soffert minhabba lack of disclosure ta' xhieda ghandu jsir wara l-outcome finali tal-proceduri penali, it- test uzat huwa dak li l-materjal ikkoncernat setghax kien tan-natura "which either materially weakens the Crown case or materially strengthens the case for the defence"; dana ghandu jirrizulta fi pregudizzju ghad-difiza b'mod tali li dana il-materjal mhux disclosed kien jwassal ghal possibilta' reali ta' "acquittal''.

53. Fil-kawża **Bradstetter v. Austria**, deċiża nhar it-28 ta' Awissu 1991, il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet id-dritt għall-aċċess għall-informazzjoni bħala waħda mill-fergħat tal-prinċipju tal-'equality of arms' f'proċess penali:

66. The principle of equality of arms is only one feature of the wider concept of a fair trial, which also includes the fundamental right that criminal proceedings should be adversarial (see, mutatis mutandis, in respect of the examination of witnesses, the Barberà, Messegué and Jabardo judgment of 6 December 1988, Series A no. 146, pp. 33-34, para. 78). The Court will thus examine the matter in the light of the whole of paragraph 1 of Article 6 (art. 6-1) (see the Delcourt judgment of 17 January 1970, Series A no. 11, p. 15, para. 28).
67. The right to an adversarial trial means, in a criminal case, that both prosecution and defence must be given the opportunity to have knowledge of and comment on the observations filed and the evidence adduced by the other party.
Various ways are conceivable in which national law may secure that this requirement is met. However, whatever method is chosen, it should ensure that the other party will be aware that observations have been filed and will get a real opportunity to comment thereon. This is henceforth the case, as far as the Vienna Court of Appeal is concerned (see paragraph 8 above).

54. Fil-kawża li rreferiet għaliha l-Avukat Ġenerali **P.G. And J.H. v. The United Kingdom** mogħtija nhar il-25 ta' Settembru 2001, il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem stqarret is-segwenti:

[10] Enfasi miżjuda

> 67. It is a fundamental aspect of the right to a fair trial that criminal proceedings, including the elements of such proceedings which relate to procedure, should be adversial and that there should be equality of arms between the prosecution and defence. The right to an adversial trial means, in a criminal case, that both prosecution and defence must be given the opportunity to have knowledge of and comment on the observations filed and the evidence adduced by the other party (see Bradstetter v. Austria, judgment of 28 August 1991, Series A no. 211, pp 27-28, 66-67). In addition, Article 6(1) requires, as indeed does English law (see paragraph 30 above), that the prosecution authorities should disclose to the defence all material evidence in their possession for or against the accused (see Edwards v. The United Kingdom, judgment of 16 December 1992, Series A no. 247-B, p.35, 36).

55. Fil-kawża **Edwards vs. The United Kingdom** deċiża nhar is-16 ta' Diċembru 1992[11] id-difiża tal-akkużat ilmentat minn nuqqas ta' trasparenza tal-awtoritajiet hekk kif skont l-akkużat, il-Pulizija naqset milli tagħti aċċess għall-informazzjoni kollha li kienet fil-pussess tagħha. Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem irriteniet is-segwenti:

> It is a requirement of fairness that the prosecution authorities disclose to the defence all material evidence for or against the accused.

56. Illi fl-Artikolu 534AF(2) il-Liġi titkellem dwar 'evidenza materjali'. Dan il-kunċett ma ġiex definit la fil-Kodiċi Kriminali u lanqas fid-Direttiva 2012/13/UE. Biss din id-direttiva, fil-preamobolu tagħha tagħti indikazzjoni ta' x'inhi dik l-evidenza li tista' titqies bħala 'materjali' mill-akkużat: u fosthom tinkludi dokumenti, ritratti, reġistrazzjonijiet awdjo u vidjo. Skont il-preambolu (31), għad-Direttiva, tali materjal jista' jkun kontenut kemm fil-proċess tal-każ kif ukoll miżmum x'imkien ieħor mill-awtoritajiet kompetenti in konformita' mal-Liġi tal-pajjiż. Dak li jammonta għal 'evidenza materjali' neċessarjment ivarja bejn każ u ieħor. L-evidenza miġbura mill-Pulizija takkwista importanza materjali mal-mument illi din l-istess evidenza tkun tista' tintuża' mill-awtoritajiet bħala bażi għall-arrest tas-suspettat u jekk mhux ukoll fil-prosekuzzjoni tal-kawża kontra tiegħu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja Kriminali. B'hekk ma jistax jeżisti elenku eżawrijenti ta' x'jammonta għal evidenza materjali. Iżda l-akkużat għandu jkollu aċċess għal kull evidenza li huwa jqis li jkun jeħtieġ sabiex jipprepara adegwatament għad-difiża tiegħu.

[11] **Edwards v. the United Kingdom (coe.int)**

57. Fil-preambolu tal-**Attorney General's Guidelines on Disclosure** taħt il-Liġi Ingliża kif emendati u daħlu in vigore fil-31 ta' Diċembru 2020 : -

> Disclosure should be completed in a thinking manner in light of the issues in the case, and not simply as a schedule completing exercise. Prosecutors need to think about what the case is about, what the likely issues for trial are going to be and how this affects the reasonable lines of inquiry, what material is relevant, and whether material meets the test for disclosure.

58. Ukoll, skont l-imsemmija **Attorney General Guidelines on Disclosure**, li daħlu fis-seħħ fil-25 ta' Lulju 2022:

> 80. The defence must be provided with copies of, or access to, any prosecution material not previously disclosed, which might reasonably be considered capable of undermining the case for the prosecution against the accused, or of assisting the case for the accused. 21 Paragraphs 101 et seq. of these Guidelines contain guidance as to when initial disclosure should be served.
>
> 81. In order for the prosecutor to comply with their duty of initial disclosure they must analyse the case for the prosecution, the defence case, and the likely trial issues. A prosecutor can anticipate the likely issues on the basis of information available (such as any explanation provided by the accused in interview).
>
> 82. The prosecutor and defence are both under a duty to engage promptly in order to aid understanding of the defence case and the likely issues for trial at an early stage. This engagement assists in ensuring compliance with the overriding objective of the Criminal Procedure Rules22 23 and that any further reasonable lines of inquiry can be identified and pursued. Without engagement from defence at an early stage, the accuracy of disclosure can be compromised. Significant cooperation should be a regular occurrence and all parties should consider the Criminal Practice Direction CPD1, para 1A.1 which includes the statement of Lord Justice Auld that 'a criminal trial is not a game under which a guilty defendant should be provided with a sporting chance. It is a search for truth in accordance with the twin principles that the prosecution must prove its case and that a defendant is not obliged to inculpate himself'.
>
> 83. Prosecutors must review schedules prepared by disclosure officers thoroughly at an early stage and must be alert to the possibility that relevant material may exist which has not been revealed to them or material included which should not have been. If no schedules are provided, if there are apparent omissions from the schedules, or if documents or other items are

inadequately described or are unclear, the prosecutor must request properly completed schedules from the investigator. Investigators must comply with any such request. A log of such communications should be kept by the prosecutor.

84. In deciding whether material satisfies the disclosure test, consideration should include:
a. The use that might be made of it in cross-examination;
b. Its capacity to support submissions that could lead to:
i. The exclusion of evidence;
ii. A stay of proceedings, where the material is required to allow a proper application to be made;
iii. A court or tribunal finding that any public authority had acted incompatibly with the accused's rights under the European Convention of Human Rights;
c. Its capacity to suggest an explanation or partial explanation of the accused's actions;
d. Its capacity to undermine the reliability or credibility of a prosecution witness;
e. The capacity of the material to have a bearing on scientific or medical evidence in the case.

85. Material relating to the accused's mental or physical health, intellectual capacity, or to any ill treatment which the accused may have suffered when in the investigator's custody is likely to meet the test for disclosure. Material should not be viewed in isolation as, whilst items taken alone may not be reasonably considered capable of undermining the prosecution case or assisting the case for the accused, several items together can have that effect.

**Material which is likely to meet the test for disclosure**

86. The following material, which is produced and obtained in the majority of investigations is likely to include information which meets the test for disclosure:
a) records which are derived from tapes or recordings of telephone messages (for example 999 calls) containing descriptions of an alleged offence or offender;
b) any incident logs relating to the allegation;
c) crime reports and crime report forms, or where not already contained within the crime report:
- an investigation log;
- any record or note made by an investigator (including police notebook entries and other handwritten notes) on which they later make a statement or which relates to contact with suspects, victims or witnesses;
- an account of an incident or information relevant to an incident noted by an investigator in manuscript or electronically;
- records of actions carried out by officers (such as house-to-house interviews, CCTV or forensic enquiries) noted by a police officer in manuscript or electronically;
- CCTV footage, or other imagery, of the incident in action;

d) the defendant's custody record or voluntary attendance record;
e) any previous accounts made by a complainant or by any other witnesses;
f) interview records (written records, or audio or video tapes, of interviews with actual or potential witnesses or suspects);
g) any material casting doubt on the reliability of a witness e.g. relevant previous convictions and relevant cautions of any prosecution witnesses and any co-accused.

87. When providing CCTV footage, or other imagery, of the incident in action as material which is likely to meet the test for disclosure, investigators should include all relevant body-worn footage that is not provided as evidence. It may be that the entirety of the footage contains both relevant and irrelevant material. Irrelevant footage should not be provided to prosecutors in the first instance. It may be the footage requires clipping or editing to achieve this. Where multiple body worn cameras capture the same content, it may be that only one set of footage needs be provided. The remainder should be listed clearly on the unused material schedule. This decision must be made on a case-by-case basis, as it may be that similar but distinct footage has been captured, in which case multiple sets of footage should be provided.

88. This list is reflected in paragraph 5.4 and 6.6 of the Code. This material, in addition to all other material which may be relevant to an investigation, must, in the first instance, be retained and listed on the schedule by the investigator. It is likely that some of this material will need to be redacted (see paragraph 6(c) of the Code and the sensitive material provisions of these guidelines for redaction and revelation of sensitive material.)

**Assessment by the Investigator**

89. Before any of this material is provided to the prosecutor, investigators should apply the disclosure test to the material to ascertain if in fact it is disclosable. When providing the material to the prosecutor the investigator should highlight the material they consider is disclosable and why.

**Assessment by the Prosecutor**

90. Once the material has been provided to the prosecutor, as this material is likely to contain information which meets the test for disclosure, prosecutors should start their review of the material with a presumption that this material should be disclosed to the defence. However, in every instance the disclosure test should be applied in a thinking manner.

91. After applying the disclosure test, a prosecutor must record on the unused material schedule whether each item of this material does or does not meet the test for disclosure and they must record the reason for that decision.

92. This list of material is not intended to cause automatic disclosure – investigators and prosecutors should always apply the disclosure test and

consider each list of material carefully in the context of the case in question. Defence should not expect to be provided with this material as of right in every case. The material is always subject to the disclosure test first before any material is provided.

59. Biss, dan id-dritt tal-aċċess għall-informazzjoni tal-akkużat mhux dritt assolut. L-Artikolu 534AF(4) tal-Kodiċi Kriminali huwa ċirkoskritt min-numru ta' limitazzjonijiet maħsuba fil-Liġi li huma:

i) Fejn l-aċċess ikun ta' theddida serja għall-ħajja jew għad-drittijiet fundamentali ta' persuna oħra;
ii) Interess pubbliku importanti;
iii) Fejn l-aċċess ikun ta' preġudizzju -attwali jew potenzjali – għall-investigazzjoni li tkun għaddejja;
iv) Sigurta nazzjonali;

60. Biex l-akkużat jirnexxi f'dan l-ilment tiegħu, ikun irid ukoll jirriżulta li n-nuqqas ta' aċċess għall-informazzjoni li tkun fil-pussess tal-awtoritajiet tassew tkun ħolqot preġudizzju irremedjabbli fil-konfront tiegħu u tad-dritt tiegħu għas-smiegħ xieraq. F'dan ir-rigward il-kawża fl-ismijiet **Elton Gregory Dsane vs. State Advocate** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar l-24 ta' Awissu 2020 għamlet referenza għall-kawża Ingliża **Macklin (Appellant) v. Her Majesty 's Advocate (Respondent)** fejn intqal is-segwenti:

As the European Court of Human Rights explained in Edwards v United Kingdom (1992) 15 EHRR 417, the question whether a failure of disclosure has resulted in a breach of article 6(1) has to be considered in the light of the proceedings as a whole, including the decisions of appellate courts. This means that the question has to be approached in two stages. First, it is necessary to decide whether the prosecution authorities failed to disclose to the defence all material evidence for or against the accused, in circumstances in which a failure to do so would result in a violation of article 6(1). If so, the question which then arises is whether the defect in the trial proceedings was remedied by the subsequent procedure before the appellate court. That was held to have occurred in Edwards, where the Court of Appeal had considered in detail the impact of the new information on the conviction. The European court observed that it was not within its province to substitute its own assessment of the facts for that of the domestic courts, and, as a general rule, that it was for those courts to assess the evidence before them. Those observations were repeated in Mansell v United Kingdom (2003) 36 EHRR CD 221, where the non-disclosure of material evidence in the trial proceedings was again held to have been remedied by the Court of Appeal's examination of the impact of the non-disclosure upon the safety of the conviction.

61. Il-Qorti Kriminali fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rosario Militello** deċiża nhar it-3 ta' Diċembru 2019 fejn ġiet iċċitata s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Omissis Anthony Cremona Omissis Omissis Omissis** stqarret:

> Illi l-appellant jaghmel referenza ghal fatt li l-artikolu 534AF tal-Kodici Kriminali introdott permezz tal-Att numru IV tal-2014 kien ghadu mhux introdott fis-sistema penali Maltija. Huwa ssottometta li dan huwa bi ksur ta' dritt fudamentali tieghu li jkollu access ghall-materjal kollu tal-kaz, anki fi stadju bikri tal-investigazzjoni tal-Pulizija kif sancit mill-Konvenzjoni Ewropea. Iktar il-quddiem, fl-appell tieghu l-appellant jissottometti li meta kellem lill-Avukat tal-fiducja tieghu, huwa ma giex mghoti l-materjal kollu tal-kaz, b'tali mod allura li anki l-informazzjoni li kienet mghotija lill-avukat tal-fiducja tieghu kienet wahda limitata. Illi din il-Qorti tikkunsidra li minkejja li huwa minnu li dan id-dritt gie introdott wara li giet rilaxxata l-istqarrija tal-imputat, l-appellant naqas milli jispjega x'informazzjoni ma kellux qabel ma gie interrogat. In oltre, mill-atti minn imkien ma jirrizulta li l-appellant kien talab sabiex tinghatalu informazzjoni u ghalhekk din is- sottomissjonijiet hija ampjament infondata u qieghda ghalhekk tigi michuda.'

62. Fis-sentenza **Stephen Pirotta vs. l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija** deċiża nhar is-27 ta' Settembru 2019, il-Qorti Kostituzzjonali kkunsidrat is-segwenti:

> Barra minn hekk, kif sewwa osservat l-ewwel qorti, l-attur ma weriex li ġie mċaħħad minn xi tagħrif li kellha l-pulizija dwar il-każ, u għalhekk mhux biss ma jistax igħid illi kien hemm irregolarità proċedurali hekk gravi li, meqjus il-proċess kollu, ċaħħditu minn smigħ xieraq, iżda wkoll ma jistax igħid illi kien hemm dik l-irregolarità. Din il-qorti taqbel għal kollox ma' dak li qalet l-ewwel qorti meta osservat illi:
>
> »... ... ... il-qorti tqis li sa sitta u tletin (36) siegħa wara li kien arrestat, ir-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti Inkwirenti u l-provi kollha li ressqet il-pulizija dwar il-każ kienu jinsabu fl-atti tal-kumpilazzjoni u għad-dispożizzjoni sħiħa tiegħu u tal-avukati li qabbad. Mill-provi mressqa, jidher probabbli wkoll li, sa dak il-ħin li ta l-istqarrija, il-pulizija ma kienx seta' kellha wisq tagħrif jew provi oħrajn dwar ir-rikorrent, meta wieħed iqis li l-arrest tiegħu seħħ imqar sagħtejn wara l-inċident u huwa kien tressaq quddiem il-qorti l-għada, wara li kien ilu madwar erbgħa u għoxrin (24) siegħa li ta l-istqarrija tiegħu.
>
> «Billi għalhekk la hemm prova li l-pulizija kellha xi tagħrif relevanti li ma għadditux lill-attur u lanqas intwera illi l-attur ġarrab xi preġudizzju, dan l-aggravju tal-attur huwa miċħud.

63. Hekk ukoll fil-kawża **Il-Pulizija vs. Clayton Azzopardi** deċiża nhar il-15 ta' Lulju 2016, il-Qorti Ċivili - Prim' Awla (sede Kostituzzjonali) irriteniet is-segwenti fuq il-kunċett ta' preġudizzju : -

> Fil-kaz in ezami l-proceduri ghadhom ghaddejjin, ghalhekk a priori jista jinghad li kieku kien hemm xi xhieda mistura mid-difiza wiehed irid jistenna l-ezitu ta' dawn il-proceduri biex jigi valutat il-pregudizzju soffert. L-ezami li ghandu jsir huwa jekk in konkluzjoni ta' dawn il-proceduri jirrizultax li Azzopardi sofra xi pregudizzju rizultat ta' non disclosure, jekk kienx hemm xi evidenza li nzammet mistura minnu li kienet twassal ghal konkluzjoni differenti fil-proceduri penali kontrih. Fil-gudizzju esteru moghti mis-Supreme Court fil-kawza McInnes vs Her Majesty's Advocate tal-10 ta' Frar, 2010 gie espress mill-Qorti dan il-hsieb: li l-ezami ta' pregudizzju soffert minhabba lack of disclosure ta' xhieda ghandu jsir wara l-outcome finali tal-proceduri penali, it-test uzat huwa dak lil materjal ikkoncernat setghax kien tan-natura "which either materially weakens the Crown case or materially strengthens the case for the defence"; dana ghandu jirrizulta fi pregudizzju ghad difiza b'mod tali li dana il-materjal mhux disclosed kien jwassal ghal possibilta' reali ta' "acquittal". In ezami ta' dak prospettat mid-difiza meta ressqet din il-lanjanza ghar-referenza u anke minn dak li jirrizulta s'issa mill-atti, ma jirrizulta minn imkien li minhabba in-nuqqas tar-regola ta' disclosure fil-ligi penali taghna fi zmien li tressaq Azzopardi, li hu b'xi mod se jigi pregudikat fil-proceduri kriminali li hemm ghaddejjin kontrih.

64. Inoltre, fl-appell **Emmanuele Spagnol vs. L-Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija** deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-31 ta' Mejju 2023 ġie mistqarr is-segwenti:

> 26. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
>
> "Permezz tat-tieni lment tiegħu, fis-sottomissjonijiet finali r-rikorrent jiċċara li qed jirreferi għal ksur tad-dritt tar-'*Rule of Disclosure*' peress illi meta ġie interrogat u sussegwentement irrilaxxja l-istqarriji ma kienx għadu ġie mgħarraf dwar xi provi għandhom il-Pulizija kontrih.
>
> Il-Qorti Ewropea tiddiskrivi d-dritt għall-*adversarial proceedings* bħala '*the opportunity for the parties to a criminal or a civil trial to have knowledge of and comment on all evidence adduced or observations filed...*' (J.J. v. Netherlands tas-27 ta' Marzu 1998). Il-prinċipju tal-*audi alteram partem* jitlob li l-Qorti tisma' liż-żewġ naħat.
> Fil-każ ta' Rowe and Davis v United Kingdom, deċiż fis-16 ta' Frar 2000, il-Qorti Ewropea qalet hekk:
> "*It is a fundamental aspect of the right to a fair trial that criminal proceedings, including the elements of such proceedings which relate to procedure, should be adversarial and that there should be equality of arms between the prosection and defence. The right to an adversarial trial means, in a criminal case, that both prosecution and defence must be given*

*the opportunity to have knowledge of and comment on the observations filed and the evidence adduced by the other party... In addition Article 6(1) requires...that the prosecution authorities should disclose to the defence all material evidence in their possession for or against the accused.*"
Ir-rikorrent jorbot l-ilment tiegħu mal-fatt illi fi żmien illi ġie interrogat kien għadu ma daħalx fis-seħħ l-artikolu 534AF tal-Kap. 9. Dan l-artikolu jipprovdi għall-aċċess għall-evidenza materjali kollha li tkun f'idejn il-Pulizija kemm favur u kemm kontra l-persuna suspettata jew akkużata.

Madanakollu, dan l-artikolu ma jagħtix dritt lill-persuna suspettata li tingħata din l-evidenza kollha qabel ma tkun għadha biss tressqet quddiem il-Qorti mixlija b'xi reat.

L-ewwel sub-inċiż jitkellem dwar '*kull dokument li jinsab fil-pussess tal-Pulizija, li hu relatat mal-każ speċifiku u li hu essenzjali sabiex issir rikuża effettiva tal-legalità tal-arrest jew tad-detenzjoni*.' Ir-rikorrent mhux jallega li kien hemm nuqqas ta' *disclosure* ta' evidenza f'dan is-sens.
Imbagħad, skont it-tieni u tielet sub-inċiż:
"(2) Il-persuna suspettata jew l-akkużat għandu jkollhom aċċess, mingħajr ħlas, għall-evidenza materjali kollha li tinsab fil-pussess tal-Pulizija, kemm jekk hija kontra jew favur l-imsemmijin persuna suspettata jew akkużat, jew lill-avukat tagħhom sabiex tiġi salvagwardjata proċedura ġusta u sabiex jipprepara għad-difiża tagħhom.
(3) Mingħajr preġudizzju għas-subartikolu (1), l-aċċess għall-evidenza materjali msemmija fis-subartikolu (2) għandu jingħata fi żmien xieraq sabiex ikun hemm eżerċizzju effettiv tad-dritt għal difiża u tal-inqas għandu jingħata mas-sottomissjoni tal-merti tal-kawża. Fejn aktar evidenza materjali tiġi fil-pussess tal-Pulizija, għandu jingħata aċċess fi żmien xieraq sabiex tkun tista' tiġi kkunsidrata mill-persuna suspettata jew mill-akkużat jew l-avukat tagħhom."

Isegwi għalhekk illi lanqas illum ma hemm l-ebda liġi li tgħid illi l-persuna suspettata jew akkużata għandha dritt għall-evidenza materjali kollha f'idejn il-Pulizija qabel ma tiġi interrogata.

Fl-aħħar mill-aħħar, ir-rikorrent ma weriex li ġie mċaħħad minn xi tagħrif li kellha l-Pulizija dwar il-każ u għalhekk mhux biss ma jistax jgħid illi kien hemm irregolarità proċedurali hekk gravi li, meqjus il-proċess kollu, ċaħħditu minn smigħ xieraq, iżda wkoll ma jistax igħid illi kien hemm dik l-irregolarità.
Isegwi li r-rikorrent ma weriex li sofra xi preġudizzju gravi bil-fatt illi dakinhar illi huwa rrilaxxja l-istqarriji kien għadu ma jafx xi provi għandhom il-Pulizija kontrih. Fuq kollox, huwa għad għandu d-dritt li jikkontrolla dik il-prova billi jippreżenta prova kuntrarja u li jagħmel mistoqsijiet in kontro-eżami.

Din il-Qorti taghmel referenza wkoll għal dak li jgħidu l-awturi Harris, O'Boyle & Warbrick fil-ktieb taghhom Law of the European Convention on Human Rights, Tieni Ed., paġna 202 u 204:
*"Finally, it is relevant to note that in some contexts a breach of Article 6 will only be found to have occurred upon proof of 'actual prejudice' to the*

*applicant. This is the case in the application of the residual 'fair hearing' guarantee in Article 6[1] [fn. 5, See below, p 246. Thus in a 'fair hearing' case, 'where the procedural flaw is not central to the notion of a fair hearing … a violation will be registered if the shortcoming in question caused actual prejudice to the defence': Harper v UK No 11229/84, 1986 unreported, quoted in Stavros, p 44].*
*...*
*In cases in which 'actual prejudice' is sought, this will be decided on the basis of the hearing 'as a whole', so that a procedural deficiency that is outweighted by other aspects of the hearing [fn. 8 See eg, Stanford vs UKA 282-A [1994]] or that is rectified on appeal [fn. 9 See eg, Edwards vs UK A 247-B [1992]; 15 EHRR 417] will not involve a breach of Article 6."*

Finalment, dwar il-proċeduri kriminali, il-Qorti ser iżżid tgħid li ma jirriżultax li dawn ġew imtappna minn xi vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq għaliex ir-rikorrent qiegħed jingħata l-opportunità kollha li jiddefendi l-każ tiegħu mingħajr l-ebda xkiel. Fil-fatt:

a. Il-proċeduri kollha qed jinżammu u ser jiġu determinati minn Qorti indipendenti u imparzjali;

b. L-imputat għandu aċċess miftuħ għall-Qorti;

c. Is-smigħ kollu qiegħed ikun kondott fil-presenza tiegħu;

d. Il-prosekuzzjoni ma għandha l-ebda vantaġġ proċedurali fuq l-imputat bi ksur tal-prinċipju tal-equality of arms;

e. Ir-rikorrent huwa megħjun minn avukat ta' fiduċja tul il-proċeduri kollha; u

f. Ir-rikorrent qiegħed jingħata ż-żmien u l-faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tal-każ tiegħu."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

27. Il-Qorti tosserva illi anke llum il-ġurnata meta d-dritt għal *disclosure* jirriżulta mil-liġi nnifisha, xorta waħda mhuwiex meqjus li jekk tali disclosure ma jingħatax qabel l-interrogazzjoni allura dan awtomatikament jissarraf fi ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq kif donnu jargumenta l-appellant. Kif ġie spjegat mill-Qorti tal-Ġustizzija tal-Unjoni Ewropea fil-kawża ta' **Kolev** (C-612/15, 05/06/2018):

"84 Fir-rigward tal-mument li fih għandha ssir din il-komunikazzjoni u li fih għandu jingħata dan l-aċċess, l-Artikolu 6(3) u l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2012/13 jipprevedu biss, rispettivament, li l-imsemmija komunikazzjoni għandha ssir "mhux aktar tard mit-tressiq tal-merti tal-akkuża quddiem il-qorti" u li l-imsemmi aċċess għandu jingħata "fiż-żmien debitu biex ikun jista' jsir l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet tad-difiża u mhux iktar tard mill-preżentazzjoni tal-merti tal-akkuża għall-eżami ta' qorti".

85 B'hekk, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 98 tal-konklużjonijiet tiegħu, dawn id-dispożizzjonijiet ma jirreferux għal data preċiża f'dan ir-rigward.
[…]
91 Din id-direttiva ma tirrikjedix li dan il-mument ikun identiku fir-rigward tal-komunikazzjoni ta' informazzjoni ddettaljata dwar l-akkuża u fir-rigward tal-aċċess għall-atti fil-proċess. Barra minn hekk, l-imsemmi mument jista', skont iċ-ċirkustanzi tal-każ ineżami u t-tip ta' proċedura inkwistjoni, jippreċedi jew ikun simultanju għat-tressiq tal-kawża quddiem il-qorti, jew jista' jkun saħansitra wara tali tressiq.
92 Madankollu, l-imsemmi għan kif ukoll l-iżvolġiment tajjeb tal-proċedura jeħtieġu, bħala prinċipju u bla ħsara, jekk ikun il-każ, għal proċeduri speċjali jew issemplifikati, li l-imsemmija komunikazzjoni sseħħ u l-possibbiltà ta' aċċess għall-atti tingħata sa mhux iktar tard mill-mument li fih effettivament tibda t-trattazzjoni dwar il-fondatezza tal-akkuża quddiem il-qorti li tkun kompetenti sabiex tiddeċiedi dwar din il-fondatezza.
[…]
96 Fi kwalunkwe każ, f'kull wieħed mill-każijiet esposti fil-punti 92 u 93, fil-punt 94 kif ukoll fil-punt 95 ta' din is-sentenza, u irrispettivament mill-mument li fih tiġi kkomunikata l-informazzjoni ddettaljata dwar l-akkuża u li fih jingħata l-aċċess għall-atti tal-proċess, il-persuna li tkun is-suġġett ta' prosekuzzjoni u l-avukat tagħha għandhom b'mod partikolari, b'osservanza tal-prinċipju ta' kontradittorju u ta' opportunitajiet ugwali għall-partijiet, jingħataw terminu suffiċjenti sabiex jieħdu konoxxenza ta' din l-informazzjoni u ta' dawn l-atti, u għandhom jitqiegħdu f'pożizzjoni li jippreparaw id-difiża b'mod effikaċi, li jippreżentaw l-osservazzjonijiet li jista' jkollhom u, jekk ikun il-każ, li jressqu kwalunkwe talba, b'mod partikolari għal istruttorja, li huma intitolati jressqu taħt id-dritt nazzjonali. Kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 101 tal-konklużjonijiet tiegħu, dan ir-rekwiżit jeżiġi li l-kawża, jekk ikun hemm bżonn, tiġi sospiża u li jiġi ordnat id-differiment tagħha għal data ulterjuri."

28. Kif ġie kkonsidrat aktar 'il fuq, ilmenti dwar ksur tad-dritt ta' smigħ xieraq għandhom jiġu eżaminati fil-kuntest tal-proċeduri relattivi fl-intier tagħhom, u ċjoè għandu jittieħed in konsiderazzjoni l-"*overall fairness of the proceedings.*" Għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ħadet in konsiderazzjoni l-fatt li minkejja li l-appellant ma ġiex mogħti aċċess għall-provi li kellha l-prosekuzzjoni qabel jew waqt li ġie nterrogat, l-appellant ingħata aċċess għal dawn il-provi matul il-kors tal-Istruttorja, u dan waqt li kien mgħejjun minn avukat tal-fiduċja tiegħu. Huwa relevanti li l-appellant kellu l-opportunità skont il-liġi li jagħmel kontroeżami tax-xhieda kollha prodotti mill-prosekuzzjoni, u l-ebda allegazzjoni ma saret li l-appellant ma ngħatax din l-opportunità, jew li ma ngħatax biżżejjed ċans sabiex jipprepara għal tali kontroeżamijiet. Lanqas ma jirriżulta li l-appellant ma kellux biżżejjed żmien biex jipprepara jew jippreżenta d-difiża tiegħu. Għaldaqstant ma jirriżultax li l-fatt li ma kienx hemm *disclosure* qabel jew waqt l-interrogazzjoni tal-appellant ippreġudika b'xi mod id-drittijiet tad-difiża tiegħu u l-*overall fairness of the proceedings*.

29. Għaldaqstant anke dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

65. F’dan il-każ mhux ċar x’inhi dik l-informazzjoni li l-akkużat qiegħed jallega li l-Pulizija żammet mistura minnu bi ksur kwindi tad-dritt tiegħu għall-informazzjoni kif sanċit fl-Artikolu 534AF tal-Kodiċi Kriminali. Lanqas ma jidher li din il-lanjanza qatt tressqet f’xi fażi oħra ta’ dawn il-proċeduri. Jirriżulta li l-akkużat dejjem kien debitament assistit mill-Avukat tal-fiduċja tiegħu fil-mori tal-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. In oltre, f’din il-fażi tal-proċeduri fejn għad iridu jinġiebu u jinstemgħu l-provi miġbura kemm favur u kemm kontra l-akkużat quddiem il-ġurati waqt il-ġuri, ma jistax jingħad li l-akkużat ġie mċaħħad milli jkollu aċċess għall-informazzjoni hekk kif dik l-informazzjoni għad trid titressaq u tinstema’ kif ingħad. B’rabta ma’ dan, l-akkużat debitament assistit sejjer ikollu l-opportunita’ kollha permezz tad-difiża tiegħu daqskemm permezz tal-mekkaniżmu tal-kontro-eżami li jikkontrolla kwalsiasi prova li sejra titressaq fl-istadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri.

66. Jekk l-akkużat kien jaf b’xi informazzjoni li ġiet mistura minnu mill-Pulizja, huwa kien irid jgħid x’kienet dik l-informazzjoni li jirriżultalu li ma ġietx mgħoddija lilu. Ma jirrżultax li l-akkużat qatt ġie rifjutat aċċess għad-dokumentazzjoni kollha kontenuta fil-proċess u ma jirriżultax lanqas li l-Pulizija għandha provi oħra li ma ġewx esebiti fil-fażi kumpilatorja tal-proċeduri. Fi kwalunkwe każ, dak li sejjer jikkostitwixxi bħala prova kemm favur u kemm kontra l-akkużat huma biss dawk il-provi li ġew ippreżentati fil-mori tal-kumpilazzjoni u li sejrin jiġu mressqa quddiem il-ġurija popolari fil-fażi taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri.

67. In definittiva, din il-Qorti tqis li l-akkużat ma rnexxilux jipprova li ġie mċaħħad minn prova konkreta li kienet fil-pussess tal-Pulizija u li minħabba f’hekk sofra preġudizzju.

**Għal dawn il-motivi, l-eċċezzjoni preliminari A.a.6 u konsegwentement A.a.7 qiegħdin jiġu miċħuda.**

**Ikkunsidrat**

68. Fl-eċċezzjoni indikata bħala A.b, l-akkużat jilmenta li l-operazzjoni tal-Pulizija li wasslet għall-arrest tiegħu dakinhar tal-31

ta' Jannar 2019 ġewwa n-Naxxar kienet konsenja kontrollata ai termini tal-Artikolu 30B tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u bħala tali kellha tinġieb prova dokumentarja mill-Prosekuzzjoni li turi li din saret skont il-Liġi.

69. L-Avukat Ġenerali tinsisti li għalkemm dik l-operazzjoni waslet għas-sejba tad-droga ġewwa l-vettura misjuqa mill-akkużat u għall-arrest eventwali tiegħu, din ma kienetx konsenja kontrollata skont l-Artikolu 30B(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda operazzjoni ta' sorveljanza da parti tal-Pulizija.

70. It-teknika investigativa speċjali tal-konsenja ta' droga kontrollata hija ssib bażi legali mhux biss fil-Liġi ordinarja Maltija, iżda wkoll issib riskontru fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra it-Traffiku Illeċitu ta' Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi u ġiet riprodotta wkoll fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-2000 kontra l-Kriminalita' Organizzata Transnazzjonali tal-1988:

> The technique of allowing illicit or suspect consignments of (…) drugs (…) or substances substituted for them, to pass out of, through or into the territory of one or more countries, with the knowledge and under the supervision of their competent authorities, with a view to identifying persons involved in the commission of offences (…)

71. F'dan ir-rigward fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Angelo Bilocca u Priscilla Cassar** deċiża nhar is-16 ta' Ottubru 2019 mill-Qorti tal-Appell Kriminali kolleġjalment komposta rriteniet is-segwenti:

> 53. Illi allura l-identifikazzjoni tal-persuni involuti fil-kummissjoni tar-reat ghandha issir bl-ghajnuna ta' din it-teknika investigattiva moghtija lill-pulizija ezekuttiva jew lill-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiz bil-ghan li tkun facilitata l-intercettazzjoni ta' l-persuni nvoluti.

72. L-Artikolu 30B tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra:

> (1) Minkejja kull ħaġa li tinsab f'kull liġi oħra, il-Pulizija Esekuttiva, u fejn ikun il-każ, l-Awtoritajiet tad-Dwana, jistgħu, bil-kunsens tal-Avukat Ġenerali jew ta' maġistrat, iħallu li ssir konsenja kontrollata.
>
> (2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, konsenja kontrollata tfisser it-teknika li biha konsenja illeċita jew suspettata ta' mediċina perikoluża (kif imfissra fl-artikolu 12) jew ta' flus, proprjetà jew rikavat kif hemm imsemmi fl-artikolu 22(1Ċ)(a) titħalla toħroġ minn Malta, tgħaddi minn Malta jew tidħol Malta, jew titħalla tgħaddi minn post jew mingħand persuna f'Malta għal post ieħor jew persuna oħra f'Malta, jew titħalla tidħol fit-territorju ta' pajjiż ieħor bil-

kunsens u taħt is-sorveljanza tal-Pulizija Esekuttiva u, fejn tkun il-każ, tal-Awtoritajiet tad-Dwana u tal-awtoritajiet kompetenti ta' dak il-pajjiż ieħor, bil-għan li jiġu identifikati l-persuni involuti fl-egħmil tar-reati taħt din l-Ordinanza jew taħt il-liġi korrispondenti li tkun isseħħ fit-territorju ta' dak il-pajjiż ieħor.

73. Din it-teknika ta' investigazzjoni li hija permessa mil-Liġi biex tgħin lill-Awtoritajiet tal-Infurzar tal-Liġi, l-aktar il-Pulizija Eżekuttiva u l-Uffiċjali tad-Dwana, jiġġieldu t-traffikar tad-droga. Il-Pulizija Eżekuttiva u l-Uffiċjali tad-Dwana jeħtieġ li jiksbu l-kunsens ta' Maġistrat jew tal-Avukat Ġenerali biex jipproċedu b'konsenja kkontrollata u ma jistgħux jidħlu f'kunsinna kkontrollata mingħajr ma jkollhom din l-awtorizzazzjoni minn qabel fis-seħħ. Dan il-kunsens huwa meħtieġ peress li l-att ta' konsenja kkontrollata huwa teknika ta' investigazzjoni speċjali li minha nnifisha tinvolvi ksur tal-Liġi mhux għax li kien għall-din l-Awtorizzazzjoni meħtieġa skont il-Liġi. Din l-awtorizzazzjoni għall-konsenja kkontrollata mill-Avukat Ġenerali jew mill-Maġistrat trid issir bil-miktub. L-għan wara li wieħed jirrikorri għal kunsinni kkontrollati huwa li jiġu identifikati l-persuni involuti fit-twettiq tar-reati relatati mad-droga. Konsenja ta' kontroll tista' għalhekk:

A. Tinvolvi:

(i) kunsinna illeċita jew suspettata ta' droga perikoluża (f'dan il-każ ) jew
(ii) ta' flus jew proprjetà jew
(iii) dħul minn reati relatati mad-droga

li tgħaddi

(i) barra minn Malta, jew
(ii) li tgħaddi minn jew ġo Malta, jew
(iii) minn post jew persuna f'Malta għal post jew persuna oħra f'Malta, jew
(iv) minn Malta għal pajjiż ieħor;

u/ jew

(i) titħalla intatta; jew
(ii) tiġi mneħħija; jew
(iii) mibdula kompletament jew parzjalment.

Din il-konsenja kkontrollata għandha ssir bl-għarfien u taħt is-superviżjoni tal-Pulizija Eżekuttiva, jew Awtoritajiet Doganali u tal-Awtoritajiet Kompetenti ta' kwalunkwe pajjiż barrani ieħor li jkun qed jipparteċipa fl-eżekuzzjoni ta' din il-konsenja kkontrollata ta' droga, flus jew dħul minn kriminalità tad-droga.

Jew

B. Tinvolvi lill-Pulizija Eżekuttiva jew lil kull persuna oħra li taġixxi taħt is-superviżjoni tagħhom, biex takkwista jew takkwista droga perikoluża jew kunsinna suspettata ta' flus, proprjetà jew rikavati minn reati relatati mad-droga mingħand kwalunkwe persuna jew post.

74. Strettament dawn iż-żewġ forom ta' konsenja kkontrollata jinvolvu atti li jkunu qed jiksru l-Liġi nnifisha, kieku ma kinitx il-Liġi stess li tipprovdi din l-eżenzjoni lill-Awtoritajiet tal-Infurzar tal-Liġi biex jirrikorru għal din it-teknika ta' investigazzjoni speċjali bil-kunsens ta' Maġistrat jew l-Avukat Ġenerali.

75. Biss, mhux kull operazzjoni kondotta taħt is-sorveljanza tal-Pulizija Eżekuttiva tkun tammonta għall-konsenja kontrollata in kwantu din tal-aħħar tkun tista' titqies bħala tali meta jiġu sodisfatti ċerti kriterji kemm ta' natura fattwali kif ukoll legali. Dawn huma:

i) Il-konsenja kontrollata tista' ssir jew mill-Pulizija Eżekuttiva jew mid-Dwana ta' Malta diment li tkun ingħatat id-debita awtorizzazzjoni bil-miktub mill-Maġistrat jew mill-Avukat Ġenerali;
ii) Irid ikun hemm suspettata konsenja ta' sustanza illeċita;
iii) Li l-Pulizija jkunu jafu biha minħabba informazzjoni li jkunu akwistaw minn qabel bħala parti mill-investigazzjonijiet tagħhom. Jista' jkun hemm ukoll il-parteċipazzjoni ta' persuni oħra, normalment pajżana, li jiddeċiedu li jikkooperaw mal-Pulizija jew li jfornu informazzjoni utli għall-investigazzjonijiet,. Dawn normalment jisejħu 'participating informers'. Dawn normalment ikunu persuni infurmati mill-fatti tal-każ. Bosta drabi jkunu huma stess parti miċ-ċirklu tad-droga li l-Pulizija jkunu qiegħdin jinvestigaw biex imbagħad, bil-parteċipazzjoni jew informazzjoni tagħhom, il-Pulizija jkunu jistgħu jaslu għall-qabda tad-droga u ta' dawk il-persuni involuti fl-istess ċirklu. Mhux meħtieġ li jiġi żvelat mill-Pulizija l-identita' tal-'participating informer' jew ta' persuna li tkun għaddietilha din

l-informazzjoni kunfidenzjali. Ir-raġuni hija ovvja in kwantu jekk l-identita tal-persuna li tkun kixfet tiġi żvelata lill-akkużat jew lil terzi persuni, jaf ikun hemm riperkussjonijiet jew rappreżalji kontra ta' dik il-persuna li jwasslu għal ħsara lilha jew lil nies qrib tagħha. B'hekk l-aċċess għal dik l-informazzjoni verosimilment taf tkun ta' theddida serja għall-ħajja jew għad-drittijiet fundamentali ta' dik il-persuna jew persuni oħra;

iv) Iżda jeħtieġ prova li almenu turi kif dik il-konsenja kontrollata tkun ġiet debitament awtorizzata;

v) Il-konsenja ssir taħt is-sorveljanza tal-Pulizija jew Uffiċjali tad-Dwana bil-parteċipazzjoni tagħhom b'mod li jħallu dik l-istess sustanza illeċita tgħaddi minn post jew mingħand persuna f'Malta għal post ieħor jew persuna oħra;

vi) L-għan aħħari kif intqal diġà huwa li grazzi għal din it-teknika jiġi ndividwat dak iċ-ċirklu ta' persuni jew organizzjazzjonijiet li jkunu nvoluti wara dik il-konsenja.

76. Ir-rekwiżiti formali ta' dan l-artikolu japplikaw meta l-Pulizija jew id-Dwana Maltija jkunu jafu li konsenji illeċiti ta' droga jew proventi minnha jkunu sejrin joħorġu minn Malta, jgħaddu minn Malta jew jidħlu Malta jew meta jkunu jafu li se jgħaddu minn post jew mingħand persuna f'Malta għal post jew persuna oħra f'Malta jew li jkunu ser jgħaddu mit-territorju ta' xi pajjiż ieħor. Dan l-artikolu għalhekk jitlaq mill-premessa li l-Pulizija jew Dwana Maltin ikunu jafu minn qabel, b'ċerta ċertezza, li konsenji illeċiti ta' droga speċifika jew proventi speċifiċi minnha jkunu involuti u jkunu qegħdin iseħħu u sabiex isaħħu l-investigazzjonijiet tagħhom, bil-għan li jaslu sal-aħħar persuna involuta fit-traffiċi illeċiti, konxjament u volutament iħallu l-passaġġ jew tranżitu tal-konsenja ta' droga illeċita jew proventi tagħha ssir f'ambitu kontrollat minnhom.

77. F'dan il-każ pero din l-informazzjoni u ċ-ċertezza ta' konsenja illeċita ta' droga jew proventi ma tirriżultax li kienet fil-pussess tal-Pulizija. L-informazzjoni li donnu waslet lil Pulizija ma jirriżultax li kienet waħda speċifika u dettaljata, iżda iktar waħda ta' natura ġenerika dwar allegat involviment tal-vettura li nstabet misjuqa akkużat li kienet setgħet qegħda tiġi wżata għat-trasport tad-droga. Fi kliem l-Ispettur Justine Grech, investigatriċi prinċipali f'dan il-każ "fil-wieħed u tletin ta' Jannar elfejn u dsatax, irċevejna informazzjoni kunfidenzjali illi kellha ssir trasport tad-droga ġewwa vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DRN 792". Din mhix

informazzjoni preċiża u ċerta li l-Pulizija setgħet tistrieħ fuqha u taċċettah bħala fatt veru. Din kienet informazzjoni li setgħet tkun vera daqskemm setgħet ma kienetx vera. Kienet informazzjoni li kienet teħtieġ aċċertamenti. Ma jirriżultawx provi sodi f'idejn il-Pulizija ta' kif u come l-akkużat kien involut fid-droga, jew ta' min kien qiegħed isuq il-vettura DRN 792, jew li fil-fatt f'dik il-karozza verament kienet hemm id-droga maħżuna. Tant dan ma kienx fatt ċert, li l-Ispettur Grech kienet ordnat lin-nies mill-Iskwadra kontra d-Droga biex l-ewwel imorru jagħmlu sorveljanza u biex jekk u meta jkun possibbli, mal-mument opportun, iwaqqfu lil din il-vettura biex jagħmlu tfittxija fiha. B'hekk l-informazzjoni li waslet lill-Pulizija riedet tiġi investigata u mistħarrġa qabel ma l-Pulizija setgħet tikkonkludi li bħala fatt kienet verament qegħda tiġi trasportata droga f'dik il-vettura. Iżda mbagħad, kieku għall-grazzja tal-argument wara s-sejba il-Pulizija kienet teħtieġ li twassal dik id-droga għand persuna oħra, hemmhekk kienet teħtieġ l-awtorizzazzjoni tal-Maġistrat jew tal-Avukat Ġenerali in kwantu f'dak il-punt ma kienx ikollha biss informazzjoni jew suspett li kien hemm trasporta ta' droga, iżda f'dak il-punt il-Pulizija jkollha ċ-ċertezza tas-sejba tad-droga in kwantu dik is-sejba ta' droga tkun fil-kustodja tagħha. Huwa evidenti li ż-żewġ xenarji huma differenti.

78. B'hekk f'dan il-każ, ma jirriżultax li kien każ fejn il-Pulizija kienet taf b'ċertezza li konsenja droga partikolari kienet sejra tasal f'Malta dakinhar tal-operazzjoni jew li kienet sejra tiġi konsenjata f'Malta mill-akkużat lil persuni oħra dakinhar tal-operazzjoni u li l-Pulizija, konxja minn tali konsenja, riedet li tħalliha ssir u tasal sad-destinazzjoni tagħha minflok tiġi maqbuda immedjatament. Stando ma din l-evidenza, l-operazzjoni de quo ma jistax jingħad li kienet tinkwadra fit-tifsira ta' konsenja kontrollata u għalhekk ma kienetx meħtieġa xi awtorizzazzjoni speċjali ta' Maġistrat jew l-Avukat Ġenerali sabiex il-Pulizija tagħmel xogħolha f'dan il-każ.

79. Minn imkien mix-xhieda tal-Pulizija – PC 1295 Dillon Abela, PS 122 Arthur Borg, PC 118 Eman Joe Borg, PC 300 Glen Cachia, PC 1494 Andre Grech, l-Ispettur Justine Grech, PC 101 Ruznai Gaffarena, PS 579 Anthony Micallef, PS 1086 Johann Micallef, PC 760 Chris Saliba, PC 1564 Kyle Zammit – ma jirriżulta li l-operazzjoni li waslet għall-arrest ta' MIZZI kienet konsenja kontrollata u jirriżulta biss mix-xhieda tagħhom li l-investigazzjoni kienet naxxenti minn informazzjoni ta' natura kunfidenzjali li daħlet lill-Pulizija.

80. Din il-kwistjoni ta' jekk l-operazzjoni tal-Pulizija tammontax għall-konsenja kontrollata jew le neċessarjment teħtieġ interpretazzjoni tal-fatti kif jemerġu mix-xhieda tal-uffiċjali tal-Pulizija nvoluti f'din l-operazzjoni. In kwantu tali, din il-Qorti ma tistax tiddeċiedi hi jekk il-fatti li xehedu dwarhom il-Pulizija jammontawx għal konsenja kontrollata fi ħdan it-tifsira misjuba fl-Artikolu 30B(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Din il-mansjoni hija rimessa għall-ġurati li għad iridu jisimgħu x-xhieda tal-uffiċjali tal-Pulizija involuti f'din l-operazzjoni. Għalhekk ikun intempestiv li tiġi dikjarata inammissibbli x-xhieda tal-uffiċjali tal-Pulizija li xehedu dwar l-investigazzjoni li waslet għall-qabda tad-droga fil-vettura misjuqa mill-akkużat MIZZI.

81. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel referenza għall-insenjamenti superjuri fl-appell kriminali kolleġjali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Gambin et** deċiża nhar il-15 ta' Jannar 2020 fejn, għalkemm il-fatti kienu differenti minn dan il-każ, matul il-kors tal-ġuri kien irriżulta mix-xiehda ta' Uffiċjal Investigattiv prinċipali li l-operazzjoni li l-Pulizija kienet waslithom għall-arrest ta' Gambin, fost nies oħra, kienet frott ta' konsenja kontrollata – liema fatt kien emerġa għall-ewwel darba fil-kors tax-xhieda tiegħu matul il-ġuri. F'dan il-każ però, l-Avukat Ġenerali insistiet li l-operazzjoni kondotta f'dan il-każ kienet waħda ta' sorveljanza u li ma kinitx konsenja kontrollata.

82. Iżda l-Qorti tal-Appell Kriminali, kolleġjalment komposta qalet:

> 26. Issa, l-kwistjoni tal-konsenja kontrollata taghmel sia minn aspetti legali kif ukoll fattwali u din il-Qorti ma tara xejn zbaljat fid-decizjoni tal-ewwel Qorti li thalli l-aspett fattwali ghall-verdett tal-guri. L-ewwel Qorti spjegat, kif kienet fid-dover illi taghmel, ir-regola tal-aktar prova shiha kif ravvizata fl-artikolu 638 tal-Kodici Kriminali. Ma setghetx imbaghad fl-istess nifs tghid lill-imhallfin tal-fatti sabiex jiskartaw dan il-principju fil-konfront talprova dwar il-konsenja kontrollata. Pero' hawn, il-Qorti ma taqbilx mal-Avukat Generali meta jghid li l-ewwel Qorti rabtet din ir-regola "mal-kontestazzjoni principali tal-partijiet ossija l-validita/legalita o meno tal-konsenja kontrollata" (pagna 17 tar-rikors tal-appell);
>
> 27. L-ewwel Qorti ghamlitha cara kemm il-darba illi l-ewwel linja difensjonali tal-akkuzati kienet il-kwistjoni ta' nuqqas ta' xjenza u ghalhekk dik ma kienitx il-kontestazzjoni principali tal-partijiet. Fit-tieni lok, l-Imhallef halliet ghall-gudizzju tal-guri bhala imhallfin tal-fatti biex jaraw jekk kienx hemm il-prova tal-awtorizazzjoni tal-magistrat kif xehed ix-xhud u jekk dik id-dikjarazzjoni kienitx sufficjenti. 3 L-indirizz tal-Imhallef imkien ma jista' b'xi

mod jiftiehem li n-nuqqas ta' prova tal-awtorizazzjoni tista' jew ghandha twassal ghan-nullita' tal-operazzjoni u del resto din qatt ma kienet wahda mill-linji difensjonali u ghalhekk lanqas ma setghet tkun spjegata mill-Imhallef b'dan il-mod lil guri.

83. **Allura f'dan il-każ, almenu s'issa, ma jirriżultax li din l-operazzjoni kienet tikkonsisti f'konsenja kontrollata. Iżda jekk waqt il-ġuri jirriżulta li l-operazzjoni tal-Pulizija kienet konsenja kontrollata fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 30B(2) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ikun imbagħad jispetta lill-Imħallef togat li jiggwida lill-ġurati bil-mod opportun inkluż dwar il-kwistjoni tad-dokumentazzjoni rikjesta mil-Liġi u l-grad tal-prova li jeħtieġ jintlaħaq f'dan ir-rigward sabiex tirriżulta li l-konsenja kontrollata tkun saret skont il-Liġi. Dan isegwi l-insenjament f'Gambin**:

20. Biss, din il-Qorti tirriżerva li tigwida lillġurati bil-mod opportun jekk mix-xhieda li temerġi waqt il-ġuri jirriżulta li effettivament l-operazzjoni tal-Pulizija kienet tissubentra fit-tifsira ta' konsenja kontrollata, inkluż kwindi dwar il-kwistjoni taddokumentazzjoni rikjesta mil-Liġi għall-validazzjoni tal-imsemmija konsenja in linja mal-insenjament f'Gambin fuq dan il-punt: 20. Din il-Qorti hi tal-fehma illi konsenja kontrollata hija kwistjoni serja li tirrikjedi li tkun dokumentata b'dettalji precizi ghaliex hafna drabi si tratta ta' awtorizazzjoni sabiex droga, wisq drabi f'ammonti sostanzjali, tithalla f'idejn persuni anke intercettati bl-istess droga kif ukoll li jsir hlas ghaliha bi flejjes li dwarhom tkun mehtiega ukoll prova ta' provenjenza u prova li jkunu l-istess flejjes f'kaz li nnegozju jkun sar bis-sahha ta' dik il-konsenja kontrollata. Oltre dan, jehtieg li jkun accertabbli li dik il-konsenja kontrollata tkun saret kif awtorizzata mill-Avukat Generali jew mill-magistrat u fil-konfront tas-suspettat imsemmi fl-awtorizazzjoni. Ghalkemm mhux necessarju li l-Pulizija tizvela min hi l-persuna li informata blallegat pjan ta' traffikar, jehtieg almenu li jkun hemm indikazzjoni tad-destinazzjoni intiza, mahsuba jew suspettata u dettalji ohra biex juru li dik l-awtorizazzjoni inghatat ghal dik l-operazzjoni fi hdan tal-informazzjon moghtija lill-Avukat Generali jew lill-magistrat skont il-kaz;

.../...

22. Dwar din il-materja, l-Qorti taghmel referenza ghall-Blackstone's Criminal Practice (Oxford University Press – 2008) fil-parti subintestata Informers and Information for Detection of Crime, parti F9.9 pagna 2440 u 2441 fejn jinghad:

There is a long-established rule of law that in public prosecutions a witness may not be asked, and should not be allowed to disclose, the names of informers or the nature of the information given (Hardy (1794) 24 St Tr 199). The rule 29 applies to public prosecutions brought by the DPP and bodies authorised by statute to bring public prosecutions. The rationale of the rule

was explained by Lawton LJ in Hennesseu (1978) 68 Cr App R 419 (at p. 425): ‘The courts appreciate the need to protect the identity of informs, not only for their own safety but to ensure that the supply of information about criminal activities does not dry up.”. See also D v National Society for the Prevention of Cruelty to Children [1978] AC 171, per Lord Diplock at p. 218. The judge is obliged to apply the rules even it if is not invoked by the party entitled to object to disclose (Marks v Beyfus (1890) 25 QBD 494, er Lord Esher MR at p. 500, and Rankine [1986] QB 861, per Mann J at p. 867). However, it a witness called at trial is a participating informant in the very instance with which the trial in concerned, there has to be a very strong countervailing interest for his status not to be revealed (Patel [2002] Crim LR 304). In that case, it was not for HM Customs to determine the matter in their own favour without putting their own counsel or the court fully in the picture. Nor was it for the judge to have to piece together stray pieces of information in order to decide whether an individual was or was not a participating informat. There is an exception to the common-law rule where the judge is of the opinion that disclosure is necessary to establish the innocence of the accused. ….. if upon the trial of a prisoner the judge should be of opinion that the disclosure of the name of the informant is necessary or right in order to show the prisoner’s innocence, then one public policy is in conflict with another public policy, and that which says that an innocent man is not to be condemned when his innocence can be proved is 30 the policy that must prevail. (Marks v Beyfus (1890) 25 EBD 494, per Lord Esher MR at p. 498. This outcome, however, results from performing the balancing exercise, not from dispensing with (Keane [1994] 1 WLR 746 – see F9.2). Judges should scrutinize application for disclosure of details about informants with very great care and should be astute to see whether assertions that knowledge of such details is essential to the running of a defence are justified. In some cases, the informant is an informant and no more; but even when the informant has participated in the events constituting, surrounding or following the crime, the judge must consider whether his role so impinges on an issue of interest to the defence, present or potential, as to make disclosure necessary (Turner [ 1995] 1 WLR 264 per Lord Taylor CJ at p. 268).

23. Il-Qorti mhix qeghda necessarjament tikkondividi l-principji kollha enuncjati fis-sentenzi appena citati f’dan il-bran mill-Blackstone’s, naturalment ghajr ghall-dak il-principju li kemm jista’ jkun tkun protetta lidentita’ tal-informer, pero’ fih tirradika l-konvinciment taghha illi l-kunsens tal-Avukat Generali jew tal-magistrat fil-kwistjoni ta’ konsenja kontrollata jehtieg li jkun pruvat mhux biss bix-xhieda ta’ min ottjenieh izda ukoll blesebizzjoni tieghu fl-atti processwali. Applikat dan ghall-kaz odjern, iddifiza kellha dritt tkun taf, ad ezempju, jekk iz-zewg akkuzati kienux msemmija f’dak il-kunsens, x’kienet l-informazzjoni li irceviet ilPulizija Esekuttiva anke jekk tevita li ssemmi l-informer, kemm ilpersuna kienu involuti bhala participating informers sabiex b’hekk ikun kontrollat ukoll min kien it-tielet persuna fuq id-dghajsa u jekk dan kienx membru tal-Korp tal-Pulizija sabiex b’hekk ikun kontrollat dak li jitlob l-artikolu 30B tal-Kap 101 li d-droga trid tkun taht issorveljanza tal-Pulizija waqt tali konsenja.

> 24. Huwa inkoncepibbli li Magistrat jawtorizza l-konsenja kontrollata fit-termini talartikolu 30B tal-Kap 101 jekk mhux bil-forma miktuba. Issa jekk din ghall-ewwel issirx bil-fomm u aktar tard tkunx segwita bil-miktub ghal-fini ta' espedjenza hija kwistjoni ta' dettal insinjifikanti ghaliex anke jekk kif jigri fil-prattika, l-Pulizija tipprezenta talba direttament f'idejn magistrat u l-istess magistrat jakkorda t-talba naturalment ikun sufficjenti. Kontra dak li jsehh fil-kwistjoni ta' mandat ta' zamma u tfittxija, il-Pulizija jkun jehtigilha zzomm dak il-mandat f'idejha u turih lill-persuna mizmuma jew li dwarha ssir il-perkwisizzjoni. F'kaz bhal dak odjern certament mhux mistenni bl-ebda tigbid tal-imaginiazzjoni li l-Pulizija turi dik l-awtorizazzjoni meta taghmel l-arrest, izda dik l-awtorizazzjoni certament hi mehtiega fi stadju ulterjuri f'kaz ta' prosekuzzjoni. Dak li hu ta' importanza f'dan kollu, izda, hu li tkun tezisti dik id-dokumentazzjoni li turi l-awtorizazzjoni tal-Avukat Generali jew talmagistrat;
>
> 25. Naturalment kull kaz jippresta id-diffikulta` u l-fatti specie tieghu u l-Qorti ghandha dejjem bhala principju timmira li tkun prezervata l-anonimita' ta' min joffri informazzjoni. Certament ukoll li mhix is-soluzzjoni idejali li kwistjoni bhal din dwar prova tal-konsenja kontrollata tithalla biex tinsorgi proprju quddiem il-gurati u li bhala rimedju jithallew li jingiebu provi godda bil-konsegwenzi kollha li din tista' ggib maghha inkluz dibattiti shah dwar l-ammissibilita' bil-gurati dehlin u hergin mill-awla sakemm ikunu diskussi u decizi punti ta' dritt li ghalih tipprovdi l-ligi fleccezzjonijiet preliminari wara l-hrug tal-Att ta' Akkuza.

**Għaldaqstant din l-eċċezzjoni preliminari A.b.1 sa 10 qiegħdin jiġu miċħuda.**

**Ikkunsidrat**

84. It-tieni sett ta' eċċezzjonijiet preliminari, ossija dawk indikati B.a.1 u B.a.2 jittrattaw l-inammissibilita' ta' provi, bl-ewwel eċċezzjoni preliminari titratta l-allegata inammissibilita' tax-xhieda tal-espert Godwin Sammut daqskemm tar-rapport minnu redatt u debitament esebit bħala Dok GS1 a foljo 179 tal-atti proċesswali u dan minħabba li l-laboratorju wżat minnu sabiex imexxi l-eżamijiet forensiċi mhux laboratorju akkreditat ai termini tad-Deċiżjoni Kwadru 2009/905 u l-Leġislazzjoni Sussidjarja korrispondenti taħt il-Liġi Maltija 460.31.

85. L-akkużat jibbaża din it-talba fuq il-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.31 li ġiet imqegħda fis-seħħ fid-29 ta' Marzu 2016 sabiex jirrifletti l-istandards proposti mill-Kunsill Ewropew fid-Deċiżjoni Kwadru 2009/905/JHA (iktar 'il quddiem imsejħa 'Deċiżjoni Kwadru').

86. Illi din id-Deċiżjoni Kwadru għandha bħal skop dik li tikkrea armonizzazzjoni fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropeja għal dak li għandu x'jaqsam l-analiżi f'laboratorju ta' evidenza forensika b'mod tali li r-riżultanzi forensiċi li jsiru f'laboratorju ta' Stat Membru jkunu jistgħu jiġu utilizzati bħala prova sikura u valida fi proċeduri penali f'kull Stat Membru ieħor u dan l-istandard ikun jintlaħaq permezz tal-akkreditazzjoni tal-laboratorji skont l-istandard EN ISO/IEC 17025.[12]

87. Iżda l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Kwadru, jirrestrinġi l-iskop, ossija l-kamp tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Kwadru għal dik l-evidenza forensika li taqa' f'waħda miż-żewġ kategoriji imsemmija f'dak l-artikolu:

> Artikolu 2
>
> Kamp ta' applikazzjoni
>
> Din id-Deċiżjoni Qafas għandha tapplika għall-attivitajiet tallaboratorji li jirriżultaw fi:
>
> (a) profil tad-DNA; u
> (b) data dattiloskopika. [13]

88. In oltre, l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Kwadru jispeċifika dak li għandu jinftiehem bi profil tad-DNA[14] kif ukoll data dattiloskopika.[15] Dawn id-definizzjonijiet ma jinkludux fihom sustanzi illeċiti jew traċċi tagħhom.

89. Għalkemm fid-definizzjoni tal-kunċetti l-iżjed fundamentali msemmija fl-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Kwadru "attivita tal-laboratorji",

---

[12] L-artikolu 1 tad-Deċiżjoni Kwadru jgħid hekk:

*Artikolu 1*

**Għan**

1. L-għan ta' din id-Deċiżjoni Qafas huwa li jiġi żgurat li rriżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin minn fornituri ta' servizzi forensiċi akkreditati fi Stat Membru wieħed jiġu rikonoxxuti mill-awtoritajiet responsabbli għall-prevenzjoni, il-kxif u l-investigazzjoni ta' reati kriminali bħala ugwalment affidabbli daqs ir-riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji mwettqin minn fornituri ta' servizzi forensiċi akkreditati għall-EN ISO/IEC 17025 fi ħdan kwalunkwe Stat Membru ieħor.
2. Dan l-għan jinkiseb billi jiġi żgurat li l-fornituri ta' servizzi forensiċi li jwettqu attivitajiet tal-laboratorji jiġu akkreditati minn korp ta' akkreditament nazzjonali bħala li jikkonformaw mal-EN ISO/IEC 17025.

[13] Dan ir-regolament huwa rifless fir-Regolament numru 3 tal-L.S. 460.31

[14] "profil tad-DNA" tfisser kodiċi b'ittri jew b'ċifri li jirrappreżenta sett ta' karatteristiċi ta' identifikazzjoni tal-parti nonkodifikanti ta' kampjun analizzat ta' DNA uman, jiġifieri listruttura molekulari partikolari fid-diversi pożizzjonijiet (loci) tad-DNA;

[15] "data dattiloskopika" tfisser immaġini ta' marki tas-swaba', immaġini ta' marki tas-swaba' moħbijin, marki tal-pala talid, marki tal-pala tal-id moħbijin u mudelli ta' tali immaġni (dettalji żgħar kodifikati).

"riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji" u "fornitur ta' servizzi forensiċi"[16] huma mogħtija tifsira wiesa', din pero trid dejjem tiġi mifhuma u mfissra fil-parametri tal-iskop u tal-kamp tal-applikazzjoni li għaliha tkun qegħda ssir dik id-Deċiżjoni Kwadru.

90. L-analiżi tas-sustanzi illeċiti ma tinkwadrax ruħha fl-iskop jew fil-kamp tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni Kwadru.

91. F'dan ir-rigward issir referenza għal dak deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża **The Republic of Malta vs. Tiberiu-Mihail Miculescu** deċiża nhar it-22 ta' Settembru 2022 fejn fuq eċċezzjoni li kienet pratikament identika fis-sustanza tagħha, intqal:

> The Court here makes references to the decree in the names **The Republic of Malta vs Izuchukwu Morgan Onuorah** where the following was provided:
>
> 'The first Article of the Council Framework Decision 2009/905 JHA on Accreditation of forensic service providers carrying out laboratory activities dated 30th November 200917 stipulates that:
>
> 'The purpose of this Framework Decision is to ensure that the results of laboratory activities carried out by accredited forensic service providers in one Member State are recognised by the authorities responsible for the prevention, detection and investigation of criminal offences as being equally reliable as the results of laboratory activities carried out by forensic service providers accredited to EN ISO/IEC 17025 within any other Member State.
>
> This purpose is achieved by ensuring that forensic service providers carrying out laboratory activities are accredited by a national accreditation body as complying with EN ISO/IEC 17025.
>
> The Council Framework Decision mentioned above was transposed to Maltese law by means of Subsidiary Legislation 460.31 on the 29th March, 2016. Moreover, Article 2 of the Council Framework Decision and Article 3 of the aforementioned Subsidiary Legislation **both provide that the framework decision shall apply to laboratory activities resulting in DNA-profile and dactyloscopic data, both of which have nothing to do**

[16] (a) "attività tal-laboratorji" tfisser kwalunkwe miżura li tittieħed f'laboratorju meta traċċi fuq oġġetti jkunu qed jiġu lokalizzati u rkuprati, kif ukoll meta tiġi żviluppata, analizzata u interpretata evidenza forensika, bil-ħsieb li jingħataw opinjonijiet esperti jew li tiġi skambjata evidenza forensika;
(b) "riżultati tal-attivitajiet tal-laboratorji" tfisser kwalunkwe riżultat analitiku u interpretazzjoni direttament assoċjata;
(c) "fornitur ta' servizzi forensiċi" tfisser kwalunkwe organizzazzjoni, pubblika jew privata, li twettaq attivitajiet forensiċi fil-laboratorju fuq talba tal-awtoritajiet kompetenti tal-infurzar tal-liġi jew dawk ġudizzjarji;

**with drugs analysis**.[17] When scientist Godwin Sammut testified before this Court on the 24th March, 2021 he confirmed this when asked by the defence why the laboratory was not accredited:

> There is no obligation till to date 2021 jigifieri for the government to accredit any forensic laboratory except for the council decision which states that DNA profiles and dactyloscopic data. The council decision I am referring to in 2009/905/JHA of the 30th November, 2009 which implements and sets out criteria for the government follow this council decision. I have performed a search with the European Union and Malta is in line with this council decision. In fact n 14th May, 2020 the European Union issued a security union to Belgium and Greece who were the only two states from the European Union which had not yet fully transposed and implemented this European Commission decision. However, Malta is in line with this decision, there is no obligation for the Government of laboratory to accredit their laboratory, except for DNA and fingerprints which Malta is line with.'

92. Bl-istess mod, fil-kawża **Christopher Bartolo vs. Avukat tal-Istat**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar it-22 ta' Ġunju 2021, intqal hekk:

> 30. Sa fejn jirrigwarda dan l-ilment għalhekk il-Qorti taqbel ma' dak li intqal diġa' minn dawn il-Qrati u cioe' li din il-liġi 'tapplika esklussivament għall-attivitajiet tal-laboratorji li jirriżultaw fi (a) profil ta' DNA u (b) data dattiloskopika u mhux analiżi ta' droga, u dan kif imfisser fir-regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 460.31. Mhux biss **iżda r-regolament jiddisponi illi dan "l-Ordni huwa mingħajr ħsara għal dispożizzjonijiet legali li jikkonċernaw il-valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza**," biex b'hekk l-ammissibbilita` o meno tal-prova li trid issir permezz tar-riżultanzi forseniċi magħmula mill-espert Mario Mifsud għandha issir fit-termini tad-dritt penali fir-rigward.' (ara digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali Onor. Per Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D. Appell Numru: 6/2014 Il-Pulizija (Spettur Johann Fenech) -vs Mario Buhagiar tas-26 ta' Ġunju, 2020)'

93. Kif intqal, il-Liġi Sussidjarja 460.31 trid ukoll tinqara fid-dawl ta' dak li jiddisponi d-Deċiżjoni Kwadru. Ir-regolament numru 6 tal-L.S. 460.31 jagħmilha ċara kif id-dispożizzjonijiet tiegħu ma jipprekludux l-applikazzjoni ta' dawk ir-regoli proċedurali li japplikaw f'kamp penali fuq il-valutazzjoni tal-evidenza.

94. F'dan il-każ, id-Difiża qegħda tisħaq li l-proċeduri kriminali kontra l-akkużat **huma nulli peress li difettużi** stante li d-droga misjuba u analizzata mix-Xjenzat Godwin Sammut saret f'laboratorju mhux akkreditat. Din il-Qorti pero ma taqbilx mal-akkużat li kif inhi l-Liġi illum ir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut hija difettuża. Dil-Qorti taqbel mal-akkużat li huwa ideali li jkun hemm standards komuni applikabbli wkoll għall-kamp tal-analiżi ta' sustanzi illeċiti kif ukoll li jkun hemm perkors għal akkreditazzjoni anke f'dak il-kamp. Iżda mill-banda l-oħra, kif inhi l-Liġi bħalissa ma jistax jingħad li Dr.

[17] Enfasi ta' din il-Qorti.

Sammut kien qiegħed jopera u jipproduċi analiżi difettuża jew żbaljata minħabba li l-laboratorju li ħadem l-analiżi fih mhux laboratorju akkreditat. L-anqas ma jfisser awtomatikament li r-riżultanzi tiegħu ma kienux bażati fuq kunsiderazzjonijiet jew metodi xjentifiċi jew li kienu difettużi. Il-proċess t'akkreditazzjoni huwa tajjeb in kwantu jżid il-livell ta' kunfidenza fir-riżultat grazzi għall-metodoloġija rikjesta nonche l-proċessi ta' verifika misjuba. Iżda ġaladarba l-Liġi fis-seħħ ma tipprovdix obbligu legali għalbiex anke l-qasam tal-analiżi ta' sustanzi illeċiti jsir minn laboratorju akkreditat in bażi għal proċessi akkreditati ma jistax jingħad li Dr. Sammut kien qiegħed jottjeni riżultati t'analiżi ta' sustanzi illeċiti bi ksur tal-Liġi.

95. Allura l-kwistjoni mhix daqstant jekk il-proċeduri kriminali kontra l-akkużat humiex nulli minħabba difettużi, daqskemm li r-riżultanzi tal-analiżi tas-sustanzi illeċiti magħmula minn Dr. Sammut f'laboratorju mhux akkreditat joffrux dak il-livell ta' kunfidenza għolja biżżejjed biex il-ġudikant tal-fatt ikun jista' jistrieħ fuqhhom meta jiġi biex janalizza l-kontenut ta' dak ir-riżultat b'rabta mal-akkużi miġjuba kontra l-akkużat. Il-kwistjoni għalhekk mhix daqstant dik ta' proċeduri difettużi jew ta' prova inammissibbli daqskemm jekk dik il-prova toffrix rilevanza biżżejjed, hix prova soda biżżejjed, hix attendibbli biżżejjed biex fuqha tkun tista' tissawwar deċiżjoni li minnha tiddependi l-ħtija o meno tal-akkużat.

96. Id-distinzjoni bejn dak li huwa ammissibbli bħala prova u dak li huwa inammissibbli kif ukoll dak li mbagħad jolqot ukoll ir-regola tar-rilevanza ta' dik il-prova hija kwistjoni fundamentali fl-ordinament ġuridiku proċedurali Malti. Fl-appell kriminali superjuri **Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Ibrahim Ramandan Ghamber Shnishah**[18] intqal hekk:

> Kull dokument (u kull prova) li permezz tieghu (jew taghha) parti jew ohra tista' taghmel prova ta' dak li gara jew ma garax riferibbilment ghall-«facts in issue» – jigifieri kull dokument (jew prova) li jaghmel (jew taghmel) "more or less probable a fact in issue" – hu (hi) ammissibbli in kwantu relevanti, kemm-il darba ma jkunx hemm xi regola tal-ligi, jigifieri «an exclusionary rule of evidence», li jirrendi dak id-dokument (jew dik il-prova) inammissibbli. **Dan ikompli jsahhah l-osservazzjoni maghmula precedentement illi l-legislatur Malti jimpurtah aktar mir-rilevanza ta' l-evidenza u x'jista' jkun il-kontribut ta' l-istess evidenza ghall-kaz, milli l-forma taghha jew kif l-evidenza tigi akkwistata jew ottenuta. '**

[18] Deċiż fis-26 ta' April 2001.

97. Dan isegwi wkoll sensiela ta' pronunzjament preċedenti dwar din l-istess tematika. Allura, fl-appell kriminali superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Anthony Abdilla et**, deċiż fid-9 ta' Mejju 2013 intqal li:

> 12. Issa, kif din il-Qorti kellha okkażjoni li tfisser diversi drabi, l-ammissibilita` ta' xhud hi essenzjalment ħaġa differenti mir-relevanza tal-prova li wieħed ikun irid jagħmel permezz ta' dak ix-xhud. Nonostante cio` għadhom jitressqu eċċezzjonijiet li jinjoraw din iddifferenza.
>
> Sejrin għalhekk jerġgħu jiġu ribaditi il-prinċipji li għandhom jirregolaw il-materja u li ġew elenkati ferm tajjeb fis-sentenza mogħtija fis-27 ta' Novembru 1990 minn din il-Qorti diversament komposta fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Edwin Cioffi. Dawn il-prinċipji huma s-segwenti:
>
> "(a) In generali inghad illi l-kuncett ta' ammissibilita` riferibbilment ghall-mezz ta' prova ghall-finijiet talartikolu 438 tal-Kodici Kriminali proprjament jitqies bhala riferibbli ghal 'le condizioni richieste dalla legge per essere ricevuto in giudizio' (Koll. Vol. XIX. IV.9) jew ghal 'le condizioni giuridiche del mezzo di prova in se stesso' (Koll.Vol. XXVII.IV.595), bhala distint missemplici rilevanza 'ut sic'. Din id-distinzjoni giet spjegata mill-Qorti Kriminali kolleggjalment komposta fis-sentenza taghha tal-4 ta' Jannar, 1929 in re SUA MAESTA` IL RE - VS - AVV. DR.C.MIFSUD BONNICI E CALCEDONIO BUSUTTIL fejn kien inghad:
> "'Occorre, per ragion di principio, distinguere, in riguardo ad un mezzo di prova offerta dall'accusa o dalla difesa, nel contrasto sull'ammissibilita` o meno dello stesso, se la quistione si riferisca alle condizioni giuridiche del mezzo di prova in se stesso, ovvero invece alle condizioni di ragione del mezzo di prova per poter questo essere considerato importante rispetto a qualunque degli elementi del fatto giuridico in controversia. Nel primo caso la quistione e` veramente una di ammissibilita` del mezzo di prova....nel secondo caso la quistione` ' propriamente quella di rilevanza della prova.....'
> "(b) Din il-Qorti fis-sentenza taghha tat-30 ta' Mejju, 1977 in re IR-REPUBBLIKA TA' MALTA - VS – CECIL PACE U HENRY ALBERT PACE a propozitu ta' din iddistinzjoni osservat:
> "'Kif inghad ukoll minn din il-Qorti f'Repubblika vs Joseph Gauci, supra, din tidher distinzjoni tradizzjonali fis-sistema probatorju taghna u f'dan iddawl forsi jista' jkun ukoll xi ftit sinjifikanti li l-kelma 'relevancy' hi kontrapposta ghall-'admissibility' anke fl-artikolu 610(4) tal-Kodici ta' Procedura Civili. Fil-fatt fid-decizjonijiet pubblikati d-distinzjoni tirrizulta essenzjalment marbuta mad-divizjoni tal-kompetenza bejn il-Qorti Kriminali kolleggjalment komposta (kif kienet sal-1967 ghall-finijiet tal-eccezzjoni dwar lammissibilita` tal-provi) u l-Imhallef tal-meritu; illum ilposizzjoni hi li l-Imhallef tal-meritu jiddeciedi hu ukoll din l-eccezzjoni salv l-appell lil din il-Qorti izda peraltro jidher li l-posizzjoni baqghet sostanzjalment l-istess. L-istess Qorti ziedet tghid: '...proprjament ilkwistjoni issa tirrisolvi ruhha f'wahda ta' appellabilita` o meno. Infatti fis-sentenzi anterjuri li ghalihom gia saret riferenza kien intqal li kwistjoni simili hi ta' kompetenza tal-Qorti tal-meritu (Koll.Vol.XXVII.IV.597) u li 'la decisione sulla rilevanza o meno

appartiene esclusivamente a tale Corte' billi l-Qorti Kolleggjali 'e` chiamata a decidere soltanto della ammissibilita` o meno (fis-sens propriu gia fuq imsemmi) di prove, ma non della loro rilevanza' (Koll Vol. XXI.IV.15, a pag.16).'

"c) Fl-istess sentenza din il-Qorti kienet ziedet illi:

"'Tassew li xi drabi jista' jaghti l-kaz li l-kwistjoni ta' rilevanza tmur aktar il-boghod u tipprezenta ruhha marbuta ma' dik tal-ammissibilita` fis-sens proprju hawn fuq imsemmi in kwantu li per ezempju tincidi fuq principji ohra, bhallikieku fil-kaz ta' xhieda tendenti li jippruvaw il-kummissjoni da parti talakkuzat ta' atti kriminali (jew komunkwe 'wrongful') differenti minn dawk koperti mill-att ta' akkuza (ara sentenzi ta' din il-Qorti Regina vs Paul Azzopardi, supra, u Repubblika vs Carmel Mangion et, 11 ta' Dicembru, 1975)' izda spjegat illi meta pero` si tratta ta' kwistjoni ta' mera rilevanza 'ut sic', din hija tradizzjonalment imhollija ghall-apprezzament tal-Imhallef tal-meritu fil-kompetenza tieghu.

"(d) Hija skorretta ukoll is-sottomissjoni li l-Avukat Generali rega' tenna f'dan l-appell u cioe` illi l-fatt illi qabel ma jwiegeb ghall-mistoqsija jekk ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra l-ammissibilita` tal-provi dikjarati mill-akkuzat jista' jitlob li dan jiddikjara loggett tal-prova u vice versa huwa intiz sabiex il-Qorti, skond jekk tkunx jew le soddisfatta mirrilevanza tal-prova rikjesta mix-xhieda dikjarati, tkun tista' tiddeciedi liema minn dawn ix-xhieda huma ammissibbli u liema mhumiex. Din il-Qorti fissentenza taghha citata in re PACE, supra, spjegat kif din is-sottomissjoni, 'ghalkemm ingenjuza, mhijiex korretta' u li l-fatt li d-domanda dwar l-oggett tal-prova issir fl-istadju li ssir ma jbiddilx dak li gja` inghad dwar id-differenza bejn il-kuncett ta' ammissibilita` u dak ta' rilevanza u li kwistjoni ta' mera rilevanza ta' provi hija ta' kompetenza tal-Qorti tal-meritu salv li, f'kaz partikolari u in vista ta' dak li fuq inghad, din il-Qorti tara, nonostanti t-termini uzati, jekk il-kwistjoni kinitx verament wahda ta' mera rilevanza fis-sens li inghad jew inkella le. Il-konsegwenza legali tkun li jekk si tratta ta' decizjoni merament fuq rilevanza ma hemmx appell mentri jekk si tratta ta' decizjoni fuq ammissibilita` ta' prova din tkun appellabbli quddiem din il-Qorti.

"(e) Kif gie diversi drabi deciz, anki fis-sentenza appena citata, id-decizjoni dwar ir-rilevanza il-Qorti Kriminali ma tohodhiex u m'ghandiex tohodha in forza tal-artikolu 438 tal-Kodici Kriminali izda bissahha tal-artikolu 520(2) tal-istess Kodici li jimponi fuq il-Qorti id-dover li 'inter alia' ma thallix li jsir filprovi dak li 'ma jkunx rilevanti jew ma jkollux x'jaqsam max-xorta tal-kawza'.

"(f) Jigifieri qed jigi ribadit li fl-istadju preliminari, dak li l-Qorti Kriminali ghandha tiddeciedi fit-termini talartikolu 438 tal-Kodici Kriminali hija l-ammissibilita` ta' prova bhala kontrapposta ghar-rilevanza ta' listess prova, b'dan li indipendentement mill-fatt li sussegwentement l-istess prova tista' tigi regolata jew addirittura eskluza bhala irrilevanti fl-istadju tassmiegh tal-provi, l-istess m'ghandiex tigi preventivament u prijoristikament eskluza jekk tista' tirrizulta rilevanti ghal 'facts in issue'. Dana, din il-Qorti hasset il-bzonn li tirribadih peress li, kif inghad, spiss qed jigri li flok ma l-kuncetti ta' ammissibilita` u ta' rilevanza jinzammu distinti dak tar-rilevanza qed jigi ekwiparat ghal dak ta' ammissibilita` u provi qed jigu eskluzi bhala irrilevanti qabel ma biss jkunu instemghu u qabel ma l-istess Qorti ta' meritu tkun verament fil-posizzjoni li tivvaluta sewwa x'ikunu l-'facts in issue'. Dan hu

ezattament dak li gara fissentenza appellata billi l-ewwel Onorabbili Qorti halltet flimkien iz-zewg kuncetti indiskriminatament b'mod li ddecidiet l-ammissibilita` fuq kriterji legali zbaljati."

98. Ukoll, fil-kawża **Il-Pulizija vs. Mario Buhagiar**, fuq talba tal-akkużat, saret talba ai termini tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fejn il-lanjanza tal-akkużat – bħal fil-każ preżenti - kienet titratta fost oħrajn, ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu minħabba li l-analiżi tas-sustanza illeċita misjuba fil-pussess tiegħu ma kinitx saret minn espert nominat mill-Qorti ġewwa laboratorju li għandu l-akkreditazzjoni u dan kien leżiv għad-drittijiet tiegħu. Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma laqgħetx it-talba tiegħu f'dan is-sens u kkunsidrat tali talba bħala vessatorja in kwantu kienet nieqsa minn sisien legali:

Illi fuq kollox il-ligi li l-appellant jaghmel referenza ghaliha fir-rikors tieghu tapplika esklussivament ghall-attivitajiet tal-laboratorji li jirrizultaw fi (a) profil ta' DNA u (b) data dattiloskopika u mhux analizi ta' droga, u dan kif imfisser fir-regolament 3 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 460.31. Mhux biss izda ir-regolament 6 jiddisponi illi dan "l-Ordni huwa mingħajr ħsara għal dispożizzjonijiet legali li jikkonċernaw il-valutazzjoni ġudizzjarja tal-evidenza," biex b'hekk l-ammissibbilita` o meno tal-prova li trid issir permezz tar-rizultanzi forsenici maghmula mill-espert Mario Mifsud ghandha issir fit-termini tal-dritt penali fir-rigward.

99. Issa, b'applikazzjoni tas-suespost, din il-Qorti tirrileva li skont ma jirriżulta mill-atti proċesswali dawn il-proċeduri ilhom għaddejjin sa mit-2 ta' Frar 2019 u l-analiżi tas-sustanzi illeċiti mill-espert forensiku l-Ispiżjar Godwin Sammut saret nhar it-8 ta' April 2019 skont ma jirriżulta minn foljo 185 tal-atti proċesswali. Qatt qabel l-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari ma tqajjem dubju mid-Difiża tal-akkużat dwar l-kwalifiċi tal-espert nominat mill-Maġistrat Inkwirenti jew dwar il-ħiliet tiegħu u wisq anqas qatt ma ġew ikkontestati r-riżultanzi tar-relazzjoni tiegħu jew tal-faċilitajiet li juża fl-Universita ta' Malta. Dan allavolja l-Leġislazzjoni Sussidjarja li l-akkużat jagħmel referenza għaliha kienet diġa daħlet fis-seħħ fil-Liġi Maltija meta nbdew il-proċeduri kontra l-akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja.

100. In oltre, din il-Qorti żżid tgħid li sal-ġurnata ta' din is-sentenza ma jirriżultax li hemm obbligu fil-Liġi Maltija sabiex it-testijiet fuq sustanzi illeċiti jsiru ġewwa laboratorji akkreditati. B'hekk tali testijiet u konklużjonijiet ma jistgħux jiġu meqjusa bħala difettużi.

**Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni preliminari B.a.1 u B.a.2 qiegħdin jiġu miċħuda.**

**Ikkunsidrat**

101. Illi l-eċċezzjoni preliminari indikata bħala B.b.1 sa B.b.5 jitrattaw allegazzjoni ta' kunflitt fil-provi eżebiti marbuta max-xhieda tal-espert Godwin Sammut daqskemm tar-rapport minnu redatt in kwantu skont hu jeżisti kunflitt fl-indikazzjonijiet u deskrizzjonijiet kontenenti fir-rapport tiegħu u dan b'referenza għal dak li ġie ndikat bħala 'pakketti vojta'. In oltre jilmenta li għalkemm l-espert Godwin Sammut jindika li l-pakketti vojta ġew mgħoddija lil Dr. Marisa Cassar għall-analiżi tad-DNA, mhux ċar ta' x'kien dak li effettivament ġie mgħoddi lil Dr. Marisa Cassar. Oltre għall-fatt, jargumenta l-akkużat, li ma jirriżultax mnn kien li żvojta dawn il-pakketti indikati bħala vojta qabel ma għaddiehom lil Dr. Marisa Cassar.

102. Illi din il-Qorti tislet li din l-eċċezzjoni preliminari ssolevata mill-akkużat hija msejsa fuq żewġ binarji li lkoll huma marbuta ma' xulxin, nonche' fuq l-aspett fattwali ta' x'jirriżulta li ġie analizzat mill-espert Godwin Sammut kif ukoll fuq punt tad-dritt li jirrelata dwar il-prinċipju tac-'chain of custody' jew 'chain of evidence'.

103. Il-prinċipju tac-'chain of custody' daqskemm ic-'chain of evidence', huma fundamentali fi proċeduri kriminali in kwantu jservu ta' garanzija tal-awtentiċita' kif ukoll tal-oriġini tal-provi preżentati mill-Prosekuzzjoni, kif ukoll ta' x'movimenti dawn setgħu għamlu u tal-mod kif dawn ikunu ġew ippreżervati mill-mument illi tali provi nstabu u/jew ġew ikkompilati sal-mument illi l-istess ġew ippreżentati bħala evidenza fil-proċeduri quddiem il-Qorti. Tali evidenza tista' tieħu x-xejra ta' evidenza forensika bħal per eżempju l-ġbir ta' kampjuni ta' demm minn fuq ix-xena tar-reat f'każ ta' omiċidju jew inkella tkun tat-tip kartaċeja bħal fil-kawża in diżamina.

104. Il-Prosekuzzjoni ma tridx tħalli dubju f'moħħ minn irid jiġġudika l-fatti dwar it-traċċjabbilita, integrita u awtentiċita' ta' dawk il-provi. Il-Prosekuzzjoni trid turi li dik l-evidenza li ġiet miġbura u maħżuna kienet awtentika u miżmuma b'mod integru sa minn meta nġbret sakemm tkun ġiet prodotta bħala evidenza fil-Qorti.

105. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Raymond Azzopardi** deċiż fit-3 ta' Diċembru 2019 (fejn ġiet iċċitata s-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Fodie Keita** b'referenza għal prinċipju tac-'Chain of Custody') intqal:

> '17. Sejra taghmel dan kollu kemm ghar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja, kif ukoll sabiex l-appellant ma jkunx imcahhad mill-jedd ghal smigh xieraq skont il-ligi. L-ghan ewlieni ta' kull qorti ta' gustizzja penali huwa li tara illi l-akkuzat ikollu smigh xieraq. Meta process penali jwassal ghal dikjarazzjoni ta' htija msejsa fuq evidenza kontaminata, il-jedd ghal smigh xieraq ikun qed jigi vjolat. Madanakollu sabiex il-Qorti tasal biex tistabilixxi l-validita' tal-prova kostitwita b`dik l-evidenza jrid isir ezami tal-iter segwiet mill-mument illi dik il-prova ndizzjarja titfacca fil-kors tal-investigazzjoni tal-pulizija, kif u minn min tkun giet elevata, kif tkun giet ippreservata u sussegwentement min ghamel l-ezamijiet forensici fuqha u b'liema mod, sabiex fl-ahhar issib postha quddiem il-Qorti.
>
> 18. Dan ghaliex:
>
> Wherever he steps, whatever he touches, whatever he leaves, even unconsciously, will serve as silent evidence against him. Not only his fingerprints or his footprints, but his hair, the fibres from his clothes, the glass he breaks, the tool mark he leaves, the paint he scratches, the blood or semen he deposits or collects - all these and more bear mute witness against him. This is evidence that does not forget. It is not confused by the excitement of the moment. It is not absent because human witnesses are. It is factual evidence. Physical evidence cannot be wrong; it cannot perjure itself; it cannot be wholly absent. Only its interpretation can err. Only human failure to find it, study and understand it, can diminish its value. (Kirk, Paul, Crime investigation, John Wiley & Sons Canada, Limited, 1953). However, the value of even the most carefully recovered and preserved evidence can be lost if the chain-of-custody is not properly maintained. **"Chain-of-custody" is often recognized as the weak link in criminal investigations. It refers to the chronological and careful documentation of evidence to establish its connection to an alleged crime. From the beginning to the end of the forensic process, it is crucial to be able to demonstrate every single step undertaken to ensure "traceability" and "continuity" of the evidence from the crime scene to the courtroom[19].**

106. Dan il-prinċipju ġie wkoll mistħarreġ minn Qrati ta' ġurisdizzjonijiet esteri, fosthom dawk fl-Istati Uniti tal-Amerika fejn fil-appell **Hawkins v. State of Arkansas** il-Qorti Suprema għamlet referenza għal sentenza oħra **Guydon v. State** – 'landmark case' fuq materja ta' ammissibilita' ta' evidenza - fejn ġie ritenut li prova tkun ammissibbli **<u>biss</u>** jekk din l-evidenza tkun awtentika u ma

[19] Enfasi miżjuda.

jirriżultax li qatt ġiet mittiefsa jew mibdula u dan in linja mal-prinċipju tac-'chain of custody'. L-istess intqal fil-każijiet **Chatmon v. State**, **Garner v. State** u **Davis v. State**[20], fost oħrajn. Fi **State v. Thomas**, **State v. Olsen**, **State v. Burtchett** u **Mallillin v. People** ġie ritenut li l-prinċipju regolatur regolanti l-ammissibilita' tal-evidenza kien ibbażat fuq il-prova li dik l-evidenza utilizzata mill-Prosekuzzjoni ma ġiet qatt mibdula. Intqal ukoll kif l-ammissibilita' ta' din l-evidenza fil-Qorti teħtieġ eżerċizzju ta' apprezzament ta' fatturi bħalma huma 'the nature of the article, the circumstances surrounding the preservation and custody of it, and the likelihood of intermeddlers tampering with it'.[21] Fir-rigward tat-traċċjabilita' tal-evidenza, f'**Barron v. Valdmanis**[22] intqal hekk**:**

> In criminal prosecution where it is necessary to establish that material found in the accused's possession is identical with material subsequently analysed, there are, as was pointed out by Brereton J Young v Commissioner for Railways (1962) NSWR 647 at 651, two ways of doing so. **The first is to trace it from hand to hand and to this end it is usually necessary to call every person who had it in custody from the point of origin to the end of its journey**.[23] The second method is to identify that which was found in the possession of a person charged by its physical characteristics with that which was analysed; per Justice Meares.

107. L-istess intqal f'**People v. Beran**[24] fejn il-prinċipju tac-'chain of custody' ġie enunċjat bħala marbut man-neċessita' li tiġi assigurata l-integrita' u l-valur probatorju tal-evidenza miġjuba u ntqal kif dan iseħħ biss jekk:

> To be admissible, the prosecution must establish by records or testimony **the continuous whereabouts of the exhibit**[25], from the time it came into the possession of the police officers, until it was tested in the laboratory to determine its composition, and all the way to the time it was offered in evidence.

108. U minħabba l-importanza li tiġi stabbilita' t-traċċjabilita' tal-evidenza, huwa neċessarju li, kull min b'xi mod kien involut fit-teħid u l-kustodja tagħha, jiġi mitlub biex jixhed dwar l-involviment tiegħu. B'dan il-mod, l-akkużat ikollu kontroll totali fuq l-integrita' ta' dik l-

[20] Citing Guydon v. State, 344 Ark. 251 | Casetext aċċess: 2/5/2023
[21] State vs. Thomas, 32 St. Rep. 229, 532 P.2d. 405 (1975)
[22] US Supreme Court, May 1978.
[23] Enfasi miżjuda.
[24] G.R. No. 203028, January 15, 2014.
[25] Enfasi ta' din il-Qorti.

evidenza. Dan kien mistqarr fid-deċiżjoni **People v. Connelly**[26] fejn b'referenza għar regola tac-'chain of custody' intqal is-segwenti:

> When the evidence itself is not patently identifiable of is capable of being replaced or altered, admissibility generally requires that **all those who have handled the item 'identify it and testify to its custody and unchanged condition.**

109. Fl-appell kriminali Malti **Il-Pulizija vs. Moumen Troure** deċiż nhar is-27 ta' Ottubru 2016, ġie rilevat is-segwenti:

> Issa meta il-Qorti tqis illi prova hija inammissibbli u għalhekk tiskartaha, dil-prova trid tkun tali illi tippresupponi xi dispożizzjoni tal-liġi li teskludieha milli tinġieb 'il quddiem fil-proċess. Illi allura il-Qorti trid timxi b'ċirkospezzjoni kbira sabiex tqis jekk il-prova li l-akkużat qed ifittex li jxejjen tmurx kontra l-ispirtu tal-liġi li tirregola valur probatorju u l-ammissibilta' tagħha.

110. Fi kliem il-Professur Mamo fin-'Notes on Criminal Law', Tieni Volum:

> All evidence that is logically probative being admissible, unless excluded, such evidence does not have to seek justification, but is admissible irrespective of the issues raised by the defence.

111. Bl-istess mod, fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ibrahim Ramandan Ghamber Shnishah** deċiża nhar is-26 t'April 2001, il-Qorti tal-Appell Kriminali kif kolleġjalment komposta stqarret hekk:

> Kull dokument (u kull prova) li permezz tieghu (jew taghha) parti jew ohra tista' taghmel prova ta' dak li gara jew ma garax riferibbilment ghall-«facts in issue» – jigifieri kull dokument (jew prova) li jaghmel (jew taghmel) "more or less probable a fact in issue" – hu (hi) ammissibbli in kwantu relevanti, kemm-il darba ma jkunx hemm xi regola tal-ligi, jigifieri «an exclusionary rule of evidence», li jirrendi dak id-dokument (jew dik il-prova) inammissibbli.

112. F'dan il-każ, fir-relazzjoni tiegħu l-espert Godwin Sammut jgħid li ġie mogħti seba' dokumenti nhar il-31 ta' Jannar 2019 minn PC826 Matthew Parnis u li dawn il-pakketti kienu 'vacuumed sealed'. L-espert Godwin Sammut għadda biex janalizza s-sustanza kontenuta f'dawn il-pakketti li kienu ġew mogħtija lilu ssiġġilati. Imma biex setgħa jagħmel l-analiżi tiegħu tal-kontenut tagħhom, bilfors ried li l-ewwel jiftaħ dawk il-boroż b'mod li dawn ma jibqgħux siġillati. B'hekk, loġikament, fejn għamel referenza għall-pakketti

[26] 35 N.Y.2d 171, 174, 316, N.E.2d 706, 708, 359, N.Y.S.2d, 266, 269 1974.

vojta dawn il-pakketti vojta kjarament ma kienux qegħdin jirreferu għall-pakketti oħra għajr dawk is-seba' li ġew mgħoddija lilu kif ingħad iżda li wara li dawn ġew żvowtati sabiex issir l-analiżi kif il-kontenut tagħhom imbagħad wara l-istess boroż - issa vojta – ġew mgħoddija lil Dr. Marisa Cassar għall-analiżi tagħha tal-istess. Il-ħtieġa li dan isir kien ukoll jidher mill-bidu nett ta' dan l-istħarriġ kif jirriżulta a fol 190 fejn hemm il-firma kemm ta' PS82 Matthew Parnis kif ukoll dik tal-espert Godwin Sammut mar-riċezzjoni.

113. Imbagħad, mir-relazzjoni ta' Dr. Marisa Cassar f'foljo 586 tal-atti kumpilatorji, jirriżulta li għal dak li jirrigwarda l-kampjuni 044-19-DNA (basket tal-karti ta' lewn kannella li fih il-packing tal-plastic li kien fih buds ta' lewn ħodor) u 044-19-DNA (basket tal-karti ta' lewn kannella li fih il-packing tal-plastik li kien fih il-blokok ta' lewn kannella) dawn effettivament hija ġabrithom mingħand l-espert Godwin Sammut fit-23 t'April 2019.

114. Din il-Qorti tista' biss tiddikjara inammissibbli dawk il-provi li hija l-Liġi stess li teskludi l-produċibilita' tagħhom. Dan mhux il-każ hawnhekk. F'dan il-punt jekk il-ġurati jemnux lil Dr. Godwin Sammut u lil Dr. Marisa Cassar dwar min irċieva xiex u meta, hija kwistjoni ta' fatt rimessa lil ġurati. Huma l-ġurati li jridu jikkonkludu, wara li jisimgħu ix-xiehda tal-esperti Dr. Marisa Cassar u Godwin Sammut li jiddeċiedu fattwalment fuq il-prinċipju tal-kontinwita' tal-evidenza daqskemm fuq l-analiżi mwettqa mill-esperti relattivi u l-validita' tar-riżultanzi tagħhom.

**Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni markata B.b.1 sa B.b.5 qiegħdin jiġu miċħuda.**

**Ikkunsidrat**

115. Fl-eċċezzjoni indikata bħala B.c.1 l-akkużat qiegħed hawnhekk jitlob l-isfilz tad-dokumenti konsistenti fid-droga u r-relazzjonijiet kollha relatati magħhom u dan minħabba li mhux biss ma ġiex osservat dak rikjest mill-Avviż Legali 121/2002 u tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (li jistipula fl-Artikolu 669(2) li r-Reġistratur tal-Qrati Kriminali, bl-approvazzjoni tal-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali, għandu jinnomina lid-Direttur tas-Saħħa sabiex iżomm f'ismu l-mediċini perikolużi meta dawn jinżammu taħt il-kustodja tad-Direttur tal-Qrati) iżda wkoll għaliex

tali inosservanza tagħti lok għal difett proċedurali serju dwar il-kontinwita' tal-evidenza li allura hija wkoll difettuża.

116. L-Artikoli 667, 668 u 669 tal-Kodiċi Kriminali jirregolaw fost oħrajn, il-ħażna, ippreservar u kustodja ta' dawk l-oġġetti li għandhom x'jaqsmu mal-proċeduri kriminali. Il-Liġi trid li jkun ir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali li jkun responsabbli għalihom. Dawn l-oġġetti għandhom jinżammu mir-Reġistratur sa tmiem il-proċeduri inklużi l-proċeduri tal-appell.

117. Hekk ukoll li f'każijiet relatati ma' mediċini perikolużi u psikotropiċi, mal-konklużjoni tal-proċeduri, għandu jkun ir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali li jassisti għad-distruzzjoni tad-droga wara li jkun hekk ġie ordnat mill-Qorti li tkun tat is-sentenza u jrid ukoll jirrediġi process-verbal li jikkomenta dan il-proċess ta' distruzzjoni liema dokument imbagħad irid jiġi nserit fl-atti tal-kawża li tkun.

118. Fl-Artikolu 669(1) tal-Kodiċi Kriminali r-Reġistratur tal-Qrati Kriminali għandu l-obbligu li jiżgura kif l-esebiti kollha mgħoddija lilu, jiġu maħżuna f'post sigur. Il-Liġi ma tagħtix definizzjoni ta' x'jammonta għal 'post sigur' iżda din id-deċiżjoni tħallieha f'idejn ir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali.

119. Fil-31 ta' Mejju tas-2002, bis-saħħa tal-Artikolu 669(2) tal-Kodiċi Kriminali, ir-Reġistratur tal-Qrati u bl-approvazzjoni tal-Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali, innomina diversi persuni biex f'ismu jieħdu ħsieb li jaħżnu l-imsemmija oġġetti. Fosthom, jirriżulta li għal dak li jirrigwarda l-mediċini perikolużi, ir-Reġistratur innomina lid-Direttur tas-Saħħa.

120. F'dan il-każ ma jirriżultax li l-qabda tad-droga mertu ta' dawn il-proċeduri kienet maħżuna mid-Direttur tas-Saħħa skont dak li jippreskrivi l-Avviż Legali 121 tas-sena 2002, bl-indikazzjoni tkun li, r-Reġistratur tal-Qrati għażel li din il-qabda droga tibqa' maħżuna fil-post adatt għal dan fil-binja tal-Qrati.

121. L-artikolu 669(2) tal-Kodiċi Kriminali jagħti s-setgħa diskrezzjonali lir-Reġistratur sabiex, bl-approvazzjoni tal-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, jaħtar lil persuni oħra biex iżommu dawk l-oġġett jew klassijiet ta' oġġetti f'ismu taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li l-Ministru jista' jqis li jkun sew, dment li l-ismijiet ta' dawk il-persuni jiġu ppubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern. Kif intqal

jirriżulta li l-2002 sar l-Avviż Legali 121 li permezz tiegħu, il-Leġislatur ta' dak iż-żmien għamar li, fost affarijiet oħra, l-Mediċi Perikolużi kellhom jiġu miżmuma f'isem ir-Reġistratur mid-Direttur tas-Saħħa li kien obbligat li jżommhom f'post sikur.

122. Jidher li l-intenzjoni tal-Leġislatur wara dan l-Avviż Legali kien li l-pussess materjali tal-oġġetti jgħaddi minn idejn ir-Reġistratur għal idejn il-persuna nominata fl-Avviż Legali, fil-każ in disamina allura f'idejn id-Direttur tas-Saħħa. Iżda b'dan ir-Reġistratur xorta waħda kien dak li jibqa' fil-kontroll tal-istess oġġetti in kwantu l-istess Avviż Legali, fir-regolament 3 għamar li dawk l-oġġetti miżmuma mill-persuna nominata ma għandhomx jintużaw jew jingħataw lil xi persuna ħlief kif jiġi ordnat mir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali. Dan juri għalhekk li l-pussess kostruttiv ta' dawk l-eżebiti jibqa' vestit fir-Reġistratur.

123. Il-kwistjoni li tqum f'dan il-każ titnissel minħabba l-mod kif l-Avviż Legali ġie miktub u kif dan għandu jiġi moqri mad-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali. L-Avviż Legali mhux miktub b'mod li jindika li r-Reġistratur kien qiegħed jagħti xi delega preventiva u ġenerali lil dawk il-persuni. Meta l-Avviż Legali jgħid li l-"persuni li ġejjin għandhom iżommu, f'isem ir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali, l-proprjetà msemmija biswit isimhom" din hija delega ta' natura ġenerali b'mod li allura r-Reġistratur ladarba jkun issuġġerixxa lil dik l-awtorita biex iżżomm dawk l-eżebiti ma jkunx jista' iżjed iżomm l-eżebiti hu stess f'kull każ jew inkella r-Reġistratur xorta waħda, minkejja tali delega jkun jista', f'każijiet partikolari, jekk irid, jibqa' jżomm tali eżebiti fil-konfini tal-ispazji amministrati minnu?

124. L-Avviż Legali 121 tal-2002 irid jiġi moqri fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregolaw din il-materja. Fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Tiberiu- Mihail Miculescu,[27]** fejn tqajmet l-istess kwistjoni, il-Qorti Kriminali[28] qieset li din kienet kwisjtoni ta' interpretazzjoni tat-test tal-Leġislazzjoni Sussidjarja fid-dawl ta' dak li tippreskrivi l-Leġislazzjoni Prinċipali. Il-Qorti riedet tislet x'kienet l-intenzjoni tal-Leġislatur fil-promulgazzjoni ta' regolamenti. Intqal is-segwenti:

[27] Deċiża nhar id-29 ta' Settembru 2022
[28] għamlet referenza għal digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati fil-proċeduri **The Police vs. Iosif Galambos** fejn hemmhekk ukoll qam dan il-punt tad-dritt.

With regards to the interpretation of laws Professor Sir Anthony Mamo sets out the basic principle that:

The law is the will of the legislature and the most fundamental rule of interpretation, to which all others are subordinate, is that a statute is to be expounded according to the intent of them that made it.

This basic principle has been consistently applied by our Courts. In the judgement given by the Court of Civil Appeal on the 15th December 1945 in the case Emanuele Bonello et vs Edmund Percy Larchin it was held that the Court must not simply apply the law but it must, regard being had to the special circumstances of any given case, see what the intention of the legislator must have been in those specific circumstances, and that it must apply and interpret any given provision of law in way that would reconcile it with other provisions of the law.

Il-gudikant ghandu jiddeciedi l-kazijiet skond il-ligi u skond ilfattezzi specjali taghhom … Id-dover tal-gudikant huwa mhux sempliciment dak li japplika l-ligi imma anki li jara minhabba c-cirkostanzi specjali tal-kaz, x' inhija l-probabbli intenzjoni tal-legislatur f' dawk ic-cirkostanzi u li japplika l-ligi u jinterpreta b' mod li jista' jikkonciljaha mal-ligijiet l-ohra biex l-applikazzjoni taghha ma tigix ingusta.

Similarly, in a more recent judgement given in the case George Edward Spiteri vs Marsaxlokk Football Club et, the First Hall of the Civil Court, after referring to prevalent jurisprudence regarding interpretation of laws, held that:

billi hija regola ta' interpretazzjoni li ebda liġi ma għandha titqies kontradittorja fiha nnifsiha, meta jkun hemm dubju fuq hekk, huwa kompitu tal-ġudikant li jindaga u jinterpreta s-sens skont l-intenzjoni tal-leġiżlatur u b'quddiem għajnejh ir-raġunijiet li ġiegħlu lill-leġiżlatur jiddetta l-liġi. Il-ġudikant għalhekk għandu jirrikorri għall-mens legis biex jagħti dik l-interpretazzjoni li tikkorrispondi għall-ispirtu informatur tal-liġi.

In a much more recent judgement given by the Court of Magistrates on the 1st October 2021, and with specific reference to the interpretation of subsidiary legalisation, it was held that this may never conflict with the enabling legislation.

Issa hu principju ben assodat fil-kazistika tal-Qrati taghna li ligi sussidjarja ma tistax tkun konfliggenti mal-ligi principali24. Fis-sentenza Il-Pulizija vs George Pace deciza fil-15 ta' Mejju 1937, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet hekk:

"Huwa elementari illi r-regolament mahrug mill-poter ezekuttiv bis-sahha tal-ligi li awtorizzat li jaghmel dak irregolament ma jistax johrog barra mil-limiti tal-istess ligi, u ma jistax jikkontradici ghal-ligi stess, tant illi lill-Qorti gie dejjem rikonoxxut il-jedd li jezaminaw jekk regolament mahrug bis-sahha ta' ligi hix "intra" jew "ultra vires."

125. L-intenzjoni tal-Leġislatur kienet li meta l-kustodja materjali ta' dawn l-oġġetti tiġi fdata mir-Reġistratur lil persuni oħra, dan isir bl-approvazzjoni tal-Ministru. Fil-fatt l-artikolu 669 tal-Kodiċi Kriminali li taħtu sar allura l-Avviż Legali 122 tal-2002 jgħid li huwa d-dmir tar-Reġistratur li għandu jiżgura li l-oġġetti kollha lilu kkunsinnati għandhom jiġu katalogati, maħżuna u preservati sew

kif ukoll miżmuma f'post sigur li jiġi stabbilit mir-reġistratur. Dan huwa dmir inderogabbli tar-Reġistratur u ħadd iżjed. Issa fil-qadi ta' dan id-dover inderogabbli tiegħu, ir-Reġistratur ingħata s-setgħa li jaħtar lil persuni oħra biex iżommu dawk l-oġġetti jew klassijiet ta' oġġetti f'ismu taħt dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet li l-Ministru jista' jqis li jkun sew iżda l-ismijiet ta' dawk il-persuni għandhom jiġu ppubblikati fil-Gazzetta. Bis-saħħa tal-Avviż Legali 122 tal-2002 (għalkemm mhux mija fil-mija ċar mit-test tal-Avviż Legali, wieħed jiddeżumi li) ir-Reġistratur għamel din il-ħatra – u fil-fatt dawn il-persuni, ossija Uffiċjali Pubbliċi okkupanti karigi importanti u speċjalistiċi - bħal Kummissarju tal-Pulizija, Brigadier tal-Forzi Armati, Id-Direttur tal-Mużewijiet u Gvernatur tal-Bank Ċentrali – ġew speċifikament nominati f'dan l-Avviż Legali b'riferenza għal oġġetti speċifiċi li jindikaw li dawn ikollhom kemm *know-how* ikbar kif ukoll positijiet iżjed idoneji u siguri fejn tali oġġetti jiġu maħżuna f'isem ir-Reġistratur, minn dawk li setgħa kellu u għandu r-Reġistratur.

126. Id-Difiża targumenta li ġaladarba fl-2002 inħasset il-ħtieġa li jiġu nominati dawn id-diversi persuni biex, għan-nom tar-Reġistratur, iżommu l-proprjeta partikolari msemmija fir-regolament 2 tal-Avviż Legali 121 tal-2002, f'dan il-każ ukoll, il-mediċina perikoluża misjuba kellha tiġi miżmuma mill-persuna nominata, ossija d-Direttur tas-Saħħa. Dan jirriżulta li ma seħħx.

127. Il-kwistjoni legali allura hija jekk meta sar l-Avviż Legali, intiż kif kien li joffri għajnuna speċjalistika fil-kustodja tal-oġġetti eżebiti lir-Reġistratur, isegwix ukoll li r-Reġistratur bis-saħħa ta' dan l-Avviż Legali kienx b'dik il-ħatra ta' dawk il-persuni (li ġaladarba nominati bis-saħħa ta' Avviż Legali jindika li għandhom ukoll l-approvazzjoni tal-Ministru) ċeda b'mod ġenerali dak id-dover bażiku marbut mal-kustodja fiżika tal-oġġetti infushom f'kull każ li jkollu quddiemu b'mod li allura issa kull oġġett eżebit u li jkun meritu ta' dik id-delega jkun irid bilfors jiġi miżmum minn dak l-Uffiċjal Pubbliku hekk delegat u mhux iżjed mir-Reġistratur jew inkella jfissirx li anke jekk saret dik il-ħatra bis-saħħa ta' dak l-Avviż Legali jekk u meta r-Reġistratur jiddeċiedi li oġġett jew oġġetti partikolari jibqgħu jiġu kustoditi materjalment minnu hu ma jkunx bilfors marbut li jiddepożitah materjalment ma dak l-Uffiċjal Pubbliku speċifiku nominat fl-Avviż Legali.

128. Mit-test tal-Liġi nnifsu ma jirriżultax li r-Reġistratur ġie b'xi mod meħlus mill-obbligu tiegħu li jikkustodixxi l-oġġetti depożitati fil-

Qorti. Il-Liġi prinċipali, ossija l-Kodiċi Kriminali xorta waħda baqa' jżomm dan l-oneru marbut mar-Reġistratur tal-Qrati Kriminali. U bis-saħħa tal-Avviż Legali 121 tal-2002 ma jirriżulta minn imkien li ġiet stipulata xi konsegwenza legali jekk u meta r-Reġistratur, għal raġunijiet li jaf hu, jagħżel li ma jimxix mat-termini ta' dak l-Avviż Legali.

129. Bis-saħħa tal-Avviż Legali 122 tal-2002 il-Liġi kristallizzat il-ħatra mir-Reġistratur ta' dawk l-Uffiċjali Pubbliċi partikolari (u allura approvati mill-Ministru grazzi għall-pubblikazzjoni tal-ismijiet tagħhom fil-gazzetta in kwantu trattasi ta' Avviż Legali) bħala dawk li għandhom ikollhom il-kustodja fiżika tal-oġġetti jekk u meta r-Reġistratur jagħżel li ma jżommx l-oġġetti hu stess iżda li, għal xi raġuni jew oħra jqis li jkun jeħtieġ li dawn jiġu kustoditi minn xi ħadd minn dawn l-Uffiċjali Pubbliċi grazzji għall-ispeċjalizzazzjoni tagħhom.

130. Dan qiegħed jingħad in kwantu l-Liġi Principali, l-artikolu 669(2) tal-Kodiċi Kriminali jagħti s-setgħa lir-Reġistratur bl-approvazzjoni tal-Ministru, li **jaħtar** lil dawk il-persuni l-oħra biex iżommu dawk l-oġġetti. iżda fl-istess waqt dik il-Liġi **ma ħelsitux mill-obbligu prinċipali tal-kustodja** tal-istess oġġetti li xorta waħda baqgħet mansjoni u dmir inderogabbli tiegħu. L-oneru tal-kustodja xorta waħda baqa' inkombenti fuq ir-Reġistratur, bid-differenza pero li issa, grazzi għall-ħatra approvata tal-Uffiċjali Pubbliċi nominati, jekk u meta r-Reġistratur jagħżel li għal xi raġuni jew oħra jkun jeħtieġ li oġġetti jiġu kustoditi materjalment f'post ieħor li ma jkunx il-Qorti, huwa issa marbut mhux li jirreferi bilfors, dejjem u f'kull każ l-oġġetti li jkunu ġew preżentati l-Qorti, iżda għandu s-setgħa li meta oġġetti jiġu eżebiti l-Qorti u huwa jqis li jeħtieġ, għal xi raġuni valida li dawk l-oġġetti jiġu miżmuma f'positijiet jew f'kundizzjonijiet partikolari u speċjalistiċi, huwa jkun jista' jirreferi dak l-oġġett lil dik il-persuna nominata fl-Avviż Legali bħala l-persuna maħtura minnu u debitament approvata mill-Ministru biex taqdi dik il-mansjoni f'isem ir-Reġistratur. Iżda b'daqshekk ma jfissirx li r-Reġistratur irid bilfors, f'kull każ, jgħaddi dawk l-oġġetti lil dawn l-Uffiċjali Pubbliċi nominati.

131. B'hekk din il-Qorti lanqas ma tista' taqbel mal-akkużat fejn dan jargumenta li kien hemm proċedura difettuża ta' ħażna illeġġittima tad-droga, oġġett ta' prova f'dawn il-proċeduri, u lanqas ma hemm evidenza li ġiet kompromessa l-kontinwita' tal-evidenza.

**Għaldaqstant din l-eċċezzjoni B.c.1 qiegħda tiġi miċħuda.**

**Ikkunsidrat**

132. Illi l-eċċezzjonijiet preliminari ndikati bħala B.d, B.e, u B.f sejrin jiġu trattati flimkien stante li fin-natura tagħhom huma simili in kwantu l-akkużat jattakka l-ammissibilita' ta' prova minħabba ksur tal-prinċipju tac-'chain of custody' fir-rigward tas-segwenti evidenza ppreżentata fl-istadju tal-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja:

i) L-irċevuti relatati mal-esebiti ppreżentati mill-espert Godwin Sammut skont dak li xehed f'foljo 177 et seq. tal-atti proċesswali bħala dawk l-esebiti li għadda lil Dr. Marisa Cassar;
ii) L-irċevuti li juru li l-esebiti effettivament ġew irritornati minn PC 813 Clinton Vella skont dak li xehed f'foljo 626 et seq. tal-atti proċesswali;
iii) L-esebiti li fuqhom wettaq l-analiżi l-espert Dr. Stephen Farrugia Sacco in kwantu dan jixhed illi għaddiehomlu PC 773 Ryan Tonna li pero' fl-ebda ħin ma nġieb sabiex jixhed fl-istadju kumpilatorju tal-proċeduri;
iv) Ir-ritratti esebiti mill-Ispettur Justine Grech in kwantu fl-ebda ħin ma ġie kkonfermat illi kienet hi li ħadet dawn ir-ritratti.

133. Issa, in kwantu għall-eċċezzjonijiet indikati bħala B.d u B.e, din il-Qorti taghmel referenza għall-appell kriminali kolleġjali **Ir-Repubbblika ta' Malta vs. George Degiorgio et** deċiż nhar it-22 ta' Settembru 2021 fejn intqal is-segwenti dwar is-"submission forms":

> Illi fuq kollox il-prova li ssir permezz ta' dawn il-formoli hija unikament intiża sabiex tiġi stabbilita' l-katina tal-evidenza tal-esebiti elevati fil-kors tal-investigazzjoni u li minnhom jistgħu jemerġu xi provi ndizzarji rilevanti sabiex il-Prosekuzzjoni issaħħaħ il-każ tagħha. Illi madanakollu din mhijiex l-unika u l-aħjar prova li tista' ssir billi kull persuna nvoluta fil-ġbir, konservazzjoni, kustodja u analiżi tal-evidenza materjali tista' tagħti x-xhieda tagħha b'mod dirett sabiex b'hekk il-prova li ssir permezz tal-imsemmija submission forms isservi unikament sabiex din l-evidenza diretta tiġi kkorraborata minn din il-provi indiretta jew sekondarja. **Dan ifisser illi f'dan l-istadju tal-proċeduri l-Qorti ma tistax twarrab din il-prova.**[29]

[29] Enfasi miżjuda.

134. Imbagħad, għal dak li jirrigwarda l-eċċezzjoni ndikata bħala B.f din il-Qorti tagħmel referenza għall-insenjament magħmul fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. David Sant** deċiż nhar il-15 ta' Ottubru 2007:

> Din il-Qorti pero', ma taqbilx mal-appelllant li dan id-dokument kellu jiġi dikjarat inammissibbli. Wieħed irid jiddistingwi bejn l-ammissibilita' ta' dokument u l-valur probatorju li jista' jingħata lil tali dokument. Għalkemm huwa dejjem desiderabbli li meta jiġi eżebit dokument li jkun irreġistra xi xena jew diskors – film, video clip, tape recording u reġistrazzjonijiet oħra simili – jittella' jixhed xi ħadd li jkun jista' jikkonferma kif u taħt liema ċirkostanza saret dik ir-reġistrazzjoni, **tali konferma ma hix pre-rekwiżit għall-ammissibilita' tad-dokument.**[30]
>
> ../..
>
> Fil-kaz **Kuruma, Son of Kaniu v. The Queen**, Lord Goddard CJ qal hekk fir-rigward:- ". .
>
> the test to be applied in considering whether evidence is admissible is whether it is relevant to the matters in issue. If it is, it is admissible and the court is not concerned with how the evidence was obtained. While this proposition may not have been stated in so many words in any English case there are decisions which support it, and in their lordships' opinion it is plainly right in principle."
>
> Il-prinċipju jibqa' li t-test huwa dak tar-relevanza: jekk il-filmat jew ritratti jew reġistrazzjoni hu jew jista' jkun relevanti – jiġifieri mhux manifestament irrelevanti -allura fin-nuqqas ta' xi exclusionary rule of evidence dak id-dokument hu ammissibbli, salv dejjem kif ingħad il-kwistjoni tal-valur probatorju. Mill-banda l-oħra, jekk ir-relevanza tad-dokument ma tkunx tista' tiġi stabbilita mill-istess filmat jew ritratt jew reġistrazzjoni allura fin-nuqqas ta' xi xhud li jkun jista' jistabbilixxi dik ir-rilevanza, il-qorti tista' tasal għall-konklużjoni li dak l-istess dokument hu manifestament irrelvanti u allura anqas biss tqisu.

135. In definittiva, huwa intempestiv f'dan l-istadju li l-Qorti tikkunsidra l-allegata nuqqas tat-traċċjabilita' tal-evidenza kif qiegħed jeċċepixxi l-akkużat u teskludi evidenza f'dan l-istadju meta, bħala fatt, il-kwistjoni dwar tali traċċabilita' għad trid tiġi mistħarrġa meta dawn ix-xiehda jixhdu fil-kors tal-ġuri fejn allura l-evidenza li huma jagħtu kif ukoll l-elementi tal-awtentiċita, traċċabilita u integrita tal-provi tkun sottomessa għall-ġudizzju sovran tal-ġurati.

[30] Enfasi miżjuda.

**Għaldaqstant, l-eċċezzjonijiet preliminari ndikati bħala B.d, B.e u B.f qiegħdin jiġu miċħuda.**

**Ikkunsidrat**

136. Illi permezz tal-eċċezzjoni preliminari ndikata bħala B.g l-akkużat jibda billi jattakka ir-Raba' Kap tal-Att tal-Akkuża u qiegħed jippretendi li din il-Qorti tiskarta dan il-Kap in kwantu n-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura allegatament misjuqa minn MIZZI kien hemm punt fejn ġie indikat fl-istess Kap bħala "DRN 92" u "DRN 792" rispettivament. In oltre, jisħaq kif din il-Qorti għandha wkoll tiskarta x-xhieda tal-uffiċjali tal-Pulizija PC 1086 Johann Micallef, PC 1564 Kyle Zammit, PC 1494 Andre Grech, PC 760 Chris Saliba, PS 579 Anthony Micallef, PC 101 Ruznai Gaffarena u tordna l-isfilz tagħha għaliex tmur kontra dak iddokumentat u eżebit mir-rappreżentanti tal-LESA u G4S fir-rigward tal-veloċita' li kien għaddej biha l-akkużat MIZZI qabel twaqqaf u ġie arrestat.

137. Għal darba oħra din il-Qorti tirrileva li dak li qiegħed jippretendi l-akkużat huwa li ssir analiżi tal-provi minn din il-Qorti – ħaġa li din il-Qorti f'dan l-istadju ma tistax tagħmlu peress li fid-determinazzjoni ta' eċċezzjonijiet preliminari din il-Qorti ma tistax tieħu deċiżjonijiet li l-Liġi tafda bihom lill-ġurati. L-analiżi jekk hemmx kunflitt bejn il-provi tar-rappreżentanti tal-LESA, G4S u l-Pulizija li xehdu hija riżervata biss lill-ġurati u mhux lil din il-Qorti.

138. Jispetta lil ġurati jisimgħu lil dawn ix-xiehda u mbagħad skont x'jixhdu jaraw lil min jemmnu u safejn jemmnuh.

**Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni preliminari B.g.1 sa 3 qiegħda tiġi miċħuda.**

**Ikkunsidrat**

139. F'din l-eċċezzjoni ndikata bħala B.h l-akkużat jippretendi li din il-Qorti għandha tordna li jiġu skartati x-xhieda tal-Uffiċjali tal-Pulizija b'rabta mal-mument tal-arrest tal-akkużat u konsegwentement tordna l-isfilz ta' kull dokument u eżebit relatat ma' din ix-xhieda. Jeċċepixxi wkoll inkonsistenza bejn id-depożizzjonijiet tal-uffiċjali tal-Pulizija b'mod partikolari bejn dak li xehed PC 1494 Andre Grech f'paġna 38 tal-atti proċesswali u x-xhieda ta' PS 1086 Johann

Micallef. Bl-istess mod jattakka bħala kontradditorja x-xhieda tal-uffiċjal PC 101 Ruznai Gaffarena in kwantu għax-xhieda tiegħu fuq il-kwistjoni ta' jekk intużatx forza kontra l-akkużat fil-mument tal-arrest tiegħu. Illi għalhekk, jilmenta l-akkużat, li meta wieħed jagħsar ix-xhieda tal-uffiċjali tal-pulizija wieħed isaqsi minn fejn ġew il-ġrieħi li soffra l-akkużat MIZZI, ġrieħi li ġew ikkonstatati anki mill-espert mediko legali Dr. Mario Scerri.

140. Kif intqal fil-bidu ta' din is-sentenza, din il-Qorti ma tidħolx fuq kwistjonijiet ta' allegati ksur tad-drittijiet fundamentali. Għal dan hemm Qrati oħra. Il-kwistjoni dwar jekk l-akkużat kienx aggredit mill-Pulizija o meno jew kienx suġġett għal trattament abbużiv jista' jkun meritu ta' proċeduri separati minn dawn quddiem l-Awtoritajiet kompetenti biex min naqas, jekk naqas, jagħmel il-kont mal-Ġustizja.

141. Kif intqal ukoll din il-Qorti ma tistax tinterpreta hi l-fatti ta' dan il-każ. Dak huwa mħolli f'idejn il-ġurati. Jekk il-ġurati jemnux lil Pulizija f'dak li qalu jew jemnux il-verżjoni tal-akkużat – jekk ikun hemm waħda mogħtija lil ġurati apparti l-istqarrija rilaxxjata minnu – hija kwistjoni li jridu jiddeċiedu dwarha l-ġurati u ma tistax tkun din il-Qorti li tiddeċiedi minflokhom.

142. Għalkemm quddiem din il-Qorti l-akkużat f'dan l-istadju jikkontesta l-arrest tiegħu bħala wieħed li jmur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, fis-seduta tat-2 ta' Frar 2019, huwa ma kkontestax il-validita' tal-arrest u ma jidhirx li qatt ġie ntavolat rikors ai termini tal-Artikolu 409A tal-Kodiċi Kriminali. Lanqas ma jidher li saru xi talbiet f'dan is-sens fl-istadju kumpilatorju tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja meta fis-seduta ta' nhar it-3 ta' Lulju 2019 xehed l-espert mediko legali Dr. Mario Scerri.

143. Ma hemm xejn li jeskludi l-ammissibilita' tax-xiehda tal-Pulizija jew tat-tobba. Issa jispetta lill-ġurati biex jixtarru u jiddeliberaw dwar il-valur probatorju ta' dik l-istess xhieda. Ċertament, din il-Qorti ma tistax f'dan l-istadju, kif qiegħed jippretendi l-akkużat, li tidħol fuq kwistjonijiet ta' kunflitt ta' provi u kif ingħad, issa jkun imiss lill-ġurati li jiddeċiedu dwar il-fatti li qiegħed jikkontesta l-akkużat.

**Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni preliminari markata B.h.1 sa 17 qiegħda tiġi miċħuda.**

**Ikkunsidrat**

144. Illi finalment, għal dak li jirrigwarda l-eċċezzjoni preliminari ndikata bħala B.i l-akkużat qiegħed jitlob lil din il-Qorti li tiddikjara n-nullita' tat-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża u dan għar-raġuni li l-akkużat qatt ma seta' jinduna li l-persuni li kienu qiegħdin isegwuh kienu uffiċjali tal-Pulizija.

145. L-ewwel xejn jiġi rilevat li teżisti differenza bejn kwistjonijiet ta' inammissibilita' ta' xhieda u kwistjonijiet ta' nullita tal-Att tal-Akkuża jew ta' parti minnha. Dan qiegħed jingħad għaliex filwaqt li l-akkużat inkluda din l-eċċezzjoni preliminari taħt is-sezzjoni 'B. Inammissibilita' ta' Provi', fl-istess nifs jippretendi li t-tielet Kap tal-Att tal-Akkuża jiġi dikjarat null f'minħabba l-**fatt** illi huwa ma kienx jaf li l-persuni li kienu qiegħdin jippruvaw iwaqqfuh kienu uffiċjali tal-Pulizija.

146. Jekk din in-nullita hija radikata fl-Artikolu 449(5)(b) tal-Kodiċi Kriminali – u apparti li din ir-raġuni ta' nullita tal-att tal-akkuża hija waħda minn tnejn ristretta għal wara li jkun ingħata l-verdett mill-ġurija – din ir-raġuni titratta xenarju legali fejn l-Avukat Ġenerali, fil-parti espożitiva ma jkunx inkluda fis-sustanza, deskrizzjoni tal-fatti li jikkostitwixxu r-reat ippostulat f'xi Kap minnhom. Din id-dispożizzjoni mhix intiża biex tiġi nvokata f'każ li l-akkużat iqis li l-provi ma jkunux jirriflettu r-reat li l-akkużat ikun mixli bih f'dak il-kap partikolari. Din l-analiżi ta' fatt hija waħda li teħtieġ li ssir mill-ġurati fl-istadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri u mhix dikjarazzjoni li tista' ssir minn din il-Qorti f'dan l-istadju tal-proċeduri.

147. Din il-Qorti tista' tillimita ruħa biss li tiddeċiedi kwistjonijiet ta' inammissibilita' ta' prova kif ingħad iktar 'il fuq iżda ċertament ma tistax tiddikjara n-nullita' ta' dan it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuża minħabba li, skont l-akkużat, huwa ma setgħax jinduna li l-pulizija kienu dawk li kienu qiegħdin isegwuh u li mbagħad waqqfuh u arrestawh. Jekk dan hux minnu jew le, jekk jitwemminx jew le, hija kwistjoni li l-ġurati jridu jagħrblu meta jisimgħu x-xiehda tal-Pulizija u kwalunkwe xiehda, mistoqsija jew argument li l-akkużat jagħżel li jressaq

**Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni preliminari B.1 1 sa 11 qiegħda tiġi miċħuda.**

## KONKLUŻJONI

**Għaldaqstant stante li ma għadx fadal eċċezzjonijiet preliminari x'jiġu deċiżi, il-kawża qed tiġi differita "sine die" sakemm ikun deċiż xi appell eventwali u/jew sakemm imissha t-turn tagħha biex tinstema' quddiem din il-Qorti bil-ġurati, skond jekk isirx appell minnha jew le. Sadattant l-akkużat jibqa' jgawdi mill-istess kondizzjonijiet għal dak li jirrigwarda l-ħelsien mill-arrest.**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**